| Zurrieq OldBoys | 7 | 1 | 1 | 5 | 5 | 25 | 4 |

### FUTSAL - II Diviżjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 28 Nov | Wilkinsons Swords vs Tal-Werqa S.G. | 1-2 |
| 29 Nov | Hacienda Bar vs El Mundos Valletta St Pauls4-4 | |
| 05 Diċ | Zurrieq FC vs Stingrays | 2-0 |
| 06 Diċ | Kerygma Kristal vs Tal-Werqa S.G. | 4-4 |
| 12 Diċ | Paola Downtowns FC vs El Mundos Valletta St Pauls | 4-2 |

**Klassifika (FUTSAL II Diviżjoni B)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Paola Downtowns | 7 | 5 | 1 | 1 | 20 | 10 | 16 |
| Kerygma Kristal | 7 | 4 | 3 | 0 | 27 | 15 | 15 |
| Zurrieq FC | 7 | 4 | 2 | 1 | 24 | 12 | 14 |
| El Mundos VSP | 7 | 3 | 1 | 3 | 22 | 21 | 10 |
| Hacienda Bar | 6 | 2 | 2 | 2 | 21 | 19 | 8 |
| Tal-Werqa SG | 7 | 2 | 1 | 4 | 18 | 27 | 7 |
| Wilkinson Sword | 6 | 1 | 0 | 5 | 6 | 19 | 3 |
| Stingrays | 7 | 1 | 0 | 6 | 11 | 26 | 3 |

### FUTSAL - III Diviżjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 01 Diċ | Point Break Bobs vs Demons | 2-2 |
| 01 Diċ | Qormi FC vs Riviera FC | 2-5 |
| 03 Diċ | Warriors vs New Team Futsal Club | 3-1 |
| 05 Diċ | Mosta FC vs Demons | 6-3 |
| 09 Diċ | AC Trampi vs Riviera FC | 2-2 |
| 09 Diċ | Point Break Bobs vs Qormi FC | 4-4 |
| 11 Diċ | Demons vs Warriors | 2-1 |
| 15 Diċ | Riviera FC vs New Team Futsal Club | 5-0 |
| 17 Diċ | Point Break Bobs vs AC Trampi | 8-3 |

**Klassifika (FUTSAL III Diviżjoni A)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Demons | 8 | 6 | 1 | 1 | 31 | 17 | 19 |
| Mosta FC | 7 | 5 | 1 | 1 | 32 | 24 | 16 |
| PointBreak Bobs | 8 | 4 | 2 | 2 | 27 | 23 | 14 |
| Warriors | 7 | 3 | 2 | 2 | 24 | 20 | 11 |
| Riviera FC | 9 | 3 | 2 | 4 | 29 | 27 | 11 |
| AC Trampi | 8 | 1 | 3 | 4 | 19 | 29 | 6 |
| New Team FC | 8 | 1 | 1 | 6 | 17 | 24 | 4 |
| Qormi FC | 7 | 0 | 4 | 3 | 18 | 33 | 4 |

### FUTSAL - III Diviżjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 01 Diċ | Versity AFC vs Classics Futsal Club | 0-7 |
| 03 Diċ | St. Helen Band Club vs ECB FC | 4-4 |
| 03 Diċ | Pietà Futsal vs Busy Bee | 2-4 |
| 05 Diċ | Safi Southsiders vs Classics Futsal Club 3-1 | |
| 09 Diċ | Capital Boys vs ECB FC | 3-5 |
| 11 Diċ | Versity AFC vs St. Helen Band Club | 1-3 |
| 11 Diċ | Classics Futsal Club vs Busy Bee | 2-3 |
| 15 Diċ | Classics Futsal Club vs Pietà Futsal | 2-0 |
| 15 Diċ | ECB FC vs Busy Bee | 3-0 |

**Klassifika (FUTSAL III Diviżjoni B)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| SafiSouthsiders | 7 | 6 | 0 | 1 | 19 | 14 | 18 |
| ECB FC | 8 | 4 | 3 | 1 | 25 | 18 | 15 |
| Classics FC | 8 | 4 | 2 | 2 | 24 | 12 | 14 |
| Capital Boys | 7 | 4 | 1 | 2 | 24 | 12 | 13 |
| St.Helen BC | 7 | 3 | 2 | 2 | 18 | 13 | 11 |
| Busy Bee | 8 | 2 | 1 | 5 | 11 | 24 | 7 |
| Pieta' Futsal | 8 | 1 | 1 | 6 | 12 | 26 | 4 |
| Versity AFC | 7 | 1 | 0 | 6 | 14 | 28 | 3 |

### FUTSAL - IV Diviżjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 02 Diċ | Mgarr U. FC vs Sporting Gauchos | 0-6 |
| 04 Diċ | DHL Arrows vs QR Co Ltd | 6-1 |
| 10 Diċ | Zebbug R. FC vs Gladiators | 1-5 |

**Klassifika (FUTSAL IIII Diviżjoni A)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gladiators | 4 | 4 | 0 | 0 | 22 | 9 | 12 |
| DHL Arrows | 3 | 1 | 0 | 0 | 19 | 7 | 9 |
| Zebbug R. FC | 3 | 1 | 1 | 1 | 8 | 10 | 4 |
| Sporting Gauchos | 3 | 1 | 0 | 2 | 13 | 10 | 3 |
| Melita A. FC | 2 | 1 | 0 | 1 | 7 | 10 | 3 |
| Mgarr U. FC | 3 | 1 | 0 | 2 | 8 | 13 | 3 |
| Fresh Events | 2 | 0 | 1 | 1 | 5 | 7 | 1 |
| Pembroke A. FC | 1 | 0 | 0 | 1 | 4 | 7 | 0 |
| QR | 3 | 0 | 0 | 3 | 4 | 17 | 0 |

## FUTSAL – IV Diviżjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 02 Diċ | Cougars FC vs Msida St. Joseph FC | |
| 04 Diċ | Sliema Futsal vs Boca Juniors | 4-3 |
| 10 Diċ | Dark Stars vs Napoli Club (Malta) | 3-6 |
| 12 Diċ | Bidnija Rovers vs Dream Theatre | 1-2 |
| 16 Diċ | B'Kara St. Joseph SC vs Cougars FC | 5-1 |

**Klassifika (FUTSAL IIII Diviżjoni B)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B'Kara SJ FC | 4 | 4 | 0 | 0 | 14 | 3 | 12 |
| Sliema Futsal | 3 | 3 | 0 | 0 | 17 | 6 | 9 |
| Dark Stars | 4 | 2 | 0 | 2 | 14 | 11 | 6 |
| Boca Juniors | 3 | 2 | 0 | 1 | 10 | 7 | 6 |
| Bidnija Rovers | 4 | 2 | 0 | 2 | 13 | 13 | 6 |
| Napoli Club | 4 | 1 | 1 | 2 | 9 | 10 | 4 |
| Msida SJ | 3 | 1 | 1 | 1 | 6 | 10 | 4 |
| Dream Theatre | 4 | 1 | 0 | 3 | 6 | 11 | 3 |
| Deportivo Estudiantes | 3 | 1 | 0 | 2 | 6 | 14 | 3 |
| Cougars | 4 | 0 | 0 | 4 | 7 | 17 | 0 |

## FUTSAL – IV Diviżjoni Ċ

| | | |
|---|---|---|
| 04 Diċ | Dynamo Sportiv vs Hamrun Spartans FC 0-16 | |
| 10 Diċ | Progress Press vs Todos | 1-1 |
| 18 Diċ | Valletta Leons vs Red Marleys | 0-6 |

**Klassifika (FUTSAL IIII Diviżjoni Ċ)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Red Marleys | 3 | 3 | 0 | 0 | 14 | 3 | 9 |
| Iż-Żebbuġin | 3 | 2 | 0 | 1 | 10 | 7 | 6 |
| Todos | 3 | 1 | 2 | 0 | 6 | 4 | 5 |
| Hamrun Spartans FC | 3 | 1 | 1 | 1 | 20 | 6 | 4 |
| Fgura United FC | 2 | 1 | 0 | 1 | 9 | 4 | 3 |
| Progress Press | 2 | 0 | 2 | 0 | 1 | 1 | 2 |
| Valletta Lions | 3 | 0 | 1 | 2 | 1 | 9 | 1 |
| Dynamo Sportiv | 3 | 0 | 0 | 3 | 2 | 29 | 0 |

## YOUTHS – Sezzjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 02 Diċ | Sliema W. vs Lija A. | 2-0 |
| 02 Diċ | Mgarr U. vs Floriana | 0-2 |
| 04 Diċ | Balzan Y. vs Hibernians | 0-3 |
| 04 Diċ | Pietà H. vs Birkirkara | 1-1 |
| 09 Diċ | Valletta vs San Gwann | 3-2 |
| 09 Diċ | Floriana vs Lija A. | 4-1 |
| 15 Diċ | Hibernians vs Sliema W. | 1-3 |
| 15 Diċ | Mgarr U. vs Pieta' H. | 0-2 |
| 18 Diċ | San Gwann vs Balzan Y. | 1-0 |
| 18 Diċ | Birkirkara vs Valletta | 1-0 |

**Klassifika (YOUTHS – A)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sliema Wanderers | 5 | 3 | 2 | 0 | 10 | 3 | 11 |
| Pieta' Hotspurs | 5 | 3 | 1 | 1 | 10 | 7 | 10 |
| Valletta | 5 | 2 | 2 | 1 | 9 | 6 | 8 |
| Floriana | 5 | 2 | 2 | 1 | 7 | 4 | 8 |
| Hibernians | 5 | 2 | 1 | 2 | 10 | 6 | 7 |
| San Gwann | 5 | 2 | 1 | 2 | 6 | 4 | 7 |
| Mgarr United | 5 | 2 | 1 | 2 | 5 | 7 | 7 |
| Balzan Youths | 5 | 2 | 0 | 3 | 3 | 7 | 6 |
| Birkirkara | 5 | 1 | 2 | 2 | 5 | 8 | 5 |
| Lija Athletic | 5 | 0 | 0 | 5 | 3 | 16 | 0 |

## YOUTHS – Sezzjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 30 Nov | Hamrun S. vs Mosta | 0-2 |
| 06 Diċ | Zurrieq vs Melita | 1-5 |
| 07 Diċ | Siggiewi vs St. Andrews | 1-1 |
| 08 Diċ | Qormi vs Attard | 4-0 |
| 08 Diċ | Mellieha vs St. Patrick | 4-5 |
| 12 Diċ | Zurrieq vs Attard | pp |
| 14 Diċ | Hamrun S. vs St. Andrews | 1-0 |
| 20 Diċ | Hamrun S. vs St. Patrick | 1-2 |






**Klassifika (YOUTHS – B)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St. Patrick | 8 | 7 | 0 | 1 | 33 | 10 | 21 |
| St. Andrews | 8 | 6 | 1 | 1 | 16 | 7 | 19 |
| Hamrun Spartans | 7 | 5 | 0 | 2 | 20 | 9 | 15 |
| Qormi | 8 | 4 | 1 | 3 | 21 | 10 | 13 |
| Mosta | 7 | 4 | 1 | 2 | 13 | 6 | 13 |
| Mellieha | 5 | 3 | 0 | 2 | 13 | 8 | 9 |
| Melita Amateurs | 8 | 2 | 1 | 5 | 14 | 22 | 7 |
| Attard | 7 | 1 | 1 | 5 | 8 | 16 | 4 |
| Siggiewi | 7 | 1 | 1 | 5 | 7 | 31 | 4 |
| Zurrieq | 7 | 0 | 0 | 7 | 1 | 27 | 0 |

## YOUTHS – Sezzjoni Ċ

| | | |
|---|---|---|
| 26 Nov | Birzebbuga SP vs Marsaxlokk | 2-4 |
| 30 Nov | Tarxien R. vs Rabat A. | 4-2 |
| 01 Diċ | Gudja U. vs Senglea A. | 2-7 |
| 01 Diċ | Dingli S. vs St. George's | 1-3 |
| 06 Diċ | Senglea A. vs Naxxar L. | 4-0 |
| 08 Diċ | Gudja U. vs Rabat A. | 1-5 |
| 12 Diċ | Naxxar L. vs Tarxien R. | 2-6 |
| 14 Diċ | B'Bugia S.P. vs Senglea A. | 0-8 |
| 14 Diċ | Rabat A. vs St. George's | 1-2 |
| 17 Diċ | Marsaxlokk vs Naxxar L. | 1-1 |
| 17 Diċ | Msida S.J. vs Tarxien R. | 1-1 |

**Klassifika (YOUTHS - Ċ)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tarxien Rainbows | 7 | 5 | 2 | 0 | 25 | 8 | 17 |
| Msida SJ | 8 | 5 | 2 | 1 | 19 | 9 | 17 |
| Marsaxlokk | 8 | 4 | 3 | 1 | 23 | 12 | 15 |
| Dingli Swallows | 8 | 4 | 0 | 4 | 18 | 22 | 12 |
| Senglea Athletic | 9 | 3 | 2 | 4 | 31 | 23 | 11 |
| Naxxar Lions | 8 | 3 | 1 | 4 | 10 | 18 | 10 |
| Rabat Ajax | 7 | 2 | 2 | 3 | 17 | 13 | 8 |
| Birzebbuga St.Peters | 6 | 2 | 0 | 4 | 7 | 20 | 6 |
| St. George' s | 6 | 2 | 2 | 2 | 10 | 12 | 3 |
| Gudja United | 7 | 0 | 0 | 7 | 8 | 31 | 0 |

## YOUTHS – Sezzjoni D

| | | |
|---|---|---|
| 26 Nov | Fgura U. vs Kirkop U. | 3-2 |
| 27 Nov | Sta. Venera L. vs Vittoriosa S. | 2-1 |
| 27 Nov | Kalkara vs Sirens | 0-6 |
| 30 Nov | Xghajra T. vs Pembroke A. | 1-2 |
| 30 Nov | Zejtun C. vs Gzira U. | 1-5 |
| 07 Diċ | Ghaxaq vs Marsa | 3-1 |
| 07 Diċ | Sirens vs Fgura U. | 1-2 |
| 07 Diċ | Zebbug R. vs Kirkop U. | 0-0 |
| 08 Diċ | Luqa SA vs Mqabba | 4-0 |
| 14 Diċ | Kalkara vs Luqa S.A. | 0-1 |
| 14 Diċ | Mqabba vs Zebbug R. | 1-2 |
| 14 Diċ | Pembroke A. vs Zejtun C. | 7-1 |
| 16 Diċ | Gzira U. vs Sirens | 1-0 |
| 16 Diċ | Vittoriosa S. vs Fgura U. | 1-2 |
| 20 Diċ | Ghaxaq vs Gzira U. | 1-6 |
| 21 Diċ | Kirkop U. vs Sta. Venera L. | 0-4 |

**Klassifika (YOUTHS - D)**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sta.Venera Lightnings | 7 | 6 | 1 | 0 | 22 | 5 | 19 |
| Fgura United | 7 | 6 | 0 | 1 | 27 | 7 | 18 |
| Pembroke Athleta | 7 | 5 | 1 | 1 | 29 | 10 | 16 |
| Gzira United | 7 | 5 | 0 | 2 | 20 | 8 | 15 |
| Zebbug Rangers | 6 | 4 | 1 | 1 | 12 | 4 | 13 |
| Sirens | 6 | 4 | 0 | 2 | 17 | 7 | 12 |
| Luqa St. Andrew' s | 6 | 3 | 1 | 2 | 9 | 11 | 10 |
| Zejtun Corinthians | 7 | 3 | 0 | 4 | 11 | 27 | 9 |
| Marsa | 6 | 2 | 2 | 2 | 13 | 12 | 8 |
| Kirkop | 7 | 2 | 2 | 3 | 10 | 12 | 8 |
| Kalkara | 7 | 1 | 2 | 4 | 4 | 17 | 5 |
| Ghaxaq | 6 | 1 | 1 | 4 | 9 | 26 | 4 |
| Xghajra Tornadoes | 6 | 0 | 1 | 5 | 6 | 14 | 1 |
| Mqabba | 5 | 0 | 0 | 5 | 5 | 16 | 0 |
| Vittoriosa Stars | 6 | 0 | 0 | 6 | 4 | 22 | 0 |

# Born to be wilder

Men live for a real challenge. We've got what you are looking for:
More than 90 sports, 12,000 bets per day, 24/7 live betting.

**play for real**




▸ Sports ▸ Poker ▸ Casino ▸ Games

# bwin Live Bets

### bwin live bets

bwin invented the live bet in 2002: For the very first time, it was possible to bet on sports events while they were taking place. Since then, bwin has continued to build on its position as the leading provider of live bets: From 2004 onwards, customers have been able to place Multi bets (a combination of two or more bets, where the individual odds are multiplied together) live. In 2005, both audio and video coverage of events were integrated into the live betting platform. The betting line-up has been expanded to cover up to 150 events every day. Currently, bwin offers live bets around the clock on events taking place all over the world.

### The most exciting way to place sports bets

The most fascinating aspect of live bets is the fact that betting odds change during the event, often within a few seconds. Sports-related visuals and statistics inform the user about the state of play and the most important occurrences – from the start of the event up until the final whistle or chequered flag. The bwin bookmakers calculate the starting odds and react to incidents during the game as well as to the current betting behaviour of the users – with up to 150 bets available on every event.

### Free video and audio commentary – Live betting is entertainment

Live betting is more than just betting – live betting is entertainment. Video streams and audio commentary on top events are guaranteed to maximise the experience. For example, bwin customers can watch the games from the best European Soccer leagues and Grand Slam Tennis tournaments for free in real time while they place their bets. A personalised area of the web page informs the users about the current status of the bets they have placed, to make sure they don't miss a single second of the action.

### Video coverage of top sports events for live bets

bwin has acquired broadcasting rights for numerous sports events, which include games of the German Bundesliga, Italy's Serie A and B, Portugal's Liga Sagres as well as the UEFA Cup and World Cup qualifiers. Beach Volleyball (Swatch World Tour, Nestea European Tour, Smart Beach Tour) is also part of the video portfolio as well as the Handball, Basketball and Volleyball Bundesliga and Tennis events such as the US Open and ATP Tour. Many of these sports events can only be viewed at bwin. Sports fans can watch up to 1,000 events every month via live video streams.

### The live bettors – a passionate community

Live bettors love fun and excitement. They love to win but, more importantly, they love to feel the excitement when "their" favourite teams or players battle it out for important goals and points. They enjoy sharing their enthusiasm with other sports fans and, at bwin, they have the opportunity to live their passion to the full. There is a personalised chat room for each live event, which is available in all bwin languages. Users can share their picks, success stories and emotions with all other users or only with selected friends, their so-called live buddies. On average, more than 10,000 customers meet up in these chat rooms every day with more than 4,000 customers using the chat facility simultaneously. Live chat in this format is unique to bwin.

## Competition 1 - Final Classification

| MATCH | | 1 | X | 2 | USER ID | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 296958M | Hibernians2 | 19860G | erukeru | 53458M | 296448 | 13679M |
| September 2008 | | | | | | | | | | | |
| Denmark | Malta | 1 | | | | | | 3 | | | |
| England | Kazakhtan | 1 | | | | | | 3 | | | |
| Bulgaria | Italy | | x | | | | | 3 | | | |
| Germany | Russia | 1 | | | | | | 3 | | | |
| Malta | Hungary | | | 2 | | | | 0 | | | |
| Belarus | England | | | 2 | | | | 3 | | | |
| Italy | Montenegro | 1 | | | | | | 3 | | | |
| Germany | Wales | 1 | | | | | | 3 | | | |
| Birkirkara | Sliema | 1 | | | | | | 0 | | | |
| Milan | Sampdoria | 1 | | | | | | 3 | | | |
| Man. United | Celtic | 1 | | | | | | 3 | | | |
| Juventus | Real Madrid | 1 | | | | | | 0 | | | |
| Fenerbache | Arsenal | | | 2 | | | | 3 | | | |
| Chelsea | Roma | 1 | | | | | | 0 | | | |
| Inter | Amorthosis | 1 | | | | | | 3 | | | |
| Atletico | Liverpool | | x | | | | | 3 | | | |
| October 2008 | | | | | | | | | | | |
| Hibernians | Tarxien | | X | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Qormi | Valletta | | X | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Sliema | Msida | 1 | | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| Marsaxlokk | Birkirkara | | X | | 0 | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 |
| Roma | Lazio | 1 | | | 0 | 3 | 0 | 3 | 3 | 3 | 0 |
| Inter | Juventus | 1 | | | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 | 0 | 0 |
| Villarreal | Man. United | | X | | 0 | 3 | 3 | 0 | 0 | 0 | 3 |
| Bayern | Steaua | 1 | | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| Fiorentina | Lyon | | | 2 | 0 | 0 | 3 | 0 | 3 | 0 | 0 |
| Arsenal | Dynamo Kiev | 1 | | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| Zenit | Juventus | | X | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Bordeaux | Chelsea | | X | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| CFR Cluj | Roma | | | 2 | 0 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 0 |
| Inter | Panathinaikos | | | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Sporting | Barcelona | | | 2 | 3 | 0 | 3 | 0 | 3 | 3 | 3 |
| Liverpool | Marseille | 1 | | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| TOTAL POINTS | | | | | | 15 | 24 | 24 | 54 | 27 | 21 |

**Winner of the first bwin competition is Erukeru**

www.bwin.com




Roger Camilleri waqt sessjoni ta' taħriġ

**Isem:**
Roger Camilleri

**Joqgħod:**
San Gwann

**Kariga:**
Head Coach – Sezzjoni tal-Goalkeepers tal-MFA

**Karriera ta' plejer:**
Sliema Veritas AFC, Sliema Wanderers FC, Zurrieq FC, Milton Keynes Bucks FC (Ingilterra)

**Karriera ta' kowċ:**
Luxol St.Andrew' s FC, Birkirkara FC, Malta Football Association

**Coaching Clinics:**
Ma' diversi klabbs ta' fama fosthom Watford FC, Northampton FC, Luton Town FC, Liverpool FC, Chelsea FC (Ingilterra); Vojvodina FC, Hajduk Rodic FC, OFK Belgrade FC (Serbja)

# "Il-goalkeepers kollha mġienen, iridu jirbħu, iżda diffiċli jiskorjaw"

**Roger Camilleri**

Fil-futbol ħafna drabi nitkellmu dwar goal sabiħ, dwar il-kontroversja tar-referee, dwar l-għażliet tal-kowċ jew il-plejer stilla fit-tim u ninsew li bejn il-lasti hemm goalkeeper li tant hu determinanti li jista' jrebbaħ jew itellef logħba waħdu. Il-goalkeeper huwa plejer importanti ħafna fit-tim iżda f'pajjiżna kif inħarsu lejh? Roger Camilleri, kowċ tal-goalkeepers tat-timijiet nazzjonali tal-MFA tkellem ma' SPORTIV ... u dwaru u fuq il-goalkeepers qalilna hekk ...

Bdejt nilgħab f'Malta ma' Sliema Veritas, tim tad-dilettanti li maż-żmien ħafna mill-plejers li kellhom livell kienu jispiċċaw jilagħbu ma' Sliema Wanderers. Wara li għamilt xi żmien mal-Wanderers, kelli esperjenza qasira ma' Zurrieq u wara kont emigrajt lejn l-Ingilterra. Hemm hekk bdejt nilgħab ma' klabb f'Buckinghamshire iżda sfortunatament kont weġġajt u kelli nieqaf mill-karriera ta' goalkeeper. Minn hemm il-kuġin tal-mara, Gordon Brown, eks-plejer ta' Northampton FC, kien qalli biex nibda nieħu korsijiet tal-goalkeepers u biex b'hekk inkun nista' nibda karriera fis-settur tal-coaching. Fil-fatt hekk għamilt u bdejt nagħmel diversi korsijiet ta' apprentist ma' diversi klabbs rinomati. Kont indur il-klabbs, nagħmel tliet xhur ma' klabb u wara mmur ma' klabb ieħor. Kont qiegħed nitgħallem fil-professjonaliżmu. Bdejt mill-bażi. Kienu jgħiduli li qabel ngħallem irrid nitgħallem. Fil-fatt l-ewwel esperjenzi kienu kif tinżamm dressing room nadifa, kif taħdem il-laundry room, kif isiru x-xbieki tal-lasti u xogħol bħal dan. Kont immur id-dar u lill-mara ngħidilha li ma stajtx nifhem kif mort biex inkun mal-goalkeepers u kont nispiċċa nagħmel xogħol ieħor. Darba meta kont ma' Watford FC kien ġie fuqi Tommy Taylor, qalli biex immur miegħu, daħħalni ġo dressing room kbira u qalli ibda iknes. Dak il-ħin bqajt issummat, qbadt niknes u meta spiċċajt mort lura fuqu u għedtlu li kont lest. Kien ġie jiċċekjaha, qalli prosit, erġa' ibda u wara xi ħames darbiet li mort u dejjem jgħidli biex nerġa' nagħmilha, qabżitli u għedtlu li jien dan ma kienx xogħli. Dar fuqi u qalli... din l-ewwel lezzjoni (bejni u bejn ruħi għedt prosit għaxxaqtha) u kompla jekk jiġi goalkeeper u jistaqsik l-istess ħaġa għal darba, tnejn, tlieta jew aktar, ir-reazzjoni tiegħek tkun hekk, qalli taqbiżlek hekk b'dan il-mod? Kienet lezzjoni kbira li għadni niftakar sal-lum. Wara kont għamilt diversi korsijiet fil-livell ta' foundation, fosthom dak tal-First Aid, tal-Fiżjoterapija u tal-Masseur. Dawn kollha jgħinuk fix-xogħol. Minn hemm kien ġie l-kowċ tal-goalkeepers u bdejt naħdem miegħu mal-goalkeepers. Kienet esperjenza li ma nistax ninsa għax taħdem ma' klabb professjonali u tgħix is-sistema ta' klabb professjonali hija l-aktar ħaġa sabiħa għal min iħobb dan l-isport. Niftakar minn hemm kont mort ma' Northampton FC u flimkien mal-kowċ tal-goalkeepers konna nieħdu ħsieb il-goalkeepers tal-ewwel tim u tar-riservi u wara kont immur ngħin fl-iskola taż-Żgħar. Minn hemm ħadt ħafna esperjenza u llum ngħid li l-esperjenza mhux mill-kotba jew minn xi DVD tiġi, iżda mix-xogħol li tagħmel fuq il-pitch ma' nies professjonali. Għalkemm bħala kowċ tat-tim nazzjonali lħaqt il-massimu li stajt nilħaq f'pajjiżna, xorta waħda għadni attiv u dejjem nipprova nitgħallem aktar. Kull sena mmur nagħmel diversi coaching clinics għand klabbs professjonali. li tkun taf qatt ma jkun biżejjed, dejjem titgħallem xi ħaġa ġdida mill-futbol modern. Ix-xogħol ta' taħriġ mal-goalkeepers huwa xogħol speċjalizzat u għaldaqstant trid taġġorna ruħek ma' dak kollu li jsir barra pajjiżna.

**Lura Malta**

Wara diversi snin l-Ingilterra, fejn kelli esperjenzi vasti ma' klabbs diversi, ġejt lura Malta. Ridt insib klabb fejn inkompli bix xogħol tiegħi. L-ewwel ħsieb kien li f'Malta l-klabbs kienu għadhom ftit lura fil-mentalità u għalhekk kienet se tkun diffiċli għalija li nsib klabb għaliex ħadd mill-klabbs lokali ma kienu jemmnu li l-goalkeepers kellhom ikollhom kowċ għalihom. Fortunatament kien ċempilli Norman Darmanin Demajo u kien ħajjarni nibda naħdem fi ħdan il-Luxol Sports Club. Id-deċiżjoni ma domtx ma ħadtha. Luxol minn dejjem kienu l-ewwel fl-iżvilupp tal-infrastruttura u għalhekk kont iddeċidejt li naħdem magħhom. Kont nieħu ħsieb it-tim tal-kbar u kif ukoll in-Nursery. Il-klabbs f'Malta jaħsbu li kowċ tal-goalkeepers importanti biss f'ċertu livell, jien ma naqbilx, kowċ tal-goalkeepers tridu f'kull livell, kif għedt qabel




Dusan Fitzel, Michael Stritz u Roger Camilleri waqt sessjoni f'Ta' Qali




Roger flimkien mal-kollega Charles Sciberras

il-goalkeeper irid taħriġ speċjalizzat. Ma tistax tħalli goalkeepers waħedhom f'rokna, ma jafux x'iridu jagħmlu u ma jafux minn fejn se jibdew. Kowċ tal-iskwadra mod u kowċ tal-goalkeepers mod ieħor, għax dawn ma jagħmlux l-istess xogħol. Meta St.Andrew' s ingħaqdu ma' Birkirkara kont mort ma' Birkirkara Luxol, iżda meta reġgħu nfirdu, Birkirkara xtaqu li jien nibqa' naħdem magħhom. Tkellimt mad-diretturi ta' Luxol u qaluli li l-aħjar kien li nibqa' ma' Birkirkara, kienu aċċettaw il-fatt li bħala tim tal-Premier kien hemm aktar potenzjal. Mal-klabb Karkariż kont għamilt 12–il sena, fejn matulhom irbaħna kull unur, sakemm irċevejt telefonata minn Ta' Qali. Għalija kienet ferħa, iżda kelli wkoll diżappunt li kelli nitlaq minn klabb li kont għall-qalbi miegħu. Ta' Qali totalment differenti, biss biss il-ħaxix naturali waħdu diġà huwa biżżejjed biex jistimolak taċċetta li taħdem hemm. Niftakar kien ċempilli Ivan Vella. Dan laqqagħni ma' Dusan Fitzel u qalli biex nibda mill-ewwel, iżda ma stajtx għaliex kien wasal biex jispiċċa l-kampjonat u Birkirkara konna fl-ewwel post u dak l-istaġun konna rbaħna t-titlu. Meta spiċċa kollox kont bdejt ix-xogħol tiegħi mal-MFA fuq bażi full-time.

**Iċ-Ċentru Tekniku f'Ta' Qali**

Ix-xogħol mal-MFA huwa wieħed vast u jinħtieġ ħafna ppjanar. Mal-kowċ Dusan Fitzel immur tajjeb, matul dawn l-aħħar snin tgħallimt ħafna mingħandu. Għandu mentalità tremenda u jkun irid jirbaħ kull konfront. Qabel it-taħriġ nitkellmu ħafna, nippreparaw is-sessjoni flimkien u naqsmu l-ideat ta' xulxin. L-apparat fiċ-Ċentru Tekniku mhux nieqes u dan jagħmel l-affarijiet aktar faċli għalina l-kowċis. It-taħriġ tal-goalkeepers ma jieħux aktar minn siegħa, aktar minn hekk huwa kollu żejjed speċjalment jekk wara dawn jingħaqdu mal-iskwadra biex ikomplu s-sessjoni ta' taħriġ. Flimkien miegħi jaħdem ukoll Charles Sciberras. Jien nieħu ħsieb l-aktar l-iskwadra Nazzjonali A, dawk ta' Taħt il-21 u d-19 –il sena u l-iskwadra tan-Nisa. Charles jiffoka aktar mill-kategorija tal-U/17 'l isfel. Flimkien nistudjaw diversi affarijie u nippruvaw nagħmlu taħriġ varjat biex il-goalkeepers ma jiddejqux, speċjalment fil-livell taż-Żgħar. Ix-xogħol fuq livell ta' nazzjonal mhux faċli, tiret plejers li għalkemm ikunu jilagħbu fl-aqwa livell fil-kategoriji rispettivi, mhux dejjem ikunu lesti għall-qabża. Nieħdu eżempju. Il-koordinazzjoni ta' goalkeeper hija element primarju li l-atleta għandu jkollu. Meta l-goalkeepers jibdew magħna ħafna drabi l-koordinazzjoni tagħhom tkun fqira ħafna. Hemm naraw id-differenza bejn dak li jsir barra u dak li jseħħ f'pajjiżna fir-rigward tal-goalkeepers. Barra l-pajjiż il-klabbs kollha għandhom infrastruttura adekwata, kowċis speċjalizzati u jgawdu minn sistemi professjonali. F'Malta għadna ferm lura f'dan ir-rigward u dawn huma ċirkostanzi li jtellfuk ferm fix-xogħol tagħna. Jien dan l-aħħar mort kemm il-darba s-Serbja u tħarriġt u ħarriġt f'bosta klabbs professjonali hemmhekk. Għalija dak li qegħdin jagħmlu hemm se jiswiehom ħafna fil-futur. Xorta waħda nemmen li hawn ħafna skejjel tal-goalkeepers tajbin barra minn Malta. Meta rajt li l-goalkeepers tagħna għadhom kemm xejn mitluqa mill-klabbs, tkellimt ma' Dusan Fitzel u ddeċidejna li nibdew skola tal-goalkeepers f'Ta' Qali. B'kollox għandna 16–il goalkeeper ta' etajiet żgħar, għaliex nemmen li t-tfal li jridu jsiru goalkeepers iridu jibdew jitħarrġu minn età żgħira. L-iskola nipprova nħaddimha fuq livell professjonali. Għandna tabib mediku, nutrizzjonista, nagħmlu laqgħat mal-ġenituri, insomma, għandna dak kollu li hemm bżonn. It-tfal jintgħażlu mill-iskema tar-Reġjuni u ma jaqgħux taħt in-nazzjonal. Ħafna jistaqsuk kif tagħżlu goalkeeper u jaħsbu li għax ikun twil ikun tajjeb; mhux dejjem għaliex jaf ikun aħjar għall-basketball. Jien u Charles nagħmlu ħafna scouting u nafu x'hawn fis-suq. Nippruvaw nagħtu mportanza lil kulħadd. Għandna kemm Maltin u kif ukoll Għawdxin jattendu, u miftuħa kemm għas-subien u kif ukoll għall-bniet. Nista' ngħid li s'issa qiegħed jirnexxielna. Meta n-numru jonqos għaliex ikun hemm minnhom li jintgħażlu mat-timijiet nazzjonali, nerġgħu indaħħlu goalkeepers ġodda biex inżommu n-numru. Ir-rispons huwa tajjeb ħafna u ferħan ħafna bix-xogħol li qiegħed isir. Nagħfsu ħafna fuq it-teknika, il-pożizzjoni fil-lasta, il-komunikazzjoni, il-personalità u l-koordinazzjoni. Dawn huma kollha elementi determinanti fir-rwol ta' goalkeeper. Dan l-aħħar qegħdin immorru wkoll fil-gżira Għawdxija biex nagħtu korsijiet hemm ukoll u fl-istess waqt insegwu l-goalkeepers Għawdxin.

**L-irwol ta' Goalkeeper u l-Karattru**

F'tim tal-futbol għandek skwadra ta' plejers, fosthom normalment ikun hemm tliet goalkeepers. Sfortunatament, u dan huwa punt li nixtieq insemmi għaliex esperjenzajtu kemm il-darba, il-kowċ rispettiv tal-klabb ma jkollux l-istess djalogu mal-goalkeepers tiegħu, kif ikollu mal-plejers l-oħra. Din hija ħaġa li lili tagħtini wisq fastidju. Il-goalkeepers għandhom rwol determinanti fl-iskwadra u għandhom ikunu rrispettati daqs kull plejer ieħor. Il-komunikazzjoni magħhom trid tkun waħda kostanti. Ma rridux ninsew li l-goalkeepers għandhom bżonn kunfidenza kbira u b'ċertu atteġjament. Meta niġu għat-taħriġ, għalkemm it-taħriġ tagħhom differenti minn dak tal-iskwadra, ix-xogħol li jwettqu huwa mportanti ferm. Il-goalkeeper għandu ħafna xogħol ta' strapazz u għaldaqstant importanti li jagħmel stretching tajjeb kemm qabel u kif ukoll wara t-taħriġ. Fejn fil-klabbs hemm kowċ tal-goalkeepers, dan għandu jikkomunika sew mal-kowċ dwar kif se jqassam is-sessjoni, biex eventwalment il-kowċ tal-goalkeepers ikun jista' jippreparahom skond dak li se jagħmlu mal-iskwadra. Importanti li l-ebda goalkeeper ma jibqa' jħares, jispiċċa jiksaħ u l-istretching li jkun sar jintilef fi ftit minuti. Mil-lat tekniku huma ħafna l-affarijiet importanti għall-goalkeeper. Ma ninsewx li kif inbidlet il-logħba, illum goalkeeper spiċċa plejer u għalhekk l-irwol tiegħu sar wieħed aktar ikkumplikat minn qabel. Żewġ affarijiet li għadni nara u li jdejjquni huma dik li goalkeeper jibqa' fuq it-touch-line u dik li l-plejers waqt il-logħob jibżgħu iqassmu l-ballun lura lejn il-goalkeeper. Il-goalkeeper fit-taħriġ jitgħallem kif jaġġixxi f'dawn is-sitwazzjonijiet, għaldaqstant hemm bżonn li l-plejers kollha jdaħħluha f'rashom li m'hemmx periklu meta ddaħħal lill-goalkeeper fl-azzjoni. Man-nazzjonal nibbażaw ħafna fuqha u mportanti li fil-klabbs isir l-istess. Tinsewx li l-goalkeeper l-aħħar raġel u jara l-logħba kollha. Fir-rigward ta' karattru, il-goalkeeper irid ikollu personalità. Waħda mill-affarijiet li naħdmu fuqha mal-goalkeepers iż-żgħar hija dik li ndarruhom ma jibkux meta jsofru xi goal li jkun it-tort tagħhom. Meta goalkeeper jiżbalja kulħadd jipponta subgħajh, iżda meta plejer ifalli xi ċans faċli ta' skor, qisu qatt ma ġara xejn. B'hekk kull goalkeeper irid ikun sod għaliex tul il-karriera se jkollu ħafna pressjoni fuqu u ma jistax ikunu dgħajjef u jispiċċa jitlef rasu. Fil-fatt ħafna partitarji jgħajru lill-goalkeepers biex dawn jitilfu l-konċentrazzjoni, ġie li ġara li jirnexxielhom, iżda goalkeeper tajjeb iħalli kollox għaddej u jagħtihom risposta bil-wirja tiegħu tul id-90 minuta. Jien inħobb ngħid li l-goalkeepers huma mġienen, fis-sens it-tajjeb, ikunu jridu jirbħu kull logħba, iżda diffiċli għalihom biex jiskorjaw… finalment ma jiddependix minnhom biss. Meta nkun qiegħed insegwi l-logħob dejjem ninnota ħafna affarijiet. Minn hemm ninduna dwar it-tajjeb u l-ħażin ta' goalkeeper u fit-taħriġ naħdmu fuq id-difetti tiegħu. Ix-xogħol tagħna mhux biss fil-pitch, jirrikjedi ħafna ħin nanalizzaw il-logħbiet, speċjalment fil-livell tal-kbar. Wara li matul il-logħba nkun niżżilt l-informazzjoni kollha neċċessarja fuq il-match report sheet, nerġa' mmur nanalizza d-DVD tal-logħba biex nara l-azzjonijiet aħjar. Din l-informazzjoni miġbura nkomplu nibnu fuqha u kull goalkeeper ikollu l-file tiegħu biex jgħinu fl-iżvillup personali tiegħu.

Finalment u wara li sirna nafu lil Roger aħjar dan stqarr li dan ix-xogħol kollu ma kienx ikun possibli li kieku m'għandux l-għajnuna tal-kowċis kollha tan-nazzjonal, speċjalment tal-kollega tiegħu Charles Sciberras u l-appoġġ sħiħ tal-kowċ nazzjonali Dusan Fitzel. Qabel infridna xtaq ukoll jirringrazzja lill-familja tiegħu li minn dejjem kienet warajh fix-xogħol tiegħu.




Roger jipprepara l-goalkeepers nazzjonali qabel konfront internazzjonali

# LIVE & EXCLUSIVE this January on melita sports

## BARCLAYS PREMIER LEAGUE

*The biggest domestic league reaches a crucial phase with some of the major clashes taking place this month.*

| | | |
|---|---|---|
| **Man Utd v Chelsea** | Sunday 11 January at 5pm | **LIVE** |
| **Liverpool v Everton** | Monday 19 January at 9pm | **LIVE** |
| **Arsenal v West Ham** | Saturday 31 January at 4pm | **LIVE** |





## Italian Serie A

*Two title contenders lock horns in a grand match at the Olimpico*

**Roma v Milan** Sunday 11 January at 8:30pm **LIVE**



## Bundesliga

*The German league returns after nearly a month's break with one hot encounter.*

**Hamburger v Bayern München** Friday 30 January at 8:30pm **LIVE**



## Spanish Primera Liga

*January is a vital month for title holders Real Madrid as they face Villarreal who are impressing the lot this season.*

**Real Madrid v Villarreal** Sunday 4 January **LIVE**



## LOCAL SPORTS

***melita sports** is splashing out more local sports, every Thursday night.*

| | |
|---|---|
| **Melita 1st Division GFA** | Thursdays at 8:30pm on 702 |
| **APS 1st Division Handball** | Thursdays at 8:30pm on 703 |
| **Cisk Lager 1st Division League** | Thursdays at 8:30pm on 704 |

## LOCAL PROGRAMMES

| | | |
|---|---|---|
| **OverSteer** | Thursdays at 7pm | ***LIVE*** |
| **Score** | Fridays at 7pm | ***LIVE*** |
| **Kick Off** | Sundays at 7pm | ***LIVE*** |
| **MatchDay** | half hour pre-BOV Premier match | ***LIVE*** |



## COCA-COLA CHAMPIONSHIP

*The teams with an aspiration to join the biggest domestic league in the world battle it out for the three top placing in the Coca-Cola Championship.*

| | | |
|---|---|---|
| **Reading v Watford** | Friday 9 January at 9pm | ***LIVE*** |
| **Bristol City v Wolves** | Saturday 10 January at 6:20pm | ***LIVE*** |
| **Sheffield Wed v Birmingham** | Saturday 31 January at 6:20pm | ***LIVE*** |



## NBA

*This is where amazing happens with the biggest stars from the NBA slam dunking on your **melita sports** screen with a weekly selection from the most followed basketball league in the world.*

| | | |
|---|---|---|
| **Cleaveland @ Washington** | Sunday 4 January at 7pm | ***LIVE*** |
| **Phoenix @ LA Clippers** | Sunday 11 January at 9:30pm | ***LIVE*** |
| **Phoenix @ Toronto** | Sunday 18 January at 6:30pm | ***LIVE*** |
| **San Antonio @ LA Lakers** | Sunday 25 January at 6:30pm | ***LIVE*** |

For further information call ***27 270 270***

melita

*Your world with you*

*Programming and schedule are subject to change at any time.*

**www.melita.com**

melita sports

OVERSTEER

# Kull nhar ta' Ħamis fis-19.00 fuq Melita Sports

Oversteer li jixxandar b'mod dirett fuq Melita Sports huwa programm għad-dilettanti kollha tal-Motorsports. Ta' kull ġimgħa l-preżentatriċi Caroline Attard titkellem ma' esperti f'dan is-settur u mall-esponenti ta' diversi klabbs lokali, fejn f'diskussjoni ta' siegħa jannalizzaw il-kampjonati lokali u għadd ta' attivitajiet oħra li jiġu organizzati minn żmien għal żmien.

Dan il-programm illaqana ma' bosta ambaxxaturi Maltin li qiegħdin jiksbu suċċess internazzjonali f'dan il-qasam, fosthom sewwieqa tal-hillclimb li għamlu bosta suċċessi f'Sqallija, membri



tal-MDRA li għamlu unur lil Malta fl-Ingilterra u l-All Wheel Drive Club li kisbu suċċess fil-Kroazia. Oversteer ma jonqosx li jagħti ħarsa lejn għadd ta' kampjonati nternazzjonali fosthom l-A1GP, il-Moto GP, l-F1 Grand Prix, ir-Redbull Air Race u kif ukoll il-kampjonat tal-Powerboats tal-P1.

Wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' din il-produzzjoni huwa dak li tagħti leħen mhux biss lill-assoċjazzjonijiet lokali iżda kif ukoll tiffoka u żżomm aġġornat lit telespettatur fuq il-ħidma li qiegħda tagħmel il-Federazzjoni Maltija tal-Motorsport. It-telespettaturi ta' dan il-programm għandhom ukoll l-opportunita` li jiltaqgħu mill-qrib ma' sidien ta' karozzi klassiċi, bħal dawk tal-membri tal-Old Motors Club, il-Classic Ford Club u l-American Car Club u ma' sidien ta' karozzi speċifikament armati għall-wirjiet organizzati.

Diversi filmati esklussivi flimkien mal-aħħar aħbarijiet u kif ukoll xi kurżitajiet kemm mix-xena lokali u kif ukoll minn dik internazzjonali, għandhom ikomplu jħawwru dan il-programm. Produzzjoni li kull dilettant tal-Motorsport m'għandux jitlef.

Il-kontributuri f'dan il-programm huma Kevin Perry, espert fid-Drag Racing u fil-Moto GP, Joe Anastasi meqjus bħala l-pijunier tal-motorsport f'pajjizna u Frans Deguara, President tal-ASM. Dan mistenni jaġġorna lit-telespettaturi b'dak kollu li qiegħed jiġri fil-kampjonati tal-Autocross, Bangers u Quad Bikes.

L-abbonati kollha ta' Melita Sports għandhom iċ-ċans jipparteċipaw b'mod dirett u b'hekk jesprimu l-opinjoni tagħhom u dan billi jibgħatu sms fuq 50614008. Bħala xandara uffiċjali tal-A1 GP, Melita Sports għadhom kemm ħabbru kompetizzjoni ferm intessanti waqt dan il-programm. Dawk kollha li huma segwaċi tal-A1 GP għandhom iċ-ċans jirbħu żewġ biljetti għall-edizzjoni tal-A1 GP li se ssir f'Brands Hatch ġewwa l-Ingilterra f'Mejju tal-2009. Il-premju jinkludi t-titjiriet bl-ajru u l-akkomodazzjoni u kif ukoll tour tat-team garages.

OverSteer jixxandar live kull nhar ta' Ħamis fis-19.00 fuq Melita Sports 2 u għandu produzzjoni ta' Caroline Attard u Sandro Micallef. It-tim tal-produzzjoni jinkludi wkoll lil Catherine Xuereb, Alan Cutajar u Charmaine Pace.
www.melita.com.



minn Lennard Kelder

# Rekord uniku

Ftit huma dawk il-plejers li jistgħu jiftaħru li lagħbu aktar minn 600 partita fil-karriera tagħhom. Kristian Laferla kien viċin ħafna li jagħmel dan meta lagħab 581 partita uffiċjali filwaqt li Stefan Sultana għadu kif lagħab il-582 partita. Bla dubju, David Carabott, għandu r-rekord personali li lagħab 628 partita.

Carabott twieled fit-18 ta' Mejju, 1968, f'Melbourne, l-Awstralja. Il-familja tiegħu ssetiljat f'Malta meta kellu seba' snin. Ta' età żgħira huwa ingħaqad ma' Birzebbugia Windmills fejn lagħab ukoll fit-timijiet ta' Taħt l-14 u s-16-il sena. Iżda wieħed irid jgħid ukoll meta kellu 13-il sena għamel id-debutt tiegħu fil-logħba domestika ma' Marsaxlokk, meta fl-14 ta' Frar, 1982, f'Pace Grasso, ħareġ tellief kontra Mellieħa, bl-iskor ta' 2-0. Huwa qatt ma ħares lura biex rebaħ anke post regolari fit-tim u kien ukoll membru fit-tim meta, fl-1985/86, Marsaxlokk rebħu l-promozzjoni għat-Tieni Diviżjoni.

Fis-sajf ta' l-1987, Carabott ingħaqad ma' Hibernians fejn magħhom rebaħ darbtejn il-kampjonat (1993/94 u 1994/95) kif ukoll l-FA Trophy (1997/98) u s-Super Cup (1993/94). Filwaqt li kien jilgħab mat-tim Pawlist, Carabott ġie msejjaħ ukoll mat-tim nazzjonali fejn iddebutta fil-15 ta' Novembru, 1987, fil-preliminari tal-Kampjonat Ewropej (1988), meta Malta spiċċat fi draw ta' 1-1 kontra l-Isvizzera.

Meta kellu 32 sena huwa ingħaqad ma' Valletta għal tliet staġuni fejn rebaħ ukoll l-unuri kollha li joffri l-futbol Malti biex fl-2003/04 huwa reġa' rritorna ma' Marsaxlokk. Izda wara li x-Xlukkajri tilfu l-final ta' l-FA Trophy kontra Sliema Wanderers, 0-2, huwa mar jilgħab fil-kampjonat Għawdxi, ma' Għajnsielem, fejn rebaħ ukoll il-kampjonat.

Fl-2005/06, iffirma ma' Msida St. Joseph għal nofs staġun fejn imbagħad lagħab għal żewġ staġuni ma' Sliema Wanderers fejn rebaħ ukoll bosta unuri.

Carabott irtria mix-xena tal-futbol, nhar it-13 ta' Marzu, 2008, meta fl-aħħar partita tiegħu lagħab għal Għajnsielem, fil-kampjonat Għawdxi, fit-telfa ta' 2-0 kontra Qala St. Joseph.




| | |
|---|---|
| **Data u post tat-twelid** | 18 ta' Mejju, 1968 ġewwa Melbourne, Awstralja |
| **Debutt fil-futbol Malti** | 14/02/82 Marsaxlokk 0 Mellieħa 2 (Tielet Diviżjoni) |
| **Debutt mat-Tim Nazzjonali** | 15/11/87 Malta 1 Svizzera 1 (Kwalifikazzjoni tal-Euro) |
| **L-aħħar logħba fit-Tim Nazzjonali** | 9/2/05 Malta 0 Norveġja 3 (Logħba ta' Ħbiberija) |
| **L-Aħħar logħba fil-futbol Malti** | 13/3/08 Għajnsielem 0 Qala St.Joseph 2 (Għawdex L-Ewwel Diviżjoni) |

## Logħbiet kollha tul is-snin sa nhar l-4 ta' Mejju 2008

| **Malta Tim Nazzjonali A u B** | **L** | **Gls** | **Klabb** |
|---|---|---|---|
| Tazza tad-Dinja | 24 | 1 | Hibernians 17, Valletta 7/1 |
| Tazza tal-Ewropa | 29 | 4 | Hibernians 21/3, Valletta 7, Marsaxlokk 1/1 |
| Tournaments Internazzjonali | 18 | 0 | Hibernians 16, Valletta1, Marsaxlokk 1 |
| Logħbiet ta' Ħbiberija - Tim A | 50 | 7 | Hibernians 38/6, Valletta 9/1, Marsaxlokk 2, Għajnsielem 1 |
| Logħbiet ta' Ħbieberija - Tim B | 4 | 0 | Hibernians 3, Valletta 1 |
| **Nazzjonal Settur tal-Youths** | **L** | **Gls** | **Klabb** |
| Nazzjonal U21 | 1 | 0 | Hibernians 1 |
| **Kompetizzjonijiet tal-UEFA** | **L** | **Gls** | **Klabb** |
| Tazza taċ-Champions | 2 | 0 | Valletta 2 |
| Tazza tat-Tazzi | 4 | 0 | Hibernians 4 |
| Tazza UEFA | 12 | 1 | Hibernians 6, Valletta 2/1, Marsaxlokk 2, Sliema W 2 |
| Tazza Intertoto | 1 | 0 | Hibernians 1 |
| **Kampjonat Nazzjonali** | **L** | **Gls** | **Klabb** |
| Premier | 350 | 70 | Hibernians 223/59, Valletta 63/7, Marsaxlokk 26/3 Msida St.Joseph 10/1, Sliema Wanderers 28 |
| It-Tieni Diviżjoni) | 18 | 6 | Marsaxlokk 18/6 |
| It-Tielet Diviżjoni | 30 | 9 | Marsaxlokk 31/9 |
| L-Ewwel Diviżjoni - Għawdox | 15 | 2 | Għajnsielem 15/2 |
| **Kompetizzjoni Domestika** | **L** | **Gls** | **Klabb** |
| F.A. Trophy | 31 | 6 | Hibernians 21/4, Valletta 3/1, Marsaxlokk 4/1, Sliema Wanderers 3 |
| **Kompetizzjonijiet oħra** | **L** | **Gls** | **Klabb** |
| Super Cup | 2 | 0 | Hibernians 2 |
| Euro/Lgħwenbrau Cup | 14 | 3 | Hibernians 7/2, Valletta 3/1, Marsaxlokk 2, Sliema Wanderers 2 |
| Super Five Tournament | 11 | 3 | Hibernians 8/3, Valletta 3 |
| MFA Centenary Cup | 5 | 0 | Hibernians 1, Valletta 4 |
| 2nd/3rd Div. KO Cup | 4 | 1 | Marsaxlokk 4/1 |
| GFA Cup | 3 | 0 | Għajnsielem 3 |
| Total | 628 | 113 | Hibernians 369/76, Valletta 105/12, Marsaxlokk 90/21, Msida St.Joseph 10/1, Sliema Wanderers 35, Għajnsielem 19/2 |

## KAMPJONAT 1950-51 (II Round)

# Ir-referee Barbara jabbanduna Valletta – Floriana...
## iżda l-partita tkompli b'uffiċjali differenti

**IT-TMIEN ĠURNATA**

**10-02-1951:**
**Sliema Wdrs – Hibernians FC 1-1**
**H.T 0-1**
**Skurjaw**: L. Saliba (H) 33' u G. Sacco (S) 86'.

**Sliema Wdrs. FC**: Lolly Rizzo, Lolly Cuschieri, Lieut. Sonny Borg Cardona, Gejtu 'Gaga' Sacco, Eddie Cole, Lewis Vigar, Michael Kingston, Ġużi Cuschieri, Maurice Walsh, Tony Nicholl, Joe Bonello.

**Hibernians FC**: Johnnie 'Skipper' Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Joe Gerada, Joe Xuereb, Leli 'Likku' Saliba, Cini, Fredu Church, Joe Pirotta.

**10-02-1951:**
**St. George's FC – St. Andrew's FC 2-1**
**H.T 1-1.**
**Skurjaw**: E. Sammut (St. And.) 13' u N. Bonavia (St. Geo) 20' u 70'.

**St. George's FC**: Jimmy Pearson, Ġużi Bonavia, Frans Purkiss, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Ġużi Cachia, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Salvu Romolo.

**St.Andrew's FC**: Mallia, Piju Camilleri, Salvu Mejlaq, J. Magri, George Borg, Nenu Grech, Ninu Briffa, Frans Scifo, Eddie Sammut, Nenu 'Virgandin' Calleja, Alfred Whelpdale.

**1.** Il-goal skurjat minn Eddie Sammut kien l-ewwel wieħed li skorja t-tim ta' Ħal Luqa f'dan il-kampjonat.

**11-02-1951:**
**Valletta FC – Hamrun S. 2-1**
**H.T 1-1**
**Ref: John W. Naudi**
**Skurjaw**: L. Pace 14', Ġ. Buttigieg (H) 42' u Ġ. Vassallo 70'.

**Valletta FC**: George Zarb, Nenu 'Rubinu' Zammit, Ġużi 'Dudu' Mallia I, George Sciberras, Leli 'Goway' Curmi, Ċensu Muscat, Pawlu 'Puxu' Zammit, Ġużi Vassallo, Salvinu Schembri, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Leli 'Pesa' Pace.

**Hamrun S. FC**: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Fredu Preca, Romeo Vassallo, Ġużi Zammit, Salvu Gambin, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Willie Buttigieg, Willie Mills, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri.

**1.** Valletta FC issograw li jitilfu l-punti tal-partita meta r-referee Naudi kien kważi abbanduna l-partita wara li l-partitarji tagħhom bdew iwaddbu l-ġebel minħabba foul ikrah ta' Fredu Preca fuq Ġużi Vassallo. Il-captain Belti Salvinu Schembri kien ipprova jikkalma l-irjus sħan iżda ma kienx irnexxielu. F'dawk il-mumenti Valletta kienu diġà qed jirbħu l-partita 2-1.

**11-02-1951:**
**Floriana FC – St. Patrick FC 4-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw**: P. Demanuele (F) 13', L. Borg (F) 47', A. Attard (St. Pat), B. Camilleri (F) u P. Demanuele (F).

**Floriana FC**: Albert Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Donald Mock, Tony Dalli, Joe 'Tichy' Grech, Charles 'Grioss' Azzopardi, Benny Camilleri, Lolly Vella, Lolly Borg, Pullu Demanuele.

**St. Patrick FC**: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Tabone, W. Hole, Leli Gouder, John 'Is-Sini' Cassar, Albert Xerri, Borg, A. Attard, C. Spiteri, Balzan, John Azzopardi.

**1.** Il-goalkeeper Bertu Zarb Cousin u Donald Mock iddebuttaw ma' Floriana FC. Donald Mock kien it-tifel tar-referee Billy Mock. Dan ir-referee kellu żewġ ulied oħra li fis-snin sebgħin kellhom konnessjoni mal-logħba tal-football. Charlie Mock kien referee ta' l-ogħla diviżjoni filwaqt li Billy Mock kien midfielder ta' Ħamrun Spartans. Tifel ieħor tar-referee Billy Mock kien Michael li kien jilgħab mar-reserves tas-Sliema Wanderers iżda qatt ma sab postu fl-ewwel tim.



Azzjoni mil-logħba bejn St. Patrick u St. George's 3-1 (03.03.1951)

**KLASSIFIKA**: Floriana FC 14-il pt.; Hibernians FC 11-il pt.; Valletta FC 10 pti.; St.George's FC u Sliema Wdrs 9 pti.; Hamrun S. 8 pti.; St. Patrick FC 2 pti.; St.Andrew's FC 1 pt.

**L-AQWA SKORERS**: P. Demanuele (Floriana FC) 11-il goal; O. Gatt (Hamrun S.) 5 goals; B. Camilleri (Floriana FC); N. Bonavia (St.George's FC); T. Dimech (Hamrun S.); S. Schembri, Ġ. Vassallo u L. Pace (Valletta FC) 4 goals.

minn Tonio Farrugia

## ID-DISA' ĠURNATA

**17-02-1951:**
**Hamrun S. – St. Patrick FC 6-0**
**H.T 3-0**

**Skurjaw**: G. Psaila (Ħ) 15', 27' u 36', R. Vassallo (Ħ) 47', K. Camilleri (Ħ) 49' u Ġ. Buttigieg (Ħ) 73'.

**Hamrun S. FC**: Louis (Ġiġi) Zammit, Salvu Azzopardi, Fredu Preca, George Jones, Ġużi Zammit, Arthur Mattocks, Leli Falzon, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo Vassallo, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri.

**St. Patrick FC**: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, P. Azzopardi, W. Hole, Leli Gouder, John 'Is-Sini' Cassar, Albert Xerri, Fabri, Borg, C. Spiteri, Balzan, John Azzopardi.

**17-02-1951:**
**Floriana FC – Valletta FC 2-1**
**H.T 2-0**

**Referee**: B.S.M P. P. Barbara (li Ġie mibdul fit-tieni taqsima ma' Lusted)

**Skurjaw**: o.g Ġ. Sciberras (F) 7', L. Vella (F) 44' u L. Pace (V) pen. 58'.

**Floriana FC**: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Leli Zammit, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Tony Vella, Charles 'Grioss' Azzopardi, Benny Camilleri, Lolly Vella, Lolly Borg, Pullu Demanuele.

**Valletta FC**: George Zarb, George 'Ta' Ċetta' Sciberras, Ġużi 'Dudu' Mallia I, Ċensu Muscat, Leli 'Goway' Curmi, Nenu 'Rubinu' Zammit, Pawlu 'Puxu' Zammit, Ġużi Vassallo, Leli 'Pesa' Pace, Salvinu Schembri, Ġużi Scicluna.

**1.** Ir-referee P. Barbara kien abbanduna l-partita fil-ħin tal-mistrieħ minn ġod-dressing rooms wara li kien ġie attakkat minn xi plejers ta' Valletta filwaqt li xi partitarji Beltin waddbu l-ġebel fid-direzzjoni tiegħu u ta' l-assistent referee. B'sorpriża għal kulħadd, iżda, il-partita kompliet b'referee u linesmen differenti.

**2.** Valletta FC ipprotestaw kontra r-riżultat tal-partita minħabba li sostnew li t-tliet uffiċjali li spiċċaw jikkontrollaw il-partita ma kienux it-tlieta li bdew il-partita. Il-protest tagħhom ma ġiex milqugħ.

**3.** 'Rubinu' Zammit tkeċċa tard fit-tieni taqsima wara li l-plejer Belti rritalja għal foul li rċieva mingħand Lolly Borg. Zammit però kien irritalja fuq il-plejer żbaljat għax il-foul kien sar minn Charlie Azzopardi 'Il-Grioss'.

**18-02-1951:**
**Hibernians FC – St.Andrew's FC 2-1**
**H.T 1-0**

**Skurjaw**: Ġ. Pirotta (H) 34', J. Xuereb (H) 62'u N. Calleja (St. And.) 75'.

**Hibernians FC**: Johnnie 'Skipper' Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Ċensu Degiorgio, John Gatt, Victor Formosa, Joe Gerada, Joe Xuereb, Leli 'Likku' Saliba, Cini, Fredu Church, Ġużi Pirotta.

**St.Andrew's FC**: Mallia, Ġamri Briffa, Piju Camilleri, J. Magri, George Borg, Nenu Grech, Eddie Sammut, Frans Scifo, Freddie Borg, Nenu 'Virgandin' Calleja, Alfred Whelpdale.


Pullu Demanuele (mhux fir-ritratt) jiftaħ l-iskor għal Floriana fir-rebħa ta' 4-1 fuq St. Patrick (11.02.1951)

> Ġużeppi Zarb ta' Bormla sospiż sena wara li attakka lir-referee

**18-02-1951:**
**Sliema Wdrs – St.George's FC 3-1**
**H.T 0-0**

**Referee**: John W. Naudi

**Skurjaw**: O. Bartolo (St. Geo) 56', o.g A. Izzo (S) 58', K. Valenzia (S) 82' u B. Bonavia (S) 85'.

**Sliema Wdrs. FC**: Lolly Rizzo, Lieut. Sonny Borg Cardona, Lolly Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Eddie Cole, Ġużi Cuschieri, Kenneth Valenzia, Bob Bonavia, Maurice Walsh, Tony Nicholl, Joe Bonello.

**St.George's FC**: Jimmy Pearson, Żużu Rizzo, Frans Purkiss, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Albert Izzo, Oscar Bartolo, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Nenu Bonavia, Salvu Romolo, Peppi Delceppo.

**1.** Ġużeppi Zarb 'Il-Ħarrubu' tkeċċa fil-65 minuta wara li fil-protesti li saru għall-goal imħassar ta' Purkiss huwa attakka lir-referee. Zarb kien ġie sospiż sal-aħħar ta' Diċembru 1951.

**2.** Ma' St. George's FC iddebutta Peppi Delceppo. Għal snin twal ismu kien sar sinonimu mal-klabb Bormliż.

**3.** Żużu Rizzo rritorna ma' St. George's FC wara li kien weġġa' f'partita ta' ħbiberija ta' qabel il-kampjonat.

**KLASSIFIKA**: Floriana FC 16-il pt.; Hibernians FC 13-il pt.; Sliema Wdrs. 11-il pt.; Valletta FC u Hamrun S. 10 pti.; St.George's FC 9 pti.; St. Patrick FC 2 pti.; St.Andrew's FC 1 pt.

**L-AQWA SKORERS**: P. Demanuele (Floriana FC) 11-il goal; G. Psaila u O. Gatt (Hamrun S.) u L. Pace (Valletta FC) 5 goals; N. Bonavia (St.George's FC); T. Dimech (Hamrun S.); Ġ. Vassallo u S. Schembri (Valletta FC); Ġ. Pirotta (Hibernians FC) u B. Camilleri (Floriana FC) 4 goals.

## L-GĦAXAR ĠURNATA

**24-02-1951:**
**Floriana FC – Hibernians FC 0-0**

**Floriana FC**: Frankie Busuttil, Lolly Debattista, Leli Zammit, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Tony Vella, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Benny Camilleri, Lolly Vella, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele.

**Hibernians FC**: Johnnie 'Skipper' Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Ċensu Degiorgio, Joe Xuereb, Fredu Church, Cini, Leli 'Likku' Saliba, Ġużi Pirotta.

**24-02-1951:**
**Valletta FC – St.Andrew's FC 5-2**
**H.T 3-0**

**Skurjaw**: S. Schembri (V) 31', L. Pace (V) 31', S. Schembri (V) 44', E. Sammut (St. And.) 56', A. Whelpdale (St. And.), L. Pace (V) u S. Schembri (V).

Valletta FC: Mike 'Moro' Cutajar, Joe Saliba, Ġużi 'Dudu' Mallia I, Ċensu Muscat, Leli 'Goway' Curmi, George 'Ta' Ċetta' Sciberras, Nenu 'Wiżża' MacKay,




Membri tal-kumitat u partitarji ta' Floriana jifirħu bil-plejers tagħhom wara s-suċċess tagħhom fuq Valletta (2-1) - 17.02.1951

Ġużi Vassallo, Salvinu Schembri, Ġużi Borg, Leli 'Pesa' Pace.

St.Andrew's FC: Mallia, Salvu Mejlaq, Piju Camilleri, J. Magri, George Borg, Nenu Grech, Ninu Briffa, Frans Scifo, Eddie Sammut, Nenu 'Virgandin' Calleja, Alfred Whelpdale.

1. Bl-iskor 3-1 Mike Cutajar 'Il-Moro' salva penalty mogħti minn C. Grech.

## Eddie Cole jikkommetti auto-goal b'back-pass minn 30 jarda bogħol

**25-02-1951:**
**Sliema Wdrs. FC – St. Patrick FC 2-1**
**H.T 1-0**

**Skurjaw**: Ġ. Cuschieri (S) pen. 22', o.g E. Cole (St. Pat) 61' u B. Bonavia (S) 65'.

**Sliema Wdrs. FC**: Lolly Rizzo, Lieut. Sonny Borg Cardona, Lolly Cuschieri, Lewis Vigar, Eddie Cole, Ġuzi Cuschieri, Kenneth Valenzia, Bob Bonavia, Ninu Calleja, Tony Nicholl, Charlie Mattocks.

**St. Patrick FC**: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, P. Azzopardi, W. Hole, Leli Gouder, John 'Is-Sini' Cassar, Albert Xerri, M. Abela, Borg, C. Spiteri, A. Attard, John Azzopardi.

**1.** Eddie Cole kkommetta auto-goal meta back-pass tiegħu minn tletin jarda bogħod qabeż lill-goalkeeper Lolly Rizzo u baqa' dieħel fix-xibka.

**25-02-1951:**
**Hamrun S. FC – St.George's FC 3-1**
**H.T 1-1**

**Skurjaw**: R. Vassallo (Ħ) 30', N. Bonavia (St. Geo.) 40', Ġ. Buttigieg (Ħ) 60' u L. Agius (Ħ) 69'.

**Hamrun S. FC**: Louis (Ġiġi) Zammit, Salvu Azzopardi, Fredu Preca, George Jones, Ġużi Zammit, Willie Mills, Leli 'Ta'Giorgia Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo Vassallo, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri.

**St. George's FC**: Jimmy Pearson, Żużu Rizzo, Frans Purkiss, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Albert Izzo, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Salvu Romolo, Ġużi Cachia.

**KLASSIFIKA**: Floriana FC 17-il pt.; Hibernians FC 14-il pt.; Sliema Wdrs. FC 13-il pt.; Valletta FC u Hamrun S. FC 12-il pt.; St.George's FC 9 pti.; St. Patrick FC 2 pti; St.Andrew's FC 1 pt.

**L-AQWA SKORERS**: P. Demanuele (Floriana FC) 11-il goal; S. Schembri u L. Pace (Valletta FC) 7 goals; G. Psaila u O. Gatt (Hamrun S.) u N. Bonavia (St. George's FC) 5 goals.

### IL-ĦDAX-IL ĠURNATA

**03-03-1951:**
**Sliema Wdrs – Hamrun S. FC 0-0**
**Ref: John W. Naudi**

**Sliema Wdrs. FC**: Lolly Rizzo, Lieut. Sonny Borg Cardona, Lolly Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Eddie Cole, Ġużi Cuschieri, Kenneth Valenzia, Bob Bonavia, Ninu Calleja, Tony Nicholl, Charlie Mattocks.

**Hamrun S. FC**: Kelinu 'Boqqa' Aquilina, Salvu Azzopardi, Fredu Preca, George Jones, Ġużi Zammit, Willie Mills, Leli 'Ta' ĠiorĠia' Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo Vassallo, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri.

**03-03-1951:**
**St. Patrick FC – St.George's FC 3-1**
**H.T 1-0**

**Skurjaw**: John Azzopardi (St. Pat.) 13', O. Bartolo (St. Geo.) 58', John Azzopardi (St. Pat) 85' u C. Spiteri (St. Pat) 89'.

**St. Patrick FC**: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Tabone, W. Hole, Balzan, John 'Is-Sini' Cassar, Albert Xerri, M. Abela, Borg, A. Attard, C. Spiteri, John Azzopardi.

**St.George's FC**: Jimmy Pearson, Żużu Rizzo, Frans Purkiss, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Nenu Bonavia, Ġużi Cachia, Oscar Bartolo.

**1.** Ftit minuti qabel il-mistrieħ il-goalkeeper Jimmy Pearson ta' St. George's salva penalty mogħti minn Borg.

### AĦBARIJIET

Duminku Borg, magħruf bħala 'Is-Sulina', miet fil-5 ta' Marzu, 1951, wara marda twila. Borg kien l-iżgħar plejer ta' Valletta FC li seba' snin qabel, fl-1944, kien rebaħ il-Cassar Cup u l-Malta Cup. Huwa kien jilgħab bħala right-back jew inside-forward.

Fis-6 ta' Marzu, 1951, intlagħbet għall-ewwel darba partita taħt il-floodlights f'Malta meta fl-Empire Stadium Sliema Wanderers lagħbu partita ta' ħbiberija kontra selezzjoni

ta' plejers mill-Army u l-RAF. Is-Servizzi rebħu din il-partita 2-1 b'Tony Nicholl jiftaħ l-iskor għall-Wanderers kmieni fit-tieni taqsima u Thompson jiskorja darbtejn biex dawwar ir-riżultat favur is-Servizzi.

Fil-25 ta' Marzu, 1951, f'partita tat-Tieni Diviżjoni Maurice Walsh skorja ħamsa mis-sitt goals ta' Sliema Wdrs fir-rebħa ta' 6-0 fuq St. Patrick FC. Il-goal l-ieħor skurjah Charlie Mattocks.

Dawn iż-żewġ partiti suppost kellhom jintlagħbu oriġinarjament fl-4 ta' Marzu, 1951, iżda kienu tħassru minħabba l-maltemp.

**07-03-1951:**
**Hibernians FC – Valletta FC 2-1**
**H.T 2-1**

**Skurjaw**: J. Xuereb (H) 7', F. Church 15' (H) u L. Pace (V) pen. 28.

**Hibernians FC**: Johnnie 'Skipper' Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Joe Gerada, Joe Xuereb, Fredu Church, Cini, Leli 'Likku' Saliba, Ġużi Pirotta.

**Valletta FC**: George Zarb, Joe Saliba, George 'Ta' Ċetta' Sciberras, Ċensu Muscat, Leli 'Goway' Curmi, Fredu Farrugia, Pawlu 'Puxu' Zammit, Ġużi Vassallo, Leli 'Pesa' Pace, Salvinu Schembri, Ġużi Scicluna.

**1.** Qabel il-partita kienet osservata minuta silenzju b'rispett lejn il-memorja ta' Duminku Borg 'Is-Sulina'. Sitt snin qabel Borg kien jifforma parti mit-tim Belti li kien rebaħ il-Cassar Cup u l-Malta Cup. Huwa kien waqaf mill-football ta' età żgħira minħabba problemi ta' saħħa.

**07-03-1951:**
**Floriana FC – St.Andrew's FC 5-1**
**H.T 3-0**

**Skurjaw**: P. Demanuele (F) 1', L. Vella (F) 11' u 39', C. Azzopardi (F) 53', C. Azzopardi (F) u F. Scifo (St. And.) 88'.

**Floriana FC**: Frankie Busuttil, Lolly Debattista, Albert Fenech, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Tony Vella, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Benny Camilleri, Lolly Vella, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele.

St.Andrew's FC: Portelli, Ġamri Briffa, Piju Camilleri, Nenu Grech, George Borg, Frans Scifo, Hector Muscat, J. Magri, Freddie Borg, Nenu 'Virgandin' Calleja, Ninu Briffa.

**KLASSIFIKA**: Floriana FC 19-il pt.; Hibernians FC 16-il pt.; Sliema Wdrs. FC 14-il pt.; Hamrun S. FC 13-il pt.; Valletta FC 12-il pt.; St.George's FC 9 pti.; St. Patrick FC 4 pti.; St.Andrew's FC 1 pt.

**L-AQWA SKORERS**: P. Demanuele (Floriana FC) 12-il goal; L. Pace (Valletta FC) 8 goals; S. Schembri (Valletta FC) 7 goals; N. Bonavia (St.George's FC); G. Psaila u O. Gatt (Hamrun S. FC) 5 goals.

## IT-TNAX-IL ĠURNATA

**10-03-1951:**
**Hibernians FC – St. Patrick FC 2-0**
**H.T 0-0**

**Skorja**: Ġ. Pirotta (H) 64' u 82'.

**Hibernians FC**: Johnnie 'Skipper' Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Ċensu Degiorgio, John Gatt, Victor Formosa, Joe Gerada, Joe Xuereb, Leli 'Likku' Saliba, Cini, Fredu Church, Ġużi Pirotta.

**St. Patrick FC**: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, P. Azzopardi, W. Hole, Leli Gouder, John 'Is-Sini' Cassar, Albert Xerri, M. Abela, Borg, C. Spiteri, A. Attard, John Azzopardi.

**10-03-1951:**
**Hamrun S. FC – St.Andrew's FC 4-2**
**H.T 2-1**

**Skurjaw**: L. Agius (Ħ) 13', H. Muscat (St. And.) 33', Ġ. Buttigieg (Ħ) 44', R. Vassallo (Ħ) 58', F. Scifo (St. And.) 78' u Ġ. Buttigieg (Ħ) 87'.

**Hamrun S. FC**: Kelinu 'Boqqa'


Freddie Church (xellug) ta' Hibernians isegwi lill-goalkeeper ta' Hamrun Spartans, Kelinu Aquilina fir-rebħa ta' 1-0 (17.03.1951)

Aquilina, Salvu Azzopardi, Fredu Preca, George Jones, Ġużi Zammit, Salvu Gambin, Leli 'Ta' Giorgia' Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Armando Drago, Romeo Vassallo, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri.

**St.Andrew's FC**: Cassar, Micallef, Piju Camilleri, J. Magri, George Borg, Nenu Grech, Ninu Briffa, Frans Scifo, Hector Muscat, Nenu 'Virgandin' Calleja, Alfred Whelpdale.

**11-03-1951:**
**Valletta FC – St.George's FC 3-0**
**H.T 2-0**

**Skurjaw**: N. MacKay (V) 25', S. Schembri (V) 35' u P. Zammit 86'.

**Valletta FC**: George Zarb, George 'Ta' Ċetta' Sciberras, Joe Saliba, Ċensu Muscat, Leli 'Goway' Curmi, Dr. George Degiorgio, Pawlu 'Puxu' Zammit, Nenu 'Wiżża' MacKay, Salvinu Schembri, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Leli 'Pesa' Pace.

**St.George's FC**: Jimmy Pearson, Patrick O'Shea, Frans Purkiss, Żaren Camilleri, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, Ġużi Bonavia, Ġużi Cachia, Salvu Romolo.

**1.** Il-gazzetta ta' kull Ġimgħa Leħen is-Sewwa irrappurtat l-ewwel goal ta' Valletta bħala autogoal ta' Frans Purkiss minflok goal ta' Nenu Mackay.

**2.** Patrick O' Shea ta' St. George's FC huwa n-neputi tal-aħwa Salvu u Ġużi Caruana 'Ta' Belsen'.

**11-03-1951:**
**Sliema Wdrs. FC – Floriana FC 4-1**
**H.T 0-1**

**Skurjaw**: P. Demanuele (F) 25', N. Calleja (S) 54', M. Walsh (S) 57', T. Nicholl (S) 77' u C. Mattocks (S) 83'.

**Sliema Wdrs. FC**: Lolly Rizzo, Lieut. Sonny Borg Cardona, Lolly Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Eddie Cole, Ġużi Cuschieri, Ġużi 'Il-Labre' Camilleri, Ninu Calleja, Maurice Walsh, Tony Nicholl, Charlie Mattocks.

**Floriana FC**: Frankie Busuttil, Lolly Debattista, Albert Fenech, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Tony Vella, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Benny Camilleri, Lolly Vella, Frans 'In-NagħĠa' Xuereb, Pullu 'Koku' Demanuele.

**KLASSIFIKA**: Floriana FC 19-il pt.; Hibernians FC 18-il pt.; Sliema Wdrs. FC 16-il pt.; Hamrun S. FC 15-il pt.; Valletta FC 14-il pt.; St.George's FC 9 pti.; St. Patrick FC 4 pti.; St.Andrew's FC 1 pt.

**L-AQWA SKORERS**: P. Demanuele (Floriana FC) 13-il goal; S. Schembri u L. Pace (Valletta FC) 8 goals; Ġ. Pirotta (Hibernians FC) u Ġ. Buttigieg (Hamrun S.) 6 goals.

# Il-ħuta minn rasha tinten

Mhux l-ewwel darba li smajna li jkunu qegħdin jiġu nvestigati xi plejers, kowċis jew saħansitra uffiċjali mix-xena tal-futbol. Kienu ħafna l-każi li ġew irrapurtati u spiċċaw fuq fomm kulħadd. Fil-passat il-korruzzjoni laqtet il-kampjonat Ingliż u dan l-aħħar smajna li dak Spanjol ukoll jista' jkun infettat.

Xi ftit ġimgħat ilu r-rebbieħa tat-Tazza UEFA tal-istaġun li għadda, kienu wkoll akkużati b'korruzzjoni. Il-gazzetta Spanjola, El Pais, għandha reġistrazzjoni ta' telefonata minn kriminal Russu li saħaq li kien ħallas flejjes kbar biex it-tim Russu jelimina lill-Ġermaniżi ta' Bayern Munich.

Zenit San Pietruburgu ċaħdu dan kollu, iżda l-UEFA qed tinvestiga l-każ. L-allegat riżultat kien dak ta' 4-0 favur ir-Russi, logħba li kienet intlagħbet fl-Allianz Arena ta' Munich u li matulha r-Russi kienu urew supremazija assoluta.

Ukoll riċentament, iċ-ċirku li ġie żvelat fl-Italja kien l-aktar wieħed li xxokja nies. Fih kienu nvoluti minn kull tip ta' persuni mill-isfera kollha kalċistika Taljana. Kienu rriżenjaw diversi persuni b'karigi għolja u magħrufa sew, fosthom Franco Carraro, li kien il-president tal-FIGC u membru fl-Eżekuttiv tal-UEFA, Luciano Moggi li kien l-amministratur delegat ta' Juventus FC u oħrajn.

B'kollox kienu sentenzjati 19–il uffiċjal, bejn presidenti, referees u amministraturi. Il-Calciopoli, kif kienet imsejħa, faqqgħet bħal sajjetta fil-bnazzi proprju ftit jiem qabel bdiet it-Tazza tad-Dinja fil-Ġermanja. Hekk hu t-Tazza tad-Dinja fil-Ġermanja, dik ukoll tintenn. L-allegazzjonijiet huma serji u jaħarqu sew, jirrigwardjaw diversi aspetti u huma diversi l-uffiċjali b'karigi għolja mplikati.

## L-ewwel parti

Iżda l-2008 immarkat każ ieħor importanti, u bl-objettiv li din il-logħba tkun imnaddfa minn nies li ma jagħmlux ġieħ, ħafna huma dawk li qegħdin jistennew dan il-proċess jintemm biex tkun magħrufa l-verità. Il-pulizija Svizzera tinsab għaddejja b'investigazzjonijiet serji fl-ogħla livell tal-futbol mondjali. Investigazzjonijiet li regħdu l-uffiċini f'Hitzigweg 11, f'Zurich.

## Id-dar tal-FIFA assedjata

Le mhux mill-ħallelin, iżda mill-investigaturi kriminali, il-pulizija daħlet u ħadet dawk id-dokumenti kollha neċċessarji biex tkompli tibni l-każ tagħha. Biex nhar it-Tlieta, 11 ta' Marzu 2008, beda l-akbar proċess fid-dinja tal-isport, bl-għan li jizvela l-akbar skandlu ta' korruzzjoni sportiva. Il-kumpanija fiċ-ċentru ta' dan l-iskandlu kienet l-International Sport and Leisure, jew kif inhi magħrufa aħjar bħala l-ISL. Il-falliment tħabbar, fl-2001, il-kumpanija kellha dejn li jlaħħaq it-$300 miljun, it-tieni l-akbar falliment fl-istorja tal-Isvizzera. L-akbar u l-aħjar kuntratt tal-ISL kien dak tal-marketing u d-drittijiet televiżivi tat-Tazza tad-Dinja,



Christoph Malms

2002, u kif ukoll dawk għall-avveniment tal-2006. Kienu xtraw dawn id-drittijiet għall-prezz ta' $1.2 biljun mingħand il-FIFA, iżda l-ISL setgħet tbiegħ dawn id-drittijiet għal ħafna aktar. Allura kif seta' dan il-kummerċ kollu jintilef, għaliex mar ħażin u fejn marru l-flejjes kollha?

L-awla kienet ippreseduta mill-Magistrat Carole Ziegler, liebsa kollox iswed, maġenbha kellha żewġ prosekuturi rġiel li bdew jassistuha



fix-xogħol tagħha u kif ukoll maġistrat ieħor li deher żvelt u kapaċi f'xogħlu.

Il-kamra kienet mimlija ġurnalisti, fosthom dawk Svizzeri, Ingliżi, Ġermaniżi u Franċiżi. Fuq bank quddiem il-maġistrat, kienu s-sitt imputati, ħdejhom l-avukati tagħhom. Dawk li darba kellhom is-saħħa u l-poter li jikkontrollaw ħafna affarijiet, il-lum jinsabu jridu jwieġbu għall-akkużi mressqa kontrihom. Għandhom fuqhiex jinkwetaw!

Il-prosekuturi, fil-konfront tagħhom iridu jippruvaw li dawk l-akkużi ta' frodi, falsifikazzjoni ta' dokumenti u l-ħsara għad-dannu tal-kredituri tagħhom jeżistu tassew. L-ewwel wieħed bilqiegħda huwa Daniel Beauvois, raġel fil-ħamsinijiet u li jgħix ġewwa Brussels. Fost l-imputati, Daniel huwa l-aħħar wieħed li sieħeb lill-ISL, kien jieħu ħsieb l-operazzjonijiet televiżivi, iżda fortunatament għalih, daħal jaħdem magħhom ferm wara li l-abbużi kienu twettqu. Allura x'kien qiegħed jagħmel hemm? Beauvois, xorta waħda kien imdaħħal, kien akkużat li flimkien mall-kollegi tiegħu ffroda madwar £45 miljun, liema flus suppost kellhom jitħallsu lill-FIFA.

Il-parti l-kbira tal-flus inkwistjoni u li dwarhom kienu saru l-akkużi ġew minn Globo TV tal-Brażil. Dawn kienu għamlu pagament avvanzat għad-drittijiet televiżivi tat-Tazza tad-Dinja u 75% tal-pagament kellu jintuża biex jitħallsu l-FIFA. Iżda jingħad li l-ISL żammet dawn il-flus għaliex il-kumpanija kienet f'xifer il-falliment. Meta verament fallew, dan spiċċa sar każ kriminali.

Ħdejn Beauvois kien hemm Christoph Malms, iċ-chief executive officer tal-ISL, li kien spiċċa f'dik il-kariga għaliex fortunatament għalih kien iżżewweġ it-tifla tal-imgħallem u b'hekk daħal fil-familja ta' Horst Dassler. Il-familja Dassler kienet proprjetarja tad ditta Adidas, iżda wara li Horst kien miet żgħir fl-1987, din inbiegħet lil kummerċjanti Franċiżi. Malms wieġeb għal kull domanda li saritlu, iżda ftit kien jaf u ma setax jgħin ħafna.

F'nofs il-kamra u fuq l-istess bank, Hans-Jurg Schmid, uffiċjal ieħor tal-ISL. Dan spjega ħafna affarijiet, iżda l-prosekutur ftit deher konvint minn dak li lissen Schmid. Issa meta l-arloġġ beda jimmarka wara l-ħamsa ta' filgħaxija, l-arja bdiet taqa' tqila, u l-pressjoni żdiedet meta t-tieni maġistrat, Marc Siegwart, qam u tkellem dwar 15–il miljun frank Svizzeru oħra li waslu għand l-ISL mill-akbar kumpanija Ġappuniża tar-reklamar. Fil-fatt b'dawk il-flus, Dentsu Inc., kienu xtraw id-drittijiet tat-Tazza tad-Dinja biex jerġgħu ibiegħuhom fl-Asja.

Fis-sena 2000, Dentsu kienu bagħtu flus mill-Asja għall-Ewropa, iżda ftit jiem wara parti minn dawk il-flus reġgħu qabdu t-triq lura lejn l-Asja. Għalkemm il-kredituri tal-ISL bdew jiġġieldu biex jieħdu flushom, madwar £2 miljuni, marru ġo kont bankarju ta' Gilmark Holdings, f'Hong Kong. Ovvjament Siegwart kien jaf b'kollox, iżda ried li l-ispjegazzjoni jagħtuha l-imputati. Fil-fatt resaq viċin tagħhom u wieħed wieħed staqsihom dwar jekk kienux jafu xi ħaġa dwar dan. Kif kien mistenni ħadd minnhom ma kkonferma xejn.

Il-ġurnalist Jean-Francois Tanda, kittieb mal ġurnal Sonntag Zeitung, ikkonferma li l-flus kienu marru għand wieħed mill-uffiċjali mportanti ta' Dentsu Inc. – ċertu Sur Gilmark Hara Yuki Takahashi. Dentsu u l-FIFA kienu ilhom għal żmien twil jikkollaboraw flimkien u għadhom sal-lum. Għalkemm l-ISL evaporat, l-uffiċini minn fejn kienu joperaw, 100 metru l'bogħod mill-Qorti, illum jilqgħu l-kwartieri tal-kumpanija InFront.

InFront hija kumpanija li topera fis-suq sportiv tal-marketing. Flimkien ma' Dentsu, l-InFront rebħu parti kbira tad-drittijiet televiżivi tat-Tazza tad-Dinja 2010. Iċ-chief executive officer tal-kumpanija InFront huwa familjari. Jismu Philippe Blatter. In-neputi ta' Sepp Blatter. Iz-ziju Sepp jaf jieħu ħsiebu sew lin-neputi! Inċidentalment, InFront għandhom ukoll id-drittijiet televiżivi tat-tim nazzjonali Malti.

*Tkompli f'ħarġa oħra...*



Sepp Blatter

# Bħal-lum...




# sena ilu

## ... Malta tilfet bl-iskor ta' 12-1 kontra Spanja

**Kien nhar l-Erbgħa, 21 ta' Diċembru, 1983, meta quddiem 25,000 spettatur f'Estadio Benito Villamarin ġewwa Sevilla, Malta tilfet bi skor kbir kontra t-tim Spanjol, liema riżultat poġġa lil Spanja fl-ewwel post tal-klassifika ta' Grupp 7.**

Matul dawk iż-żminijiet it-tim nazzjonali Malti kien għoddu minsi, żbandat u mitluq minn kull lat. L-infrastruttura kienet ineżistenti u l-plejers mhux dejjem kienu jattendu għat-taħriġ. F'kelma waħda konna dilettanti puri. Darba fost l-oħrajn l-Assoċjazzjoni organizzat logħba ta' ħbiberija kontra t-tim ta' St.George' s u t-tim Malti kien magħmul minn seba' plejers li tlieta minnhom kienu goalkeepers. Biex jgħaqqdu t-tim kienu silfuhom xi plejers l-avversarji. Il-kowċ ta' dak iż-żmien, Victor Scerri, kien wieħed li ma jaqtax qalbu. Kien jagħmel minn kollox biex iżomm l-iskwadra magħquda, iżda d-diffikultajiet kienu kbar wisq u mingħajr riżorsi l-assoċjazzjoni ma setgħetx tipproġetta operat aħjar. Mhux darba jew tnejn li t-tim nazzjonali Malti tħalla jitħarreġ fid-dlam. Ħafna drabi biex jidħlu fuq il-ħaxix tal-ground tal-Marsa l-plejers kien ikollhom jaqbżu ċ-ċnut, għaliex l-għassies ma kienx ikun hemm. Praspar li ma jħeġġukx, anzi, minflok iwaqqgħulek il-moral u jiddisprawk. Flimkien ma' Scerri kien wasal Guentcho Dobrev, bniedem baranni u ġdid għal pajjiżna, bl-iskop li nieħdu xi ħaġa mingħandu biex forsi nagħmlu pass fid-direzzjoni t-tajba u nibdew intejbu l-livell tekniku u tattiku tagħna. Dobrev beda jaħdem fl-irwol ta' Direttur Tekniku, iżda sal-logħba kontra Spanja ftit kellu ċans iwettaq xogħol u r-riżultat kien propju xhieda ta' dan għaliex mhux tant li ġejna umiljati mill-Ispanjoli, iżda wkoll għal dejjem misħuta mill-Olandiżi. Dak li deher impossibbli kien seħħ u din il-logħba li kienet is-77 logħba tat-tim nazzjonali A f'livell internazzjonali se tibqa' tissemma għall-fatti li ġraw.

## Bejn l-Olanda u Spanja

Malta kienet lagħbet il-logħbiet kollha minn Grupp 7 u kien jonqos biss żewġ logħbiet, waħda f'darna kontra l-Olanda u oħra barra minn pajjiżna kontra Spanja. Intant, qabel il-logħbiet iż-żewġ timijiet avversarji tagħna kellhom l-istess numru ta' punti f'ras il-klassifika. Għalhekk id-differenza fil-goals bejn iż-żewġ timijiet kienet se tkun determinanti biex jiġi kkonfermat min minnhom jgħaddi għall-fażi finali. Sa dak inhar il-favoriti kienu l-Olandiżi b'differenza ta' 6 goals aħjar mill-Ispanjoli (Olanda 17-6 u Spanja 12-7). Iżda dak li ftit ħasbu li kien se jseħħ, kien sar realtà u wara l-logħbiet kontra Malta kienu l-Ispanjoli li ċċelebraw. L-Olandiżi, bil-kontra, bkew bir-rabja, Malta kienet kaġun tal-eliminazzjoni tagħhom u jekk għall-Ispanjoli dik il-logħba baqgħet emozzjoni fl-istorja glorjuża tagħhom,



Formación de la Selección de Malta que se enfrentó a la Selección Española en el encuentro disputado en el estadio Ta Qali de Malta.

# ESPAÑA-MALTA

## El último peldaño

La Selección Española que dirige Miguel Muñoz está a punto de rebasar el último peldaño de esa escalita previa a la fase final de la Eurocopa de Naciones 1984. Con el encuentro de esta noche ante la Selección de Malta, España disputa su último partido de este grupo VII en que le tocó estar encuadrada y también se pone punto final a las actuacio nes de todo un grupo que, una vez finalizado el encuentro, ya habrá perfilado a su campeón.
Noventa minutos de juego en los que España habrá de intentar, pese a los imponderables, vicisitudes y circunstancias, superar, no solo a su rival maltés, sino que deberá luchar por una clasificación que, por lejana, nunca puede ser utópica.
Esta noche, además, la Selección Española contará con ese magnifico jugador «número 12» que es la afición española, en general, y la de Sevilla, en particular. Esta noche, precisamente esta noche, es cuando realmente el conjunto español debe estar más arropado que nunca, más animado que nunca y más lanzado al triunfo que nunca.
Esta noche, precisamente, es cuando hay que estar cerca del equipo español en este tan dificil y dramático momento final.



Una de las últimas formaciones de la Selección Española. Era el encuentro de entrenamiento en el estadio Santiago Bernabeu antes de partir rumbo a Holanda. Hoy, Arconada, es el gran ausente.

### SCERRI: EL TECNICO



Desde marzo de 1978, unos meses antes del inicio del Mundial de Argentina, Victor Scerri es el máximo responsable de la preparación de la Selección de Malta. Desde entonces hasta el presente año su máxima obsesión ha sido la de introducir jugadores jóvenes en busca de un equipo standard dentro de las posibilidades que contempla el fútbol maltés.
Como jugador Victor Scerri fue un excelente guardameta del conjunto maltés del Melitax. Más tarde militaria en el Sliema Wanderers y en el Floriana F.C. para defender, también, en diversas ocasiones la meta de la Seleción de su país. Hoy el el Seleccionador del conjunto maltés con muy escasa fortuna, aunque su trayectoria como entrenador no puede considerársele tan nefasta. Dirigió, con anterioridad, al equipo donde militó, es decir, al Sliema Wanderers, también fue responsable técnico del Gzira United y por último del Misda S.J. para pasar finalmente a la Selección de Malta. En 1981 fue galardonado con el premio al mejor entrenador del año.
Sin embargo, la gran preocupación de Scerri desde que comenzó esta fase previa de la Eurocopa de Naciones 1984 es la de obtener una buena clasificación. Tal es así que su mayor deseo era el de no quedar el último clasificado de entro todo los integrantes de este VII grupo.

### LOS INTERNACIONALES

**SELECCION DE MALTA**

| JUGADORES | EDAD | CLUB | A |
|---|---|---|---|
| ATTARD, Noel | 20.12.60 | Hibernians F.C. | 1 |
| AQUILINA, Joe John | 16.02.57 | Floriana F.C. | 3 |
| AZZOPARDI, Alex | 24.03.53 | Hamrun Sp. F.C. | 3 |
| BONELLO, Joh | 10.05.58 | Hibernians F.C. | 19 |
| BUSUTTIL, Carmel | 29.02.64 | Rabat Ajax F.C. | 4 |
| BUTTIGIEG, Norman | 18.02.56 | Hibernians F.C. | 18 |
| CAMILLERI, Gennaro | 16.03.53 | Sliema Wdrs. F.C. | 2 |
| CONSIGLIO, Costantino | 11.04.54 | Hibernians F.C. | 14 |
| DEGIORGIO, Michael | 15.11.62 | Hamrun Sp. F.C. | 11 |
| DEMANUELE, Silvio | 17.07.61 | Floriana F.C. | 1 |
| FABRI, Emanuel | 16.12.52 | Sliema Wdrs. F.C. | 25 |
| FARRUGIA, Edwin | 9.07.52 | Hamrun Sp. F.C. | 37 |
| FARRUGIA, Emanuel | 2.10.57 | Valletta F.C. | 27 |
| FARRUGIA, Mario | 10.03.55 | Zurrieq F.C. | 7 |
| HOLLAND, John | 5.07.53 | Floriana F.C. | 44 |
| PACE, Anthony | 14.08.58 | Zurrieq F.C. | — |
| SALERNO, Joseph | 13.05.54 | Hamrun Sp. F.C. | 2 |
| SCHEMBRI, Mario | 30.07.50 | Sliema Wdrs. F.C. | 11 |
| SCIBERRAS, Charles | 23.01.54 | Sliema Wdrs. F.C. | 10 |
| SPITERI-CONZI, Ernest | 21.10.55 | Hibernians F.C. | 18 |
| XUEREB, George | 10.11.53 | Hamrun Sp. F.C. | 25 |
| XUEREB, Joseph | 15.07.57 | Hibernians F.C. | 19 |
| XUEREB, Raymond | 22.09.52 | Hamrun Sp. F.C. | 37 |

**SELECCION ESPAÑOLA**

| JUGADORES | EDAD | CLUB | A |
|---|---|---|---|
| **Porteros:** | | | |
| BUYO, Francisco | 13.01.58 | Sevilla F.C. | — |
| ZUBIZARRETA, Andoni | 23.10.61 | Athletic Club | — |
| **Defensas:** | | | |
| CAMACHO, José Antonio | 8.06.55 | Real Madrid C.F. | 42 |
| GARCIA, Salvador «Salva» | 4.03.61 | Real Zaragoza C.D. | 1 |
| GOICOECHEA, Antonio | 23.08.56 | Athletic Club | 5 |
| MACEDA, Antonio | 16.05.57 | Real Sporting | 11 |
| SANCHEZ, José Vicente | 8.10.56 | F.C. Barcelona | 13 |
| **Medios:** | | | |
| GALLEGO, Ricardo | 8.02.59 | Real Madrid C.F. | 9 |
| GUERRI, Francisco José | 13.04.59 | Real Zaragoza C.D. | 2 |
| GORDILLO, Rafael | 24.02.57 | Real Betis Balompié | 42 |
| SEÑOR, Juan Antonio | 26.08.58 | Real Zaragoza C.D. | 8 |
| **Delanteros:** | | | |
| ALONSO, Carlos «Santillana» | 23.08.52 | Real Madrid C.F. | 41 |
| ALONSO, Marcos | 1.10.59 | F.C. Barcelona | 16 |
| CARRASCO, Francisco Jose | 6.03.59 | F.C. Barcelona | 14 |
| RINCON, Hipólito | 18.04.57 | Real Betis Balompié | 5 |
| SARABIA, Manuel | 9.01.57 | Athletic Club | 2 |

### MIGUEL MUÑOZ



Este será su sexto partido de la Eurocopa de N nes que dirigirá con la Selección Española en e sente año. Recordemos que Miguel Muñoz hizo su debut oficial con la Selección Española justo con la inauguración de la fase previa del grupo VII de la Eurocopa. Su primer partido fue ante Islandia en el estadio de la Rosaleda. Ha estado presente en todos los encuentros y ha dirigido a la Selección también en esos dos encuentros que disputó de carácter am contra Francia uno de ellos y el otro pro-damn dos. La llegada de Miguel Muñoz a la Sele Española ha conllevado la incorporación de n jugadores que, según su criterio, eran los má neos para formar el equipo representativ España. Curiosamente durante todos estos m para todos los encuentros, Miguel Muñoz ha zado, practicamente, el mismo bloque, y ha c cado, la mayoria de las veces, casi a los m hombres.
Lamentablemente y por sufrir una lesión, e ocasión, Luis Miguel Arconada será el gran au en el encuentro ante Malta. Es la primera ve el guardameta donostiarra no puede asistir convocatoria de la Selección Española.
Hay que destacar también, las incorporacion Zubizarreta y Sarabia para este encuentro. P mero en sustitución del capitán español y el c tero porque, para este partido, será necesario un buen número de goles.

għall-Olandiżi dik kienet biss prestazzjoni tal-mistħija u li tqanqal dubji serji. Iżda d-dubji mhux wara t-tisfira finali tar-referee Tork, Ercan Goksel, bdew. L-affarijiet strambi bdew ferm qabel. Sfortunatament għalina, l-ewwel logħba tal-Grupp kontra l-Olanda ma stajniex nilagħbuha f'darna għaliex ridna niskontaw sospensjoni wara l-inkwiet li nqala' kontra l-Pollakki u għaldaqstant kulħadd ħaseb li kif konna għamilna meta lgħabna kontra l-Islanda, l-Assoċjazzjoni kienet se tagħżel il-ground ta' Messina biex it-tim nazzjonali jilgħab fih. Dak in-nhar kontra l-Islanda f'Messina konna rbaħna u b'dik ir-rebħa konna ħadna l-uniċi żewġ punti mill-impenji kollha ta' Grupp 7. Kif għedt qabel, kienet wisq stramba li l-logħba kontra l-Olanda ma saritx f'Messina, iżda f'Aachen fil-Ġermanja, 500 kilometru l-bogħod mill Olanda. Fid 19 ta' Diċembru, 1982, Malta lagħbet il-logħba tagħha viċin l-Olanda, bħallikieku huma kellhom jilagħbu f'darhom u mhux aħna. Fil-fatt l-assoċjazzjoni Spanjola kienet oġġezzjonat mal-UEFA kif Malta għażlet biex tilgħab viċin l-Olanda, iżda l-UEFA ma laqgħetx it-talba Spanjola għaliex qalet li Malta kellha d-dritt li tagħżel fejn trid biex tilgħab. Għalhekk kien nhar il-25 ta' Novembru, 1983, li l-UEFA ddeċidiet li r-riżultat ta' 5-0 tal-logħba bejn l-Olanda u Malta li kienet milgħuba f'Aachen kien jgħodd. Proprju ftit jiem qabel l-aħħar żewġ impenji kruċjali. Biex inkomplu ngħaxxqu l-affarijiet dawn l-aħħar żewġ konfronti lgħabnihom f'nifs wieħed u dan biex niffrankaw spejjeż żejda ta' safar. Fis-17 ta' Diċembru, 1983, lgħabna kontra l-Olanda u tlifna bl-iskor ta' 5-0 u ftit jiem wara kontra Spanja. Dan ir-riżultat kien kważi temm it-tamiet tal-Ispanjoli għal kollox. Ħamest ijiem wara riedu jirbħulna b'differenza ta' 11-il goal biex jikkwalifikaw. Wisq! Impossibli! Speċjalment meta wieħed iżomm f'moħħu li ftit xhur qabel f'Ta' Qali konna tlifna kontrihom bl-iskor minimu ta' 2-3.

## Umiljanti

Iżda meta kien fadal biss seba' minuti għal tmiem il-logħba, ir-riżultat kien digà dak ta' 12-1 kontra l-Maltin. Fortunati li ma ħriġniex b'aktar. Ir-referee Tork kien ħassar żewġ goals tal-Ispanjoli u r-riżultat seta' kien aktar aħrax fil-konfront tagħna. Il-wasla tal-kontinġent Malti f'Sevilla ttardjat minħabba l-maltemp qalil li kien ħakem matul dawk is-sigħat. U qalila wkoll kienet il-merħba li l-Maltin sabu tilqagħhom min-naħa tal-Ispanjoli. Il-president tal-MFA kien ukoll ipprotesta mal-UEFA għall-fatt kif l-Assoċjazzjoni Spanjola ma ħallitx it-tim nazzjonali Malti jitħarreġ fl-istadium fejn kienet mistennija tintlagħab il-logħba. L-MFA ipprotestat ukoll mal-UEFA minħabba l-imġieba skorretta tal-partitarji Spanjoli li tul il-logħba kollha bbuwjaw u xeħtu lariġ fid-direzzjoni tal-Maltin. Fuq din l-imġieba l-UEFA kienet immultat lill-Assoċjazzjoni Spanjola s-somma ta' 20,000 Frank Svizzeru. Għalkemm dan ma kienx l-ewwel skor kbir f'logħba ta' tim nazzjonali, anzi hemm numru kbir ta' logħbiet li spiċċaw bi skors kbar, iżda finalment kulħadd tiegħu iħoss. L-akbar skor fuq livell ta' klabbs seħħ f'logħba tat-Tazza Skoċċiża, Arbroath kienu rebħu lil Bon Accord bl-iskor ta' 36-0. Impressjonanti għar-rebbieħa, krudili fuq it-telliefa. Intant, f'pajjiżna kienet infetħet mill-ewwel inkjesta u kien ħatret bord sabiex jinvestiga dan ir-riżultat daqshekk umiljanti.

## Il-Rapport tal-Inkjesta

Il-bord tal-inkjesta kien iffurmat minn dawn il-persuni, il-Maġistrat Dennis Montebello bħala chairman, Carm Borg bħala segretarju, il-perit Michael Falzon, l-avukat John Buttigieg u Henry Calleja f'isem l-Għaqda Kittieba Sports. Hekk kif sar magħruf ir-rapport tal-bord, wara l-istudju li sar, il-kowċ Victor Scerri kien irreżenja minn kowċ nazzjonali b'mod immedjat. Wara 29 logħba fit-tmexxija tat-tim nazzjonali Malti u wara li kien akkwista 5 rebħiet, 3 draws u 21 telfa, Scerri kien ħalla din il-pożizzjoni biex postu ħadu Guentcho Dobrev. Skond il-bord ir-raġunijiet li wasslu għat-telfa diżastruża kienu dawn…

*** Attendenza fqira mill-plejers fit-tħejjija tal-logħbiet kontra l-Olanda u Spanja, l-attitudni indifferenti tal-plejers waqt is-sessjonijiet tat-taħriġ, il-perjodu limitat ta' taħriġ fuq il-ħaxix tal-Marsa u l-fiżika fqira tal-plejers Maltin.**

*** Il-bord apprezza x-xogħol siewi li l-MFA u l-Bord Tekniku wettqu biex tfassal programm tajjeb ta' tħejjija li kien jikkonsisti f'numru ta' partiti ta' ħbiberija, training camp fil-Bulgarja u wiri ta' films tal-avversarji. Iżda għal din it-tħejjija l-plejers ma kienux attendew b'mod regolari.**

*** It-total ta' 16-il plejer għal żewġ logħbiet f'erbat ijiem ma kienx biżżejjed, tant, li l-kontinġent kellu jkun kompost minn aktar**



L-istadium Ernesto Villa Marin fejn saret il-logħba

**plejers u inqas uffiċjali. Id-Direttur Tekniku ħalla l-għażla f'idejn il-kowċ nazzjonali li assuma li n-numru kellu jkun limitat għal 16-il plejer.**

* Guentcho Dobrev, id-Direttur Tekniku, ma kellux sehem fil-pjani tal-logħbiet u fit-tħejjija tat-tim għaliex ma kellux biżżejjed żmien sabiex jibni skwadra fuq l-ideat tiegħu.

*** Il-plejers Maltin kienu nferjuri ferm fl-istatura fizika, saħħa u teknika għat-tim Spanjol. Dawn id-difetti serji dehru matul il-partita, speċjalment fit-tieni taqsima.**

*** Ir-riżultati miksuba fl-aħħar logħbiet internazzjonali u fil-kompetizzjonijiet Ewropej bejn il-klabbs jikkonfermaw li l-livell tal-futbol lokali kien tbaxxa ħafna.**

* Ir-riżultat finali (12-1) seta' kien dovut għaliex l-Ispanjoli kienu jafu l-ammont ta' goals meħtieġa minn qabel il-logħba. Din kienet l-ewwel darba li t–tim nazzjonali Malti kien qiegħed jilgħab għand avversarji li kienu jafu l-ammont ta' goals meħtiġa għall-kwalifikazzjoni tagħhom.

* L-Ispanjoli lagħbu b'aktar enerġija u veloċità minn dik normali sabiex kisbu l-ammont ta' goals meħtieġa. Minħabba din il-motivazzjoni kbira l-Bord ma eskludiex li dan seta' kien ukoll dovut għal xi sustanzi u stimulanti li l-Ispanjoli setgħu ħadu. Fil-fatt xi plejers u uffiċjali Maltin li marru fid-dressing rooms tal-Ispanjoli fi tmiem il-logħba osservaw infermiera u tobba jikkuraw lil xi plejers Spanjoli li kellhom rawha ħadra ħierġa minn ħalqhom. Il-Maltin osservaw ukoll xi siringi u fliexken tal-injezzjoni.

Minbarra dawn il-konklużjonijiet, kien hemm fatturi oħra li setgħu komplew dgħajfu lit-tim Malti. Il-logħba kontra l-Olanda intlagħbet biss tlitt ijiem qabel dik kontra Spanja, il-vjaġġ twil mill Olanda għal Madrid kien ta' strapazz, id-dewmien ta' 24 siegħa fl-ajruport ta' Madrid, in-nuqqas ta' faċilitajiet għat-taħriġ fi Spanja, l-ostilità tal-partitarji Spanjoli qabel u matul il-logħba (bħat-tfigħ kontinwu ta' oggetti fosthom flixkun li laqat dahar il-goalkeeper Bonello) u n-nuqqas ta' protezzjoni mir-referee Tork li ħalla lill-Ispanjoli jilagħbu b'mod anti-sportiv u widdeb ħafna drabi lill-plejers Maltin, saħansitra keċċa wieħed minnhom meta l-foul kien sar fuq il-plejer Malti. Il-Bord kien żied li l-atmosfera fid-dressing-room Maltija fil-mistrieħ, meta r-riżultat kien dak ta' 1-3, kienet waħda ta' moral għoli, iżda mal-ħames minuta tat-tieni taqsima l-Maltin qishom iċċassaw. Il-Bord ma jeskludix il-possibiltà li r-*refreshments* li l-plejers Maltin ħadu fl-intervall setgħu ħallew xi effett ta' nuqqas ta' konċentrazzjoni fuqhom u għalhekk fuq il-prestazzjoni tagħhom. Dawn ir-*refereshments* ma ġewx iċċekkjati u l-kowċ Scerri qal lill-plejers sabiex ma jieħdux minnhom. Fost oħrajn il-Bord osserva nuqqas ta' dixxiplina minn bosta plejers Maltin li njoraw id-direttivi tal-uffiċjali sabiex dawn ma jagħmlux telefonati lejn Malta mill-Olanda u Spanja qabel u wara l-logħbiet. Madankollu dawn it-telefonati ma tawx indikazzjoni li l-plejers setgħu ġew offruti xi inċentivi. Il-Bord osserva li l-plejers setgħu approfittaw irwiehom għaliex kien hemm nuqqas ta' kontroll fuqhom, iżda l-istess plejers ċaħdu li kienu rċevew offerti ta' flus jew incentivi oħra. Mill-inkjesta ma rriżultax li kien hemm xi lok għall-korruzzjoni min-naħa tal-plejers jew ta' uffiċjali, iżda r-riżultat finali ta' 12-1, b'disa' goals jiġu skurjati fit-tieni taqsima, ħoloq dubji serji dwar il-leġittimità tal-logħba. Ir-rapport tal-inkjesta kkonkluda li r-raġuni determinanti tat-telfa kienet minħabba l-kwadru ġenerali tal-futbol Malti.
Il-Bord irraġuna li bil-mezzi limitati, bin-nuqqas ta' finanzi, faċilitajiet sportivi u koperazzjoni minn min iħaddem il-plejers u nuqqasijiet oħra, l-probabbilità ta' riżultati diżastrużi u umiljanti kienet se tibqa' teżisti.

**Illum 25 sena wara dik il-konfront, baqagħlna biss ir-rikordju ta' esperjenza umiljanti, esperjenza li se tibqa' mnaqqxa għal dejjem fil-kotba s-suwed tat-tim nazzjonali Malti.**



Carlos Santillana awtur ta' erba' goals

## Spanja - Malta 12-1 H.T. 3-1

**Spanja:** Francisco Buyo (Sevilla), Juan Antonio Senor (Real Zaragoza), Jose Antonio Camacho (Real Madrid), Antonio Francisco Maceda (Sporting Gijon), Andoni Goikoetxea (Ath. Bilbao), Rafael Gordillo (Real Betis), Francisco Jose Carrasco (Barcellona), Munoz Victor (Barcellona), Carlos Antonio Santillana (Real Madrid), Manuel Sarabia (Athletic Bilbao), Hipolito Rincon (Real Betis) (Alonso Marcos (Barcellona))
Kowċ: Miguel Munoz

**Malta:** John Bonello (Hibernians), Emmanuel Farrugia (Valletta), Alex Azzopardi (Hamrun), Simon Tortell (Sliema), John Holland (Floriana), Norman Buttigieg (Hibernians), Silvio Demanuele (Floriana), Ray Farrugia (Melita Eagles) ( Mario Farrugia (Zurrieq)), Ernest Spiteri Gonzi (Hibernians), Leli Fabri (Sliema), Michael Degiorgio (Hamrun)
Kowċ: Victor Scerri

**Referee:** Ercan Goksel (Turkija)
Uffijali: Yahya Diker (Turkija)
Ozcan Oal (Turkija)

**Skorers:** Santillana 15, 26, 29, 75, Rincon 47, 56, 65, 78, Maceda 61, 63, Sarabia 79, Senor 83 (Spanja); Demanuele 24 (Malta)

**Tkeċċa:** Michael Degiorgio (Malta)

**Il-Klassifika Finali ta' Grupp 7**

| | L | R | D | T | F | K | Pti. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | 8 | 6 | 1 | 1 | 24 | 8 | 13 |
| Olanda | 8 | 6 | 1 | 1 | 22 | 6 | 13 |
| Eire | 8 | 4 | 1 | 3 | 20 | 10 | 9 |
| Iżlanda | 8 | 1 | 1 | 6 | 3 | 13 | 3 |
| Malta | 8 | 1 | 0 | 7 | 5 | 37 | 2 |

# Birżebbuġa Windmills fost l-eqdem Nurseries f'Malta

## Aħbarijiet u statistika mill-Youth F.A.

Dħalna fir-raba' xahar tal-Kampjonati APS Bank U/17 u U/15 organizzati mill-YFA. Mill-klassifiċi taż-żewġ kampjonati kollox jindika li dan l-istaġun mistenni jkun wieħed ferm interessanti u bilanċjat għall-aħħar. Id-distakk fil-punti bejn tim u ieħor qed ikunu minimi ħafna, u ma nistgħux ngħidu li hemm xi tim favorit fuq ieħor. Sat-tmiem dan ix-xahar ikunu ntlagħbu madwar 366 logħba, biex b'hekk inkunu kważi wasalna f'nofs il-kampjonati għal dan l-istaġun.



It-tim ta' Kirkop United - U/15

Lejn l-aħħar ta' dan ix-xahar ikun hemm waqfa tal-kampjonati, dan biex filwaqt li jkun hemm ftit tal-mistrieħ mill-kampjonati, l-amministraturi tan-Nurseries ikunu jistgħu jikkonċentraw aktar fuq id-diversi tournaments u festivals li jiġu organizzati għall-kategoriji taż-Żgħar matul dawn il-festi. Tournaments bħal dawk organizzati min-Nurseries ta' Birkirkara u Floriana, illum il-gurnata daħlu sew fil-kalendarju tan-Nurseries u l-interess fihom qiegħed dejjem jiżdied. Flimkien ma' dawn ma nistax ma nsemmix festivals oħra organizzati fuq skala iżgħar minn diversi Nurseries oħra.



It-tim ta' Kalkara - U/17

F'din il-ħarġa se nagħtu daqqa t'għajn lejn l-ewwel 26 Nursery (fl-ordni alfabetiku) minn fost 49 Nursery li għandhom affiljazzjoni fi ħdan il-Youth F.A. Sejrin nagħtu ħarsa lejn is-sena tat-twaqqif ta' kull Nursery, kif ukoll fuq it-timijiet li għandhom f'kull kategorija tal-kampjonati u festivals,





It-tim ta' Balzan Youths qabel il-logħba - U/15



organizzati mill-Youth F.A.

L-eqdem Nursery affiljata u li tidher f'din il-lista hija dik ta' B'Bugia Windmills, li kienet affiljat fl-1982 u li kienet waħda mill-membri fundaturi tal-Youth F.A.

Din in-Nursery għadha attiva sal-lum. Fit-tabella tistgħu tosservaw li n-Nursery tal-Imtarfa hija l-aħħar Nursery li twaqqfet. Din in-nursery twaqqfet fis-sena 2006. In-Nursery ta' Lija/Iklin hija l-unika nursery li tiġbor fi ħdanha żewġt irħula f'nursery waħda, u dan wara ftehim li kien intlaħaq fis-sena 2002 mal-klabb ta' Lija F.C..

It tabella tindika biċ ċar li huma ħafna dawk in-Nurseries li għandhom kontinwazzjoni ta' timijiet f'kull kategorija ta' etajiet differenti. Dan kollu juri li hemm direzzjoni u kontinwazzjoni, biex finalment, dawk il-plejers li jagħmlu l-grad jispiċċaw jilagħbu mal-ewwel tim tal-kbar, jew jingħaqdu ma' xi tim ieħor. Il-lum il-ġurnata biex Nursery tikseb liċenzja mill-MFA, jinħtieġu certi kriterji li jridu jintlaħqu, fosthom dawk fir-rigward tal-kowċis u l-kwalifiki tagħhom, flimkien ma kundizzjonijiet oħra. Dan kollu jeħtieġ investiment, u m'hemmx dubju li ħafna nurseries qegħdin jagħmlu dan b'ħafna sagrifiċċju. Sa ftit tas-snin ilu, il-maġġoranza tan-Nurseries kellhom biss timijiet fil-kategoriji ta' Taħt is-16, l-14 u l-12-il sena, iżda ħafna nurseries illum il-ġurnata qegħdin joffru wkoll taħriġ għall-etajiet ferm iżgħar. Għal dawn l-etajiet il-mira tkun aktar mitfuħa fuq *fun-football*, iżda fl-istess waqt jiffukaw fuq skills bażiċi u fuq il-kordinazzjoni, żewġ fatturi mportanti ferm għall-iżvilupp fil-futur. Il-kunċett ta' tfal bniet fin-Nurseries jidher li qiegħed jaqbad għeruq tajba u n-numru ta' dawn qiegħed dejjem jiżdied minn staġun għall-ieħor.

Fil-ħarġa li jmiss inkomplu nagħtu ħarsa lejn il-kumplament tat-23 Nursery, b'aktar informazzjoni dwar it-timijiet f'kull kategorija u s-sena tat-twaqqif tagħhom. Nieħu din l-opportunità biex f'isem il-Youth F.A. nawgura l-festi t-tajba lil kulħadd.

| NURSERY | U/17 | U/15 | U/13 | U/11 | U/9 | FONDAZZJONI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ATTARD | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1988 |
| BALZAN | IVA | IVA | IVA | LE | LE | 1992 |
| BIRZEBBUGA W. | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1982 |
| B'KARA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1983 |
| DINGLI | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1996 |
| FGURA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1995 |
| FLORIANA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1987 |
| GHAXAQ | IVA | IVA | IVA | LE | LE | 1996 |
| GOZO | IVA | IVA | LE | LE | LE | 1995 |
| GUDJA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1996 |
| GZIRA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1985 |
| HAMRUN | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1987 |
| KALKARA | IVA | LE | IVA | LE | LE | 2000 |
| KIRKOP | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1997 |
| LIJA/IKLIN | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 2002 |
| LUQA | LE | IVA | IVA | IVA | IVA | 1988 |
| M'XLOKK | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1996 |
| MARSA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1993 |
| MELITA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1988 |
| MELLIEHA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1990 |
| MGARR | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1997 |
| MOSTA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1988 |
| MQABBA | LE | IVA | IVA | IVA | IVA | 2000 |
| MSIDA ST.JOSEPH | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1997 |
| MTARFA | LE | LE | IVA | IVA | IVA | 2006 |
| NAXXAR LIONS | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | 1987 |




It-tim ta' Għaxaq - U/17



### U15 – Sezzjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 29 Nov | St. Patrick vs San Gwann | 1-0 |
| 30 Nov | Hamrun S. vs Pietà H. | 2-2 |
| 30 Nov | Birkirkara vs Naxxar L. | 3-0 |
| 06 Diċ | Mosta vs Floriana | 1-1 |
| 06 Diċ | Paola H. vs Valletta | 1-0 |
| 07 Diċ | St. Andrews vs Sliema W. | 2-2 |
| 13 Diċ | Hamrun S. vs Mosta | 0-1 |
| 13 Diċ | Pietà H. vs Birkirkara | 0-0 |
| 13 Diċ | Sliema W. vs San Gwann | 3-0 |
| 13 Diċ | St. Patrick vs Paola H. | 0-4 |
| 14 Diċ | Valletta vs St. Andrews | 1-1 |
| 14 Diċ | Naxxar L. vs Floriana | 0-2 |
| 21 Diċ | San Gwann vs Paola H. | 0-0 |
| 21 Diċ | St. Andrews vs Naxxar L. | 0-0 |
| 21 Diċ | Floriana vs Birkirkara | 0-2 |
| 21 Diċ | Pietà H. vs Valletta | 2-2 |

### Klassifika U15 – Sezzjoni A

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Paola H. | 10 | 8 | 2 | 0 | 22 | 2 | 26 |
| Sliema W. | 9 | 6 | 2 | 1 | 21 | 7 | 20 |
| Pieta' H. | 10 | 5 | 3 | 2 | 21 | 11 | 18 |
| Birkirkara | 10 | 4 | 3 | 3 | 12 | 11 | 15 |
| Valletta | 10 | 3 | 5 | 2 | 12 | 8 | 14 |
| Hamrun | 9 | 4 | 1 | 4 | 14 | 10 | 13 |
| St. Patrick | 9 | 4 | 0 | 5 | 10 | 14 | 12 |
| Mosta | 9 | 3 | 2 | 4 | 8 | 12 | 11 |
| Floriana | 10 | 3 | 2 | 5 | 9 | 14 | 11 |
| St. Andrew' s | 10 | 2 | 3 | 5 | 11 | 17 | 9 |
| San Gwann | 10 | 2 | 3 | 5 | 9 | 18 | 9 |
| Naxxar L. | 10 | 0 | 2 | 8 | 1 | 26 | 2 |

### U15 – Sezzjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 29 Nov | Tarxien R. vs Sirens | 1-0 |
| 29 Nov | Kirkop U. vs Balzan Y. | 1-1 |
| 30 Nov | Mellieha vs Gozo | 0-3 |
| 30 Nov | Melita vs Rabat D. | 2-0 |
| 06 Diċ | Birzebbuga W. vs Balzan Y. | 2-1 |
| 06 Diċ | Gozo vs Melita | 2-1 |
| 07 Diċ | Kirkop U. vs Tarxien R. | 0-2 |
| 07 Diċ | Pembroke A. vs Marsa | 3-1 |
| 08 Diċ | Mellieha vs Qormi | 2-3 |
| 08 Diċ | Rabat D. vs Sirens | 1-0 |
| 14 Diċ | Qormi vs Gozo | pp |
| 14 Diċ | Mellieha vs Kirkop U. | 0-2 |
| 20 Diċ | Balzan Y. vs Marsa | 1-6 |
| 20 Diċ | Melita vs Tarxien R. | 1-2 |
| 20 Diċ | Sirens vs Birzebbuga W. | 2-2 |
| 21 Diċ | Pembroke A. vs Rabat D. | 1-1 |

### Klassifika U15 – Sezzjoni B

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pembroke Ath. | 9 | 8 | 1 | 0 | 38 | 6 | 25 |
| Marsa | 9 | 8 | 0 | 1 | 24 | 8 | 24 |
| Gozo | 8 | 6 | 1 | 1 | 21 | 13 | 19 |
| Tarxien R. | 9 | 6 | 1 | 2 | 16 | 11 | 19 |
| Melita A. | 9 | 5 | 0 | 4 | 16 | 8 | 15 |
| Rabat D. | 9 | 3 | 4 | 2 | 11 | 9 | 13 |
| Kirkop U. | 9 | 3 | 3 | 3 | 13 | 11 | 12 |
| Qormi | 8 | 2 | 3 | 3 | 12 | 15 | 9 |
| Birzebbuga W.. | 9 | 2 | 1 | 6 | 9 | 20 | 7 |
| Balzan Y. | 9 | 1 | 2 | 6 | 5 | 24 | 5 |
| Sirens | 9 | 0 | 2 | 7 | 4 | 19 | 2 |
| Mellieha | 9 | 0 | 0 | 9 | 2 | 27 | 0 |

### U15 – Sezzjoni Ċ1

| | | |
|---|---|---|
| 06 Diċ | Ghaxaq vs Gudja U. | 1-5 |
| 07 Diċ | Mgarr U. vs Gzira U. | 1-2 |
| 13 Diċ | Fgura U. vs Zejtun C. | 2-3 |

### Klassifika U15 – Sezzjoni Ċ1

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zejtun C. | 4 | 3 | 1 | 0 | 12 | 4 | 10 |
| Gudja Utd. | 3 | 2 | 1 | 0 | 9 | 3 | 7 |
| Fgura Utd. | 3 | 2 | 0 | 1 | 12 | 4 | 6 |
| Gzira Utd. | 3 | 1 | 2 | 0 | 3 | 2 | 5 |
| Mgarr Utd. | 4 | 1 | 1 | 2 | 11 | 9 | 4 |
| Vittoriosa S. | 3 | 0 | 1 | 2 | 2 | 8 | 1 |
| Ghaxaq | 4 | 0 | 0 | 4 | 2 | 21 | 0 |

### U15 – Sezzjoni Ċ2

| | | |
|---|---|---|
| 07 Diċ | St. George's vs Attard | 1-6 |
| 08 Diċ | Zebbug R. vs Dingli S. | 5-0 |
| 08 Diċ | Sta. Venera U. vs Marsaxlokk | 3-1 |
| 21 Diċ | Marsaxlokk vs Attard | 0-4 |
| 21 Diċ | Zebbug R. vs Mqabba | 2-2 |

### Klassifika U15 – Sezzjoni Ċ2

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Attard | 4 | 3 | 1 | 0 | 13 | 2 | 10 |
| Zebbug R. | 5 | 3 | 1 | 1 | 14 | 4 | 10 |
| Sta. Venera Utd. | 4 | 2 | 1 | 1 | 7 | 5 | 7 |
| Dingli S. | 3 | 1 | 1 | 1 | 2 | 5 | 4 |
| Mqabba | 3 | 0 | 3 | 0 | 2 | 2 | 3 |
| Marsaxlokk | 4 | 0 | 1 | 3 | 1 | 9 | 1 |
| St George` s | 3 | 0 | 0 | 3 | 2 | 14 | 0 |

### U15 – Sezzjoni Ċ3

| | | |
|---|---|---|
| 29 Nov | Senglea A. vs Lija-Iklin | 0-7 |
| 29 Nov | Xghajra T. vs Zurrieq | 2 0 |
| 30 Nov | Luqa SA vs Siggiewi | 0-2 |
| 14 Diċ | Lija-Iklin vs Siggiewi | 4-1 |
| 14 Diċ | Zurrieq vs Luqa SA | 4-0 |
| 14 Diċ | Xghajra T. vs Msida SJ | 0-2 |

### Klassifika U15 – Sezzjoni Ċ3

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Lija-Iklin | 4 | 4 | 0 | 0 | 16 | 3 | 12 |
| Msida SJ | 4 | 3 | 0 | 1 | 11 | 4 | 9 |
| Siggiewi | 5 | 3 | 0 | 2 | 11 | 9 | 9 |
| Luqa SA | 4 | 1 | 1 | 2 | 5 | 9 | 4 |
| Xghajra T. | 5 | 1 | 1 | 3 | 4 | 10 | 4 |
| Zurrieq | 4 | 1 | 0 | 3 | 5 | 8 | 3 |
| Senglea A. | 4 | 1 | 0 | 3 | 4 | 13 | 3 |

### U17 – Sezzjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 29 Nov | Birkirkara vs Melita | 2-1 |
| 29 Nov | Naxxar L. vs Rabat D. | 3-3 |
| 30 Nov | Paola H. vs San Gwann | 0-2 |
| 30 Nov | Sliema W. vs Pietà H. | 1-5 |
| 30 Nov | St. Patrick vs Floriana | 1-4 |
| 06 Diċ | Sliema W. vs Rabat D. | 1-3 |
| 07 Diċ | Valletta vs St. Patrick | 3-1 |
| 07 Diċ | Paola H. vs Naxxar L. | 2-0 |
| 08 Diċ | Floriana vs St. Andrews | 6-1 |
| 08 Diċ | Melita vs San Gwann | 0-2 |
| 13 Diċ | Naxxar L. vs St. Andrews | 4-0 |
| 14 Diċ | Floriana vs Birkirkara | 2-0 |
| 14 Diċ | San Gwann vs St. Patrick | 4-0 |
| 14 Diċ | Pietà H. vs Valletta | 3-0 |
| 20 Diċ | Valletta vs Melita | 0-2 |
| 20 Diċ | Rabat D. vs Floriana | 1-3 |
| 20 Diċ | Pietà H. vs Naxxar L. | 1-0 |
| 21 Diċ | Paola H vs Birkirkara | 6-0 |

### Klassifika U17 – Sezzjoni A

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pieta' H. | 11 | 9 | 0 | 2 | 33 | 5 | 27 |
| Floriana | 11 | 8 | 2 | 1 | 35 | 15 | 26 |
| San Gwann | 10 | 7 | 2 | 1 | 25 | 8 | 23 |
| Paola H. | 11 | 7 | 2 | 2 | 22 | 11 | 23 |
| Melita A. | 11 | 6 | 2 | 3 | 22 | 11 | 20 |
| Rabat D. | 10 | 4 | 3 | 3 | 24 | 17 | 15 |
| Valletta | 11 | 4 | 2 | 5 | 17 | 17 | 14 |
| Birkirkara | 11 | 4 | 2 | 5 | 14 | 24 | 14 |
| Naxxar L. | 11 | 3 | 1 | 7 | 16 | 26 | 10 |
| St. Patrick | 10 | 2 | 0 | 8 | 10 | 29 | 6 |
| Sliema W. | 10 | 1 | 2 | 7 | 9 | 20 | 5 |
| St. Andrew' s | 11 | 0 | 0 | 11 | 4 | 48 | 0 |













## U17 – Sezzjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 29 Nov | Mellieha vs Hamrun S. | 1-2 |
| 29 Nov | Pembroke A. vs Zebbug R. | 2-1 |
| 30 Nov | Attard vs Qormi | 1-1 |
| 30 Nov | Sirens vs Lija-Iklin | 0-4 |
| 06 Diċ | Hamrun S. vs Zebbug R. | 3-0 |
| 06 Diċ | Qormi vs Lija-Iklin | 1-1 |
| 06 Diċ | Pembroke A. vs Sirens | 3-1 |
| 07 Diċ | Mellieha vs Mosta | 1-2 |
| 07 Diċ | Msida SJ vs Balzan Y. | 1-3 |
| 13 Diċ | Msida SJ vs Mellieha | 2-3 |
| 14 Diċ | Mosta vs Attard | pp |
| 14 Diċ | Balzan Y. vs Tarxien R. | pp |
| 20 Diċ | Mellieha vs Pembroke A. | 1-0 |
| 20 Diċ | Mosta vs Zebbug R. | 3-1 |
| 21 Diċ | Attard vs Hamrun S. | 0-4 |
| 21 Diċ | Balzan Y. vs Lija-Iklin | 1-1 |

## Klassifika U17 – Sezzjoni B

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hamrun S. | 12 | 10 | 1 | 1 | 26 | 4 | 31 |
| Mosta | 11 | 6 | 3 | 2 | 26 | 13 | 21 |
| Balzan Y. | 11 | 6 | 3 | 2 | 22 | 12 | 21 |
| Qormi | 11 | 6 | 2 | 3 | 21 | 11 | 20 |
| Msida SJ | 11 | 6 | 1 | 4 | 20 | 13 | 19 |
| Mellieha | 11 | 6 | 1 | 4 | 20 | 14 | 19 |
| Tarxien R. | 10 | 5 | 3 | 2 | 19 | 10 | 18 |
| Pembroke Ath. | 11 | 5 | 1 | 5 | 19 | 18 | 16 |
| Lija-Iklin | 12 | 2 | 5 | 5 | 13 | 22 | 11 |
| Attard | 11 | 1 | 5 | 5 | 8 | 24 | 8 |
| Zebbug R. | 12 | 1 | 1 | 10 | 11 | 36 | 4 |
| Sirens | 11 | 0 | 0 | 11 | 3 | 31 | 0 |

## U17 – Sezzjoni Ċ1

| | | |
|---|---|---|
| 08 Diċ | Gozo vs Fgura U. | 3-1 |
| 20 Diċ | Marsaxlokk vs Senglea A. | 2-2 |
| 21 Diċ | Gozo vs Ghaxaq | 6-0 |

## Klassifika U17 – Sezzjoni Ċ1

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gozo | 9 | 9 | 0 | 0 | 44 | 3 | 27 |
| Kalkara SJ | 8 | 5 | 1 | 2 | 17 | 10 | 16 |
| Marsaxlokk | 8 | 4 | 2 | 2 | 24 | 9 | 14 |
| Senglea Ath. | 8 | 4 | 2 | 2 | 19 | 16 | 14 |
| Dingli S. | 8 | 3 | 2 | 3 | 8 | 14 | 11 |
| Fgura Utd. | 8 | 2 | 2 | 4 | 17 | 20 | 8 |
| Ghaxaq | 9 | 2 | 1 | 6 | 12 | 33 | 7 |
| Sta. Venera Utd. | 8 | 2 | 0 | 6 | 8 | 16 | 6 |
| Siggiewi | 8 | 0 | 2 | 6 | 13 | 41 | 2 |

## U17 – Sezzjoni Ċ 2

| | | |
|---|---|---|
| 30 Nov | Gudja U. vs St. George's | 3-0 |
| 30 Nov | Marsa vs Vittoriosa S. | 5-2 |
| 08 Diċ | Mgarr U. vs Vittoriosa S. | w/o |
| 08 Diċ | Marsa vs Zurrieq | 1-0 |
| 13 Diċ | Birzebbuga W. vs Mgarr U. | 0-3 |
| 13 Diċ | Gzira U. vs Kirkop U. | 2-1 |
| 21 Diċ | Gzira U. vs Marsa | 4-0 |

## Klassifika U17 – Sezzjoni Ċ2

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mgarr Utd. | 8 | 7 | 1 | 0 | 26 | 4 | 22 |
| Kirkop Utd. | 8 | 5 | 2 | 1 | 23 | 4 | 17 |
| Birzebbuga W. | 8 | 5 | 1 | 2 | 15 | 10 | 16 |
| Gzira Utd. | 9 | 3 | 3 | 3 | 11 | 9 | 12 |
| Zurrieq | 8 | 3 | 2 | 3 | 7 | 9 | 11 |
| St George`s | 8 | 3 | 0 | 5 | 14 | 14 | 9 |
| Marsa | 9 | 3 | 0 | 6 | 9 | 25 | 9 |
| Gudja Utd. | 8 | 2 | 2 | 4 | 13 | 11 | 8 |
| Vittoriosa S. | 8 | 0 | 1 | 7 | 7 | 39 | 1 |

Nurseries 22



**Nurseries 22 fuq Education 22**
Nhar ta' Ħamis fis-7.00 pm
Nhar ta' Ġimgħa fl-10.00am (R)
Nhar ta' Sibt fl-4.30pm (R)
Il-Program ta' informazzjoni dwar in-Nurseries
Ippreżentat minn Mario Pisani





# MARE BLU

TUNA FARM LIMITED

74, LEISSE HILL, VALLETTA, VLT1940, MALTA / TEL: +356 2122 3015 FAX: +356 2122 7326
WEBSITE: WWW.MAREBLUMALTA.COM / EMAIL: INFO@MAREBLUMALTA.COM

# Valletta F.C. - Staġun 2008-2009

SPORTIV



Wara – **David Camilleri, Cleavon Frendo, Dyson Falzon, Josef Mifsud, Dylan Grima, Justin Grioli, Sebastian Aset**
Nofs – **Ronald Attard (Physiotherapist), Jamie Pace, Jonathan Bondin, Andrew Hogg, Anton Cremona (Asst. Coach), Nicholas Vella, Njongo Priso, Paolo Massaro, Jason Galea Lucas (Technical Staff)**
Quddiem – **Edmond Agius, Kenneth Scicluna, Gilbert Agius, Nicky Saliba (Team Manager), Victor Sciriha (President), Paul Zammit (Coach), Steve Bezzina, Ian Zammit, Stefan Giglio**

MARE BLU
TUNA FARM LIMITED

MORE ENERGY
DARK DOG
GUARANÁ & VITAMIN ENERGY DRINK

## Grupp E

25.11.2008 - 20.45 hrs

**AaB Aalborg** 2
Caca 73, G. Caldwell 87 o.g.
**Celtic** 1
B. Robson 53
HT 0-0 **Aalborg Stadium**

**Aalborg** – Karim Zaza, Kasper Bogelund, Steve Olfers, Michael Jakobsen, Martin Pedersen (Patrick Kristensen 81), Caca, Thomas Augustinussen, Andreas Johansson, Kasper Risgard, Thomas Enevoldsen (Anders Due 70), Jeppe Curth (Marek Saganowski 70)
*Coach* – Bruce Rioch
**Celtic** – Artur Boruc; Andreas Hinkel, Glen Loovens, Stephen McManus, Mark Wilson (Shaun Maloney 90), Shunsuke Nakamura, Scott Brown, Gary Caldwell, Barry Robson, Scott McDonald, Giorgos Samaras (Cillian Sheridan 69)
*Coach* – Gordon Strachan

Referee – Konrad Plautz (Awstrija)

## Grupp E

25.11.2008 - 20.45 hrs

**Villarreal** 0

**Manchester United** 0

**Madrigal Stadium**

**Villarreal** – Diego Lopez; Javi Venta, Gonzalo Rodriguez, Fabricio Fuentes, Joan Capdevila; Santi Cazorla, Marcos Senna (Bruno 46), Sebastian Eguren, Robert Pires (Mati Fernandez 65); Giuseppe Rossi (Guille Franco 79), Ariel Ibagaza
*Coach* – Manuel Pellegrini
**Man Utd** – Tomasz Kuszczak; John O'Shea, Rio Ferdinand, Jonny Evans, Patrice Evra; Cristiano Ronaldo, Darren Fletcher (Darron Gibson 80), Anderson, Michael Carrick (Carlos Tevez 86), Nani (Park Ji-sung 84); Wayne Rooney
*Coach* – Alex Ferguson

Referee – Roberto Rosetti (Italja)
Tkeċċa – Joan Capdeville 82 (V)

## Grupp F

25.11.2008 - 20.45 hrs

**Fiorentina** 1
A. Gilberto 45
**Olympique Lyon** 2
J. Makoun 15, Karim Benzema 27
HT 1-2 **Artemio Franchi Stadium**

**Fiorentina** – Sebastien Frey; Luciano Zauri, Dario Dainelli (Per Kroldrup 46), Alessandro Gamberini, Juan Manuel Vargas; Zdravko Kuzmanovic, Felipe Melo (Pablo Osvaldo 78), Mario Alberto Santana (Stevan Jovetic 54) Riccardo Montolivo; Adrian Mutu, Alberto Gilardino
*Coach* – Cesare Prandelli
Il-kampjonati nazzjonali tal-Juniors ilhom għal bosta snin jagħmlu parti sħiħa mill-kalendarju sportiv tal-Badminton Malta, u staġun wara staġun, huma mistennija ferm mill-membri zgħar fi ħdan l-assoċjazzjoni.

Huma jagħtu stampa ċara tat-talenti ġodda li jkunu qed jimmaturaw, filwaqt li jservu wkoll ta' inċentiv għall-parteċipanti biex ikomplu jtejbu l-livell ta' logħob tagħhom.

Badminton Malta dan l-aħħar organizzat il-kampjonati nazzjonali għall-kategoriji ta' taħt it-tlettax u s-sittax-il sena fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera.



Ir-rebbieħa kollha tal-kampjonati nazzjonali

Owen Grech kiseb it-titlu nazzjonali fil-kategorija tas-Singles tas-subien taħt it-tlettax-il sena; fil-finali għeleb lil Luigi Grech bil-punteġġ ta' 21/12 u 21/14. Fl-istess kategorija, ic-champion attwali, Lisa Formosa, irnexxielha żżomm it-titlu tas-Singles tal-bniet meta rebħet il-final tagħha kontra Clarissa Grech, bil-punteġġ ta' 21/4 u 21/13. Fil-kampjonat tas-Singles tas-subien fil-kategorija taħt is-sittax-il sena, kienu l-aħwa Andrew u Daniel Sammut li waslu sal-finali, fejn Andrew għeleb lil ħuh bil-punteġġ ta' 21/15 u 21/12. L-aħwa Sammut imbagħad komplew flimkien bil-kisba tat-titlu nazzjonali tad-Doubles tas-subien meta rebħu l-finali rispettiva kontra Luigi Grech u Max Schroeder bil-punteġġ ta' 21/10 u 21/14.

Intant Daniela Galea żammet it-titlu tas-Singles tal-bniet taħt is-sittax-il sena, suċċess li kienet diġà kisbet fl-istaġun li għadda meta ħarġet rebbieħa fil-finali fuq Dominique Francica, f'zewġ sets b'punteġġ identiku ta' 21/14 u 21/14.

Dominique Francica pattiet għal din it-telfa meta, flimkien ma' oħtha Catriona, kisbet it-titlu tad-Doubles tal-bniet. L-aħwa Francica ħarġu rebbieħa fil-final tagħhom kontra Lisa Formosa u Atlanta Cochrane bil-punteġġ identiku ta' 21/10 u 21/10.

Badminton Malta stqarret is-sodisfazzjon tagħha għal-livell tajjeb ta' logħob muri minn dawk kollha li ħadu sehem f'dan l-avveniment. Il-kampjonati kienu sponsorjati minn EuroSport ta' Birkirkara.

Intant ftit tal-ġimgħat ilu l-istess Badminton Malta, bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Olimpiku Malti u kif ukoll bl-għajnuna tal-Confederation of Mediterranean Badminton, organizzat kamp ta' taħriġ li kien immexxi mill-Franċiż, Christophe Jeanjean. Dan il-kors ta' taħriġ kien immirrat lejn l-aħjar plejers u kowċis tal-badminton f'pajjiżna.

Il-kors kien inawgurat minn Mark Cutajar, Direttur tal-KOM. It-taħriġ seħħ fil-Kulleġġ ta' San Alwigi ġewwa Birkirkara u kif ukoll fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera. Kull sessjoni nisġet flimkien taħriġ prattiku ma' taħriġ teoretiku u diskussjoni; b'dan il-mod, il-parteċipanti setgħu jiksbu l-aktar tagħrif aġġornat dwar il-logħba u kif ukoll dwar kif titħarreġ fiha.

Waqt il-mawra tiegħu, Jeanjean żar ukoll diversi skejjel u kulleġġi lokali fejn jintlagħab dan l-isport, bl-intenzjoni li jkompli jkattar il-popolarità tiegħu fost l-istudenti u fl-istess waqt seta' jħarreġ mill-qrib lill-għalliema tal-edukazzjoni fiżika.

Badminton Malta tenniet l-impenn kostanti tagħha għat-titjib tal-aħjar plejers, kif ukoll tal-kowċis tagħha, bl-organizzazzjoni regolari ta' avvenimenti ta' din ix-xorta.




## Kumitat Olimpiku Malti - Unuri Sportivi

# Serata li tat ġieħ lill-isport Malti u dak li twettaq fl-2008

- Charles Camenzuli - Direttur tal-Media KOM

"Is-seba' Edizzjoni tal-MOC Sports Awards hija xhieda tas-suċċcessi li wettqu atleti Maltin matul l-2008 u fl-istess waqt hija festa ta' sport u rikonoxximent għal kull min jagħti sehmu u l-ħin tiegħu biex l-isport Malti jkompli jiżviluppa. Is-sehem ta' Malta fl-Olimpijadi ta' Beijing għamlu s-sena 2008 waħda pożittiva, b'William Chetcuti jikseb l-aħjar riżultat qatt miksub minn atleta Malti fi 80 sena ta' parteċipazzjoni Olimpika." – hekk indirizza lil dawk preżenti l-Imħallef Lino Farrugia Sacco, President tal-Kumitat Olimpiku Malti, fi tmiem is-seba' Edizzjoni tal-MOC Sports Awards.

F'serata ta' premjazzjoni li għaliha attendew atleti, uffiċjali u amministraturi tal-isport Malti, il-Kumitat Olimpiku Malti żamm mat-tradizzjoni li din l-attività ġġib fi tmiem sena ta' sport. Kienet ukoll serata b'laqta Olimpika fejn filwaqt li dawk preżenti kellhom iċ-ċans isegwu siltiet mill-Olimpijadi, b'mod partikolari l-atleti Maltin fl-azzjoni u bħala parti mill-attrazzjoni tas-serata ġew mistiedna iż-żeffiena tradizzjonali Ċiniżi, Taiji, li flimkien mal-banda ta' Vinny Vella u l-kantanta Andreana, offrew spettaklu ideali għas-serata. Waqt l-istess serata dawk preżenti raw mill-viċin dak li seħħ fi ħdan il-KOM matul l-2008 u ż-żjarat li diversi atleti u uffiċjali wettqu f'erba' skejjel governattivi u privati f'Malta.

Mistieden speċjali għall-edizzjoni ta' din is-sena kien Dott. Raffaele Pagnozzi, Segretarju Ġenerali tal-CONI u kif ukoll Viċi President tal-Kumitat Internazzjonali tal-Logħob tal-Mediterran u Segretarju Ġenerali għall-Kumitati Olimpiċi Ewropej. Dott. Pagnozzi ndirizza lil dawk preżenti wara li f'isem il-KOM u flimkien ma' Rossana Ciuffetti, ġie ppreżentat b'tifkira tal-okkażjoni.

Il-Maltese Olympic Committee Sports Awards 2008 ġew ippreżentati minn Charles Camenzuli flimkien ma' Miriam Dalli u Louise Tedesco b'xandira diretta fuq Education 22, b'direzzjoni ta' Mario Parascandolo. Kemm OneTV u kif ukoll NetTV xandru l-filmat tas-serata.

U filwaqt li t-tiratur William Chetcuti, wara r-riżultat pożittiv f'Beijing, rebaħ l-ogħla unur tas-serata dak magħruf bħala il-Platinum Award, inizjattiva ġdida imnedija mill-Kumitat Olimpiku Malti rat lill-Kunsill Lokali Mellieħa jirbaħ l-unur bħala l-aktar kunsill lokali f'Malta li matul l-2008 ħadem fuq inizjattivi biex tinħoloq aktar kuxjenza favur l-isports fil-


Robert Cutajar, Sindku tal-Mellieħa


Il-preżentaturi tar-Serata, Charles Camenzuli u Louise Tedesco





minn
CHARLES CAMENZULI

lokalitajiet. Fit-tieni u t-tielet post spiċċaw Ħal Qormi u Floriana rispettivament. Din l-ewwel edizzjoni waslet ukoll f'mument meta pajjiżna qiegħed jiċċelebra għeluq il-15-il sena mit-twaqqif tal-kunsilli lokali f'Malta u f'Għawdex .

Il-preżentazzjoni saret lis-Sindku tal-Mellieħa, Robert Cutajar, mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-isports, l-Onorevoli Clyde Puli, li flimkien mas-Sur Bernard Vassallo, Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, kien ukoll preżenti għas-serata.

Il-Kumitat Olimpiku Malti għal darb'oħra ra li aktar eks-uffiċjali u atleti, skond il-mertu tagħhom u b'turija ta' dak li wettqu matul il-karriera sportiva speċifika tagħhom, jiddaħħlu fil-Hall of Fame tal-KOM. Is-seba' membri ġodda fil-Hall of Fame għall-2008 tħabbru mill-Kanċillier u Direttur tal-isport fi ħdan il-KOM, Pippo Psaila, li filwaqt li ta tagħrif dwar x'wassal biex persuna tkun nominata fil-Hall of Fame, ħabbar li l-membri ġodda kienu Victor Pace, Joe Dimech, Kevin Decesare, Frank Tabone, Dr. Joseph Muscat, Charles Micallef u Lino Bugeja.

**Ir-rebbieħa kollha kienu dawn:**

**• PLATINUM AWARD**

William Chetcuti - Sparar

**• CERTIFICATE OF MERIT**

Aaron Ciantar - Powerboats

Ryan Bugeja - Sparar

**• GOLD AWARD**

Tim Nazzjonali tal-Basketball tan-Nisa

Tim Nazzjonali tal-iSquash tan-Nisa

Tim Nazzjonali tal-Pool

Clayton Attard – Pool

Sebastian Ripard – Iburdjar

Ryan Gambin – Għawm

Shaun Parnis – Boċċi

Darren Vella u Clive Farrugia - Sparar

Clive Farrugia – Sparar

Brian Farrugia – Bowling

Keith Galea – Triathlon

**• SILVER AWARD**

Tim Nazzjonali A tal-Waterpolo

Elusive Crew – Middle Sea Race 2008

William Vella u Lawrence Darmanin – Sparar – (10m Air Rifle)

Annabelle Olivieri Munroe – Squash

Dermot Galea – Triathlon

**• BRONZE AWARD**

Madeleine Scerri – Għawm

Thomas Zammit Tabona – Ibburdjar

Theresa Brousson – Squash

Joseph Borg Bonaci – Table Football



L-uffiċjali tal-KOM jiċċelebraw flimkien



Miriam Dalli, preżentatriċi

## Protokoll ta' għajnuna lill-K.O.M. mill-C.O.N.I.

L-għada tas-seba' edizzjoni tal-MOC Sports Awards ġie ffirmat il-protokoll ta' għajnuna bejn il-Kumitat Olimpiku Malti u l-Kumitat Olimpiku Taljan. Dan seħħ, waqt konferenza ta' l-aħbarijiet li saret fil-Lukanda Excelsior, Floriana.

Il-protokoll ġie ffirmat mill-President tal-Kumitat Olimpiku Malti, l-Imħallef Lino Farrugia Sacco, u s-Segretarju tal-Kumitat Olimpiku Taljan, Dottor Raffaele Pagnozzi, li huwa wkoll is-Segretraju Ġenerali tal-Kumitati Olimpiċi Ewropej u Viċi President tal-Kumitat Internazzjonali tal-Logħob tal-Mediterran.

Skond dan il-ftehim tmien dixxiplini differenti: Ibburdjar, Atletika, Judo, Sparar, Għawm, Tennis, Table-Tennis u Weightlifting mistennija jingħataw għajnuna teknika u kif ukoll fuq proġetti oħra mfassla mill-Kumitat Olimpiku Malti u l-għaqdiet nazzjonali tal-isport fl-2009.

Meta ndirizza lill-ġurnalisti, l-Imħallef Farrugia Sacco, qal li permezz ta' dan il-ftehim il-Kumitat Olimpiku Malti se jkun jista' jsaħħaħ il-preparazzjoni tal-atleti tiegħu u jgħolli l-livell ta' l-isport Malti. Huwa semma' fost oħrajn l-edizzjoni li jmiss tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, f'Ċipru, fejn hemm il-mira hi li Malta tispiċċa fir-raba' post tal-klassifika ġenerali tal-midalji.
L-Imħallef Farrugia Sacco qal li l-Kumitat Olimpiku qiegħed jaħdem bis-sħiħ sabiex anke f'Pescara, Malta jkollha l-isbaħ riżultat li qatt kisbet f'dawn il-logħob. Huwa semma wkoll il-parteċipazzjoni fil-Logħob tal-Mediterran, it-tħejjijiet għal futur immedjat fuq livell ta' żgħażagħ u kif ukoll ta ħarsa lejn il Logħob Olimpiku f'Londra, fl-2012.

Skond Dott. Raffaele Pagnozzi, il-protokoll mal-KOM huwa wieħed mill-eqdem protokolli li għandu l-CONI. Huwa wkoll sforz ir-relazzjoni tajba li teżisti bejn iż-żewġ pajjiżi.

Preżenti wkoll għal din il-laqgħa mal-media flimkien ma' uffiċjali tal-KOM u uffiċjali tal-għaqdiet nazzjonali tal-isport, kien hemm ukoll is-Sinjura Rossana Ciufetti, li hija l-kap tas-Segretarjat tal-Kumitati Olimpiċi Ewropej .



Intervista ma' Anthony Chircop

# President
## tal-Malta Amateur Athletics Association

Id-differenza tinsab f'meta jilħqu l-erbatax -il sena, minn hemm jibda joħroġ distakk fil-livell tal-atleti
**– Anthony Chircop**

Ritratti kortesija ta' P. Grech u M.Wonnacott

**Jekk tuża l-unuri mgħotija fi tmiem is-sena bħala l-parametru li jiġġudika jekk sport kienx suċċess jew le fit-12-il xahar ta' qabel, mela l-konklużjoni tiegħek se tkun li l-2008 kienet waħda fallimentari għall-isport tal-atletika.**

Dan wara li l-ebda atleta ma rnexxielu jniżżel ismu jew isimha fil-lista ta' dawk li l-Kumitat Olimpiku Malti għażel bħala l-aktar sportivi li marru tajjeb is-sena li dalwaqt tintemm. Nuqqas li jispikka l-aktar meta tqis ir-regolarità li biha dan l-isport kien preżenti fil-passat. Imma r-realtà hija differenti għaliex dak hu kejl żbaljat: is-suċċess ma jitqiesx biss mir-riżultati tal-individwi, iżda minflok b'dak li jkun sar b'mod komplessiv mill-isport partikolari kollu. Dik ċertament hi l-idea ta' Anthony Chircop, President tal-Malta Amateur Athletics Association.
"Is-sena li għaddiet ma kienx hemm Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar iżda dan ma jfissirx li kienet sena nieqsa mis-suċċess," huwa stqarr. "Anzi aħna għandna numru ta' kompetizzjonijiet fejn il-livell huwa saħansitra ogħla minn dak tal-GSSE." Aħna ta' kull sena jkollna l-Indoor u l-Outdoor Championships, jew fuq livell Ewropew, jew fuq wieħed Mondjali. Nieħdu sehem ukoll fil-European Cup b'tim kompost minn atleti Maltin flimkien ma' uħud mil-Liechenstein, Monaco u San Marino, anke jekk il-maġġoranza jkunu atleti Maltin. Jipparteċipaw timijiet ta' kalibru ogħli bħal m'huma l-Awstrija, l-Iżrajel, l-Albanija u Ċipru. Din is-sena rajna titjib fil-klassifikazzjoni miksuba speċjalment fost in-nisa fejn spiċċajna s-seba' minn erbatax," temm Chircop.
Is-suċċess f'din il-kompetizzjoni jwassal għall-mistoqsija dwar jekk wasalx iż-żmien li jkun hemm tim magħmul esklussivament minn atleti Maltin.
"Minn din is-sena, l-format ta' din il-kompetizzjoni nbidel. Din issa saret il-European Team Cup u l-punti se jitqassmu fuq id-dixxiplini kollha. Dan ifisser li jrid ikollok tim aktar komplet u jekk aħna konna qegħdin naħsbu li nieħdu sehem b'tim Malti, mela issa se jkollna nipposponu dik id-deċiżjoni."
Kompetizzjoni oħra li qiegħda tikber fl-importanza hija l-International Meet li l-MAAA qiegħda tagħmel appuntament magħha ta' kull sena. "Din is-sena kellna interess qawwi u livell għoli ferm mit-timijiet barranin. Naturalment dan jgħin lill-atleti Maltin għax ikunu jistgħu jesperjenzaw livell ta' kompetizzjoni aħjar ġewwa pajjiżhom stess."
Iżda dan għadu biss il-bidu. "Kunfidenti li l-edizzjoni tal-2009 se tkun saħansitra aħjar. Qegħdin naraw interess dejjem jikber minn timijiet barranin Diġa' hemm timijiet mill-Isvezja u Franza li kkonfermaw, flimkien mat-tim nazzjonali ta' Wales u selezzjoni ta' Northern Athletics mill-Ingilterra. Dawn barra t-timijiet minn Tuneż, l-Eġittu u l-Libja, li dejjem ikunu mistiedna. U l-applikazzjonijiet il-ħin kollu deħlin."
"Ċert li dan se jkun ta' preparazzjoni tajba għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar," kompla l-Presient tal-MAAA.
Kompetizzjoni oħra li matul is-sena li għaddiet tat sodisfazzjon kbir lill-atletika kienet dik tal-FISEC. "Iva, kuntent ħafna b'dak li għamlu l-atleti tagħna," ikkonferma Chircop. "B'mod partikolari kien hemm Michael Fraser,


Il-Matthew Micallef St. John Stadium


Il-cross country tal-iskejjel


Charlene Attard, waħda mill-atleti tas-sena tal-MAAA

l-atleta mwieled l-Ingilterra imma ta' dixxendenza Maltija, li kien rivelazzjoni kbira fl-400m."

Dak ta' Fraser idaħħalna f'argument ieħor, wieħed li jdur madwar l-impatt li jista' jkollhom dawn l-atleti fuq dawk lokali. "Aħna nagħmlu kundizzjoni – u li mhux kulħadd jagħmilha – li dawn l-atleti jkollhom passaport Malti. Iktar minn hekk jien ma nistax nagħmel. Wara kollox, jekk xi ħadd jiġi fuqi u jgħidli li għandu passaport Malti, mela jien m'għandi l-ebda raġuni biex inżommhom milli jikkompetu għal Malta."

Hawn Chircop jammetti li hemm aktar atleti li qegħdin jesprimu xewqa simili. "Bħalissa qegħed insewgi atleta ta' dixxendenza Maltija li jgħix l-Awstralja. Huwa esprima nteress qawwi li jiġri għal Malta fl-ispeċjalità tiegħu, l-400m, fejn naħseb li huwa saħansitra aħjar minn Fraser. Jekk huwa jiġri għal Malta, naħseb li se jkollna possibilitajiet kbar fil-400m relay."

Iżda huwa hawn li tidħol id-diffikultà għaliex f'Malta diġà hawn erba' atleti ta' livell tajjeb f'din l-ispeċjalità. "Li nixtieq nara hu li l-atleti jkunu lesti jippruvaw speċjalitajiet oħra. Eżempju, filwaqt li għandna abbundanza ta' talent fl-400m, donnu kulħadd jibża' mill-400m hurdles. Nemmen li l-atleti kollha tagħna kapaċi jilħqu l-kwalifikazzjoni li hemm għal din l-ispeċjalità għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar."

Fattur pożittiv li joħroġ mill-kuntatt ta' Chircop ma' atleti li jiġru barra minn Malta hija l-konferma li toħroġ dwar it-talent li għandna f'pajjiżna. "Kont qiegħed inħares lejn ir-riżultati tal-atleti żgħar fl-Awstralja u l-ħinijiet miksuba mill-atleti tagħna huma ferm aħjar minnhom. Id-differenza tinsab f'meta jilħqu l-14-il sena, minn hemm jibda joħroġ distakk fil-livell tal-atleti. Naħseb li wasal iż-żmien li jsir studju serju biex naraw x'nistgħu nagħmlu ħalli nsibu risposta għal din il-kwistjoni," tenna imħasseb Chircop.

## L-Assoċjazzjoni u l-ġiri fit-toroq

"Barra t-track aħna nieħdu ħsieb ukoll ir-Road Running u din is-sena kellna riżultati tajbin. Qed naraw kif nistgħu ntejbu dawn ir-riżultati tant li waqqafna kumitat apposta biex joħroġ b'ideat ħalli dawn jitjiebu. Qed nippruvaw ukoll ninċentivawhom biex jikkompetu fit-track. Ilu sitt snin ma jkollna atleta Malti li jieħu sehem fil-Long Distance fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar u qegħdin nittamaw li xi wieħed minn dawn l-atleti jirnexxielu jbiddel dan"

Hawn ukoll Chircop jixtieq jara atleti jippruvaw affarijiet ġodda. "Għandna atleti tajbin fil-5000 metru u l-10,000 metru, iżda ħadd minnhom ma jipprova t-3,000 metru steeplechase."

Iżda ċertu affarijiet qegħdin jinbidlu. "Riċentament organizzajna cross country għat-tfal tal-iskejjel u kellna rispons fenomenali b'aktar minn 400 tifel u tifla. Dan jagħtina ħafna kuraġġ u qegħdin naraw kif nistgħu nerġgħu norganizzaw xi ħaġa simili filwaqt li ntejbu fuq dawn ir-riżultati."

Ir-riżultati jitjiebu wkoll grazzi għax-xogħol tal-atleti u l-isforz qatt ma jonqos. "Filwaqt li ħafna sports oħra jieqfu waqt il-btajjel tal-Milied, aħna ġibna l-kowċ Ingliż, Mike McFarlance, biex fil-ġimgħa tal-Milied l-isprinters u l-long jumpers tagħna jkunu jistgħu jitħarrġu miegħu."

Ir-raġuni għal dan hija ovvja: dik li jsiru l-aħjar preparamenti possibbli għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar. "Il-mira tagħna naturalment hija dik li nikkompetu bl-iktar tim b'saħħtu possibbli f'kemm jista' jkun avvenimenti. Mill-GSSE se joħorġu wkoll dawk l-atleti li mistennija jmorru għal-Logħob tal-Mediterran, fejn aħna se nipprovaw li kull min jirbaħ midalja jmur Pescara. L-istess jgħodd għall-Euroepean Team Cup, fejn se nipprovaw immorru bl-iktar tim komplet possibbli. Hemm ukoll il-European Youth Olympic Forum li qegħdin nagħtuh importanza kbira għaliex minnhu joħorġu l-elite athletes ta' għada. Iż-żgħażagħ dejjem jibqgħu prijorità għalina. Is-sena li għaddiet morna Crystal Palace u ġibna riżultati tajbin. Morna wkoll Brno b'tim, kif saret it-tradizzjoni tagħna, anke jekk fil-verità qegħdin nippruvaw insibu kompetizzjoni aħjar," temm ifisser Anthony Chircop.

U hija dik it-tfittxija kontinwa għat-titjib li qegħda tissarraf f'suċċessi fl-atletika, jgħidu x'jgħidu l-unuri mgħotija.


Il-cross country tal-iskejjel

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet ta' l-Erbgħa, 26 ta' Novembru 2008

**Race 1 - Bronze 6 - 2140m - (1'18"6)**
1. Joyau Du Tremblay (Camilleri Charles)
2. Gubben Karsk (Schembri Gorg)
3. First De Vendee (Borg Charles)
4. Harry Passion (Bartolo Joseph)

**Race 2 - Bronze 3 - 2140m - (1'18"3)**
1. Fier Seigneur (Schembri Gorg)
2. Granit Toft (Demanuele Tony)
3. Pomerol Merc (Cassar Sam)
4. Braveheart (Garzia Emmanuel)

**Race 3 - Silver 5 - 2140m - (1'17"1)**
1. Katuelo (Camilleri Charles)
2. Klein Burois (Schembri Johan)
3. VS Ganess (Demanuele Tony)
4. Mighty Zoot (Farrugia Julian)

**Race 4 - Bronze 1 - 2140m - (1'17"7)**
1. King De Piencourt (Cutajar Saviour)
2. Judoka Du Rib (Farrugia Joe)
3. Catchme If You Can (Farrugia Karmenu)
4. Galet De La Croix (Bilocca Ivan)

**Race 5 - Gold 2 - 2140m - (1'15"9)**
1. Glory Cowboyland (Cauchi Omar)
2. Race Ball (Demanuele Tony)
3. Charlie Smitt (Debono Charlo)
4. Kaki Du Vivier (Schembri Gorg)

**Race 6 - Gold 1 - 2140m - (1'15"4)**
1. Kamis De L'Eveche (Vella Salvu)
2. Kerrio (Baldacchino Noel)
3. Kosker Mancellerie (Briffa Benny)
4. Hawkeye De Marco (Camilleri Charles)

**Race 7 - Gold 5 - 2140m - (1'17"2)**
1. Sheriff As (Ellul David)
1. Fastprint (Desira Mark)
3. Wingait Geforce (Magro Charles)
4. O'Haras Arrow (Falzon Mario)

**Race 8 - Silver 3 - 2140m - (1'16"9)**
1. Syllabub (Gatt Rodney)
2. Gin T Dalimo (Mifsud Mark)
3. Flying Spur (Demanuele Tony)
4. Jet Starline (Fenech Mario)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 30 ta' Novembru 2008

**Race 1 - Qualification Race - 2140m - (1'19"9)**
**Qualification Race**
1. Geronimo D'Em (Schembri Gorg)
2. Sugar Candy (Mifsud Larrson)
3. American Patrol (Farrugia Alex)
4. Leatherneck Kemp (Gialanze Kirsten)

**Race 2 - Bronze 4 - 2140m - (1'18"1)**
1. Gagneur De Brillon (Baldacchino Noel)
2. Jim Castelets (Farrugia Andre)
3. Glenn Healy (Schembri Gorg)
4. Cash Collector (Mifsud Andy)

**Race 3 – Maltese Ponies - 700m**
1. Mr Nice Guy (M. Mallia)
2. Rubis (P. Galea)
3. Valmarija (O. Briffa)
4. Mr DJ Boy (K. Catania)

**Race 4 – Flat Race – 1250m**
**Fairway Coronation Cup Heat 1**
1. Just The Best (R. Grima)
2. Docklands Brian (E. Zammit)
3. Crocolyrique (S. Borg)
4. Aube Rose (M. Borg)

**Race 5 - Silver 1 - 2140m - (1'16"6**
1. Dina Maty (Cassar Sam)
2. Count Of Life (Portelli Frank)
3. Mailbag (Clifton Raymond)
4. Qantele (McKay Herman)

**Race 6 - Gold 3 - 2140m - (1'17"8**
1. Kosai LJ (Cassar Frencu)
2. Spirit Of Charity (Briffa Oliver)
3. Faverol (Micallef Carmelo)
4. Napoleon Tim (Schembri Gorg)

**Race 7 - Premier - 2140m - (1'14"7)**
1. In Vitro Du Bourg (Bilocca Ivan)
2. Knock De Manche (Cauchi Omar)
3. Bello Fratello (Vassallo Clint)
4. Hiracan De Brehan (Galea David)

**Race 8 – Flat Race – 1250m**
**Fairway Coronation Cup Heat 2**
1. Nikos Heriniere (D. Zammit)
2. Managing Director (P. Abela)
3. Kohima (E. Zammit)
4. Saintax (D. Schmidt)

**Race 9 - Silver 2 - 2140m - (1'16"4)**
1. Biggles Coquet (Vassallo Jason)
2. Patriarque (Debono Charlo)
3. Buck Crownline (Mallia Etienne)
4. Giovanni DK (Debattista Joe)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 7 ta' Diċembru 2008

**Race 1 - Silver 3 - 1640m - (1'15"7)**
1. Instead Of Cash (Refalo Claudio)
2. Beautiful Accent (Calleja Clifforty)
3. Reslovs Stranden (Muscat Joe)
4. Jet Star (Bezzina Eric)

**Race 2 - Bronze Selection A - 2140m - (1'16"9)**
**Prix De Cagnes Sur Mer - Semi Final 1**
1. Libre Echange (Ellul Michael)
2. Larkay D'Echal (Ellul David)
3. Jarnac Du Moulin (Farrugia Andrew)
4. L'Ami Du Popey (Debono Charlo)

**Race 3 - Silver Selection - 2140m - (1'16"3)**
**Prix De Cabourg - Semi Final 1**
1. Krac De Perran (Baldacchino Noel)
2. Ksar Clairchamp (Cutajar Saviour)
3. Kaolin De Bannes (Fenech Anthony)
4. Lance Pierre (Camilleri Anthony)

**Race 4 - Gold Selection - 2140m - (1'16"0)**
**Prix D'Enghien - Semi Final 1**
1. Intrus Des Rioults (Micallef Carmelo)
2. Just Bourbon (Cassar Frencu)
3. Kojak D'Isques (Camilleri Charles)
4. Kaki De Peyrahout (Demanuele Tony)

**Race 5 - Premier - 2140m - (1'15"9)**
**Prix De Vincennes - Semi Final 1**
1. Iris Du Louvet (Farrugia Julian)
2. Hiracan De Brehan (Galea David)
3. Kosker Mancellerie (Ellul David)
4. Hans Des Landiers (Carabott James)

**Race 6 - Silver Selection - 2140m - (1'16"9)**
**Prix De Cabourg - Semi Final 2**
1. L'Ideal De Fersan (Caruana Karl)
2. Leo De Gratens (Attard Gorg)
3. Golf Oul Dada (Baldacchino Noel)
4. Hermes D'Haufor (Cassar Frencu)

**Race 7 - Bronze Selection A - 2140m - (1'16"1**
**Prix de Cagnes Sur Mer - Semi Final 2**
1. Lutan Villetot (Camilleri Charles)
2. Leo Du Rib (Baldacchino Noel)
3. Jeans Des Bannes (Scicluna Joseph)
4. Le Tadzio (Mizzi Darren)

**Race 8 - Premier - 2140m - (1'17"0)**
**Prix De Vincennes - Semi Final 2**
1. Joker De Choisel (Cassar Frencu)
2. James De l'Iton (Baldacchino Noel)
3. In Vitro Du Bourg (Bilocca Ivan)
4. Knock De Manche (McKay Herman)

**Race 9 - Gold Selection - 2140m - (1'17"0)**
**Prix D'Emghien - Semi Final 2**
1. Lindsay Neve (Micallef Raymond)
2. Kheops D'Ariane (Camilleri Charles)
3. Hello Classique (Cassar Frencu)
4. Kendo De Bellande (Farrugia Julian)

## Tiġrijiet tat-Tnejn, 8 ta' Diċembru 2008

**Race 1 - Bronze 6 - 1640m - (1'17"0)**
1. Geronimo D'Em (Cassar Frencu)
2. Flying Cowboyland (Demanuele Tony)
3. Lurifax Sund (Falzon Mario)
4. Gubben Karsk (Schembri Gorg)

**Race 2 - Bronze Selection C - 2140m - (1'17"6)**
**Prix De Marseille - Semi Final 1**
1. Fier Seigneur (Schembri Gorg)
2. Joe Besp (Pace Emmanuel)
3. Karnak Du Caux (Baldacchino Noel)
4. Jiosco De Bordes (Portelli Shaun)

**Race 3 - Bronze Selection C - 2140m - (1'18"3)**
**Prix De Marseille - Semi Final 2**
1. Gagneur De Brillon (Baldacchino Noel)
2. Juaben (Farrugia Julian)
3. Ignace Lesdelles (Portelli Frank)
4. Kolk Barbes (Magro Joseph (Naghal))

**Race 4 - Bronze Selection C - 2140m - (1'17"9)**
**Prix De Marseille - Semi Final 3**
1. Ignace de Castelle (Calleja Clifforty)
2. Jabito Jusse (Baldacchino Noel)
3. Iouky Bethune (Debono Charles)
4. Jim Castelets (Farrugia Andre)

**Race 5 - Bronze 3 - 1640m - (1'16"7)**
1. Atlantis (Bartolo Lauro)
2. Dandy (Polidano Robert)
3. Granit Toft (Demanuele Tony)
4. Pondus Sund (Schembri Gorg)

**Race 6 - Gold 1 - 1640m - (1'14"8)**
1. New Kid In Town (Farrugia Karmenu)
2. Kosai LJ (Cassar Frencu)
3. Noble Spirit (Baldacchino Noel)
4. Charlie Smitt (Farrugia Julian)

**Race 7 - Bronze Selection B - 2140m - (1'17"4)**
**Prix de Caen - Semi Final 1**
1. Lorrain D'Oliverie (Hili Brian)
2. King De Piencourt (Cutajar Saviour)
3. Impact Classic (Portelli Frank)
4. Job Du Fosse (Demanuele Tony)

**Race 8 - Bronze Selection B - 2140m - (1'16"7)**
**Prix de Caen - Semi Final 2**
1. Moustique Rose (Baldacchino Noel)
2. Jackpot De L'Isop (Cassar Frencu)
3. Luron De Noris (Farrugia Julian)
4. Joscano (Camilleri Charles)

**Race 9 - Bronze Selection B - 2140m - (1'17"6)**
**Prix de Caen - Semi Final 3**
1. Krac Des Nouettes (Baldacchino Noel)
2. Galet De La Croix (Bilocca Ivan)
3. Leader Changerie (Portelli Shaun)
4. Nove De La Merite (Portelli Frank)

**26.11.08 - Race 7 - Gold 5**





30.11.08 - Race 7 - Premier



07.12.08 - Race 5 - Premier
Prix de Vincennes - Semi Final 1



07.12.08 - Race 8 - Premier
Prix de Vincennes - Semi Final 2



08.12.08 - Race 6 - Gold 1

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru 2008

**Race 1 - Bronze 5 - 1640m - (1'17"6)**
1. Mackbrain (Schembri Johan)
2. Brightlight Sib (Cortis Alex)
3. Chagall Mistral (Gatt Rodney)
4. Hi Lite Victory (Camilleri Charles)

**Race 2 - Bronze 4 - 1640m - (1'16"6)**
1. Rocky Briljant (Formosa Shaun)
2. Frosts Majesty (Falzon Mario)
3. Tapincha (Debattista Joe)
4. Glenn Healy (Schembri Gorg)

**Race 3 - Bronze 2 - 1640m - (1'15"4)**
1. Goldbowler (Portelli Shaun)
2. Florissant (Farrugia Andrew)
3. Pretty Post (Ellul David)
4. New Iliad (Debattista Joe)

**Race 4 - Bronze 1 - 1640m - (1'15"5)**
1. Gigo Lloyd (Camilleri Charles)
2. Geo Hovmand (Calleja Clifforty)
3. What`s Up (Briffa Oliver)
4. Miami Du Coq (Ghigo Michael)

**Race 5 - Gold 3 - 1640m - (1'16"8)**
1. Kamido (Baldacchino Noel)
2. Knight Brunel (Camilleri Charles)
3. Ksar (Clifton Charles)
4. Sheriff As (Ellul David)

**Race 6 - Gold 2 - 1640m - (1'15"1)**
1. Lajos Useful (Bartolo Anthony)
2. Otto Somatic (Camilleri Noel)
3. Emil Brebro (Zammit Brian)
4. Poker Noon (Farrugia Julian)

**Race 7 - Silver 4 - 1640m - (1'15"7)**
1. Freedom Hyppinge (Baldacchino Noel)
2. Ex Air (Camilleri Charles)
3. Jean Perrine (Debono Charlo)
4. Istin (Ellul Michael)

**Race 8 - Silver 2 - 1640m - (1'14"9)**
1. Regal Trot (Mallia Etienne)
2. Garden Pax (Camilleri Charles)
3. Lulf Pentiere (Ellul Michael)
4. Elizar Laday (Farrugia Julian)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 14 ta' Diċembru 2008

**Race 1 - Bronze 3 - 1640m**
1. Pamir Point (Gatt Rodney)
2. Nashville Victory (Farrugia Julian)
3. Nestor Sund (Vassallo Clint)
4. Cili Rog Junior (Hili Brian)

**Race 2 - Silver 5 - 1640m - (1'15"4)**
1. Alfa Spider (Farrugia Julian)
2. Dollar As (Refalo Claudio)
3. Supremo As (Scicluna Joseph)
4. Lancaster (Tanti Frans)

**Race 3 - Silver 1 - 1640m - (1'14"7)**
1. Requiem Buttler (Refalo Claudio)
2. Mailbag (Clifton Raymond)
3. Syllabub (Gatt Rodney)
4. G Force Son (Zammit Brian)

**Race 4 – Flat Race – 1250m**
1. Santuzza (D. Zammit)
2. Waterpaint (S. Borg)
3. Walker (R. Grima)
4. Masa Broadway (E. Zammit)

**Race 5 – Italian Trotting Ponies – 1140m**
1. Xafrinu (B. Pulis)
2. Maxime (C. Spiteri)
3. Bruma OM (A. Grech)
4. Kiss Melody (S. Pace)

**Race 6 - Gold 4 - 1640m - (1'15"7)**
1. It`s My Way (Hili Brian)
2. Grover I.T (Refalo Claudio)
3. Totte Spiro (Camilleri Charles)
4. Highway Ribb (Catania Alex)

**Race 7 - Premier - 1640m - (1'13"3)**
1. Think Yatzee (Vassallo Clint)
2. Bello Fratello (Spagnol Anthony Jn.)
3. Glory Cowboyland (Cauchi Omar)
4. Panhandle Hall (Farrugia Julian)

**Race 8 - Gold 5 - 1640m - (1'15"3)**
1. Agobra Bingo (Portelli Frank)
2. Idaho (Farrugia Melvin)
3. Coffeeshop CF (Camilleri Charles)
4. Greatballs Of Fire (Vella Salvu)

**Race 9 - Silver 3 - 1640m - (1'15"0)**
1. Gin T Dalimo (Mifsud Mark)
2. Flying Spur (Demanuele Tony)
3. Fever Jogo (Bartolo Salvu)
4. Nicke Tim (Camilleri Charles)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 21 ta' Diċembru 2008

**Race 1 - Bronze Selection C - 2140m - (1'17"3)**
**Prix De Marseille Final**
1. Gagneur De Brillon (Baldacchino Noel)
2. Ignace Lesdelles (Hili Brian)
3. Juaben (Farrugia Julian)
4. Jabito Jusse (Camilleri Charles)

**Race 2 - Bronze Selection B - 2140m - (1'17"9)**
**Prix De Caen Final**
1. Moustique Rose (Baldacchino Noel)
2. Impact Classic (Camilleri Charles)
3. Leader Changerie (Portelli Shaun)
4. Jackpot De L`Isop (Cassar Frencu)

**Race 3 - Bronze Selection A - 2140m - (1'15"3)**
**Prix De Cagnes Sur Mer Final**
1. Lutan Villetot (Camilleri Charles)
2. Libre Echange (Schembri Gorg)
3. Jarnac Du Moulin (Farrugia Andrew)
4. Larkay D`Echal (Ellul David)

**Race 4 – Flat Race – 1250m**
**Fairplay Coronation Cup Final**
1. Nikos Heriniere (D. Zammit)
2. Managing Director (P. Abela)
3. Just The Best (R. Grima)
4. Kohima (E. Zammit)

**Race 5 - Silver Selection - 2140m - (1'16"2)**
**Prix De Cabourg Final**
1. Leo De Gratens (Gatt Rodney)
2. Hermes D`Haufor (Cassar Frencu)
3. Golf Oul Dada (Camilleri Charles)
4. Kaolin De Bannes (Fenech Anthony)

**Race 6 - Premier - 2140m - (1'14"9)**
**Prix De Vincennes Final**
1. James De l`Iton (Baldacchino Noel)
2. In Vitro Du Bourg (Bilocca Ivan)
3. Iris Du Louvet (Farrugia Julian)
4. Knock De Manche (Cauchi Omar)

**Race 7 - Gold Selection - 2140m - (1'15"0)**
**Prix D`Enghien Final**
1. Kojak D`Isques (Camilleri Charles)
2. Kheops D`Arlane (Baldacchino Noel)
3. Hello Classique (Pace Andrew)
4. Intrus Des Rioults (Micallef Carmelo)



14.12 .08 - Race 9 - Silver 3



12.12 .08 - Race 5 - Gold 3


SWISH
lemon
Carbonated lemon drink




- Local & Overseas Car Hire
- Chauffeur Drive services (24 hours)
- Limousine VIP Service
- Weddings Service

Freephone 8007 2337

JOHNS GARAGE

38, Villambrosa Street, Hamrun, HMR1128 T: (+356) 2298 2298 F: (+356) 2298 2299
www.johnsgarageltd.com info@johnsgarageltd.com www.johnsgroup.eu

## ĠERREJJA TAT-TROTT

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|
| BALDACCHINO NOEL | 314 | 62 | 33 | 14 | 17 | 610 |
| CAMILLERI CHARLES | 307 | 45 | 40 | 35 | 45 | 590 |
| FARRUGIA JULIAN | 270 | 41 | 33 | 34 | 22 | 509 |
| GATT RODNEY | 163 | 20 | 17 | 13 | 8 | 235 |
| CASSAR FRENCU | 152 | 14 | 12 | 15 | 9 | 183 |
| DEMANUELE TONY | 175 | 9 | 21 | 14 | 19 | 183 |
| HILI BRIAN | 171 | 15 | 10 | 7 | 15 | 174 |
| SCHEMBRI GORG | 141 | 15 | 12 | 10 | 10 | 169 |
| ELLUL MICHAEL | 114 | 14 | 9 | 14 | 8 | 166 |
| MIZZI DARREN | 110 | 14 | 12 | 10 | 8 | 163 |
| DEBONO CHARLO | 103 | 10 | 13 | 10 | 14 | 156 |
| ELLUL DAVID | 154 | 7 | 11 | 9 | 14 | 125 |
| PORTELLI FRANK | 81 | 8 | 12 | 7 | 6 | 124 |
| FARRUGIA KARMENU | 76 | 9 | 8 | 6 | 8 | 115 |
| REFALO CLAUDIO | 79 | 10 | 5 | 4 | 7 | 105 |

## ĠERREJJA TAT-TROTT UNDER 25

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|
| GATT RODNEY | 163 | 20 | 17 | 13 | 8 | 235 |
| CAUCHI OMAR | 30 | 7 | 6 | 8 | 0 | 83 |
| VASSALLO CLINT | 48 | 6 | 6 | 3 | 10 | 82 |
| CASSAR SAM | 47 | 2 | 5 | 9 | 4 | 56 |
| XERRI JEFFREY | 28 | 2 | 3 | 2 | 1 | 31 |
| BRIFFA JAMES | 32 | 2 | 1 | 4 | 1 | 25 |
| SCHEMBRI JOHAN | 16 | 0 | 5 | 3 | 1 | 27 |
| MCKAY HERMAN | 27 | 2 | 1 | 3 | 2 | 26 |
| PORTELLI SHAUN | 17 | 1 | 3 | 0 | 3 | 22 |
| ZAMMIT JONATHAN | 27 | 1 | 2 | 2 | 2 | 21 |
| GHIGO LUDVIG | 21 | 0 | 1 | 4 | 2 | 14 |
| FARRUGIA JOSEF | 10 | 1 | 1 | 1 | 0 | 13 |
| GERADA CLIVE | 15 | 1 | 1 | 1 | 0 | 13 |
| FARRUGIA ANDRE | 17 | 0 | 1 | 0 | 2 | 6 |
| BORG OWEN | 28 | 0 | 0 | 2 | 1 | 5 |

## ĠERREJJA TAL-GALOPP

| Ġerrej | Rides | Wins | 2nd | 3rd | Pts Win | Pts Place | Pts Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ZAMMIT ERIC | 16 | 8 | 2 | 0 | 56 | 10 | 66 |
| MALLIA MATTHEW | 11 | 3 | 3 | 2 | 21 | 24 | 45 |
| GRIMA RAMON | 16 | 2 | 3 | 1 | 14 | 15 | 32 |
| ZAMMIT DEMIS | 11 | 0 | 3 | 4 | 0 | 27 | 27 |
| BORG SARHA | 9 | 1 | 2 | 2 | 7 | 16 | 23 |
| BRIFFA OLIVER | 14 | 1 | 1 | 3 | 7 | 14 | 21 |
| ABELA PAUL | 8 | 0 | 3 | 2 | 0 | 21 | 21 |
| CAUCHI OMAR | 2 | 2 | 0 | 0 | 14 | 0 | 14 |
| FARUGIA JOHN | 8 | 2 | 0 | 0 | 14 | 0 | 14 |
| AZZOPARDI LOUIS | 6 | 0 | 1 | 1 | 0 | 3 | 8 |
| SULTANA.MICHAEL | 7 | 0 | 0 | 2 | 0 | 6 | 6 |
| BORG MARIO | 5 | 0 | 0 | 4 | 0 | 4 | 4 |
| SCHMID DESIRIE | 3 | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 | 0 |
| PACE CHARLES | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| CATANIA KIRSTEN | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

## ŻWIEMEL TAT-TROTT

| Żiemel | Org | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| JAMES DE L`ITON | FR | 16 | 6 | 5 | 2 | 0 | 66 |
| BWT MENSROOM | SE | 17 | 6 | 2 | 4 | 0 | 58 |
| TOUGH EAST | SE | 13 | 7 | 1 | 1 | 0 | 55 |
| JOKER PITSTOP | DK | 18 | 5 | 2 | 3 | 1 | 50 |
| GLORY COWBOYLAND | DK | 16 | 5 | 1 | 4 | 0 | 47 |
| KHEOPS D`ARIANE | FR | 14 | 5 | 2 | 1 | 1 | 46 |
| NEW KID IN TOWN | SE | 12 | 4 | 4 | 0 | 2 | 46 |
| KORENTIN | FR | 15 | 4 | 3 | 1 | 1 | 43 |
| ROYAL POINTER | SE | 10 | 4 | 3 | 1 | 1 | 43 |
| CHARLIE SMITT | SE | 18 | 3 | 3 | 3 | 4 | 43 |
| JOYFUL DU DOUETIL | FR | 11 | 5 | 1 | 1 | 0 | 41 |
| PILOT KLOSTER | SE | 14 | 3 | 4 | 2 | 0 | 41 |
| IN VITRO DU BOURG | FR | 10 | 5 | 1 | 0 | 1 | 40 |
| JOKER DE CHOISEL | FR | 10 | 5 | 0 | 2 | 1 | 40 |
| L`IDEAL DE FERSAN | FR | 12 | 4 | 2 | 2 | 0 | 40 |
| QANTELE | SE | 16 | 3 | 3 | 3 | 1 | 40 |

## ŻWIEMEL TAL-GALOPP

| Horse | Sex | Races | Wins | 2nds | 3rds | € | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PRIVILEDGE BOY -(IRL) | G | 6 D | 4 | 1 | 0 | 1970 | 33 |
| POUR L'AMOUR - (FR) | C | 6 | 3 | 1 | 1 | 1155 | 30 |
| MINGLAZ - (FR) | G | 9 D | 0 | 3 | 3 | 340 | 26 |
| SAINTAX - (FR) | C | 7 | 0 | 2 | 2 | 380 | 19 |
| VALLEY FOG - (GB) | G | 6 | 1 | 1 | 0 | 220 | 16 |
| SECONDINO - (FR) | C | 5 | 1 | 1 | 1 | 375 | 16 |
| JUST THE BEST (FR) | G | 3 | 1 | 1 | 1 | 260 | 15 |
| CROCOLIRIQUE - (FR) | G | 6 D | 0 | 2 | 1 | 180 | 15 |
| BLACK METAL -( FR ) | C | 2 | 2 | 0 | 0 | 320 | 14 |
| TANTALUS - (DE) | G | 7 | 1 | 0 | 0 | 180 | 13 |
| DOCKLANDS BRIAN- (GB) | G | 4 | 1 | 0 | 1 | 250 | 12 |
| SWING DANCER -(MLT) | C | 3 | 0 | 2 | 0 | 160 | 11 |
| PRINCE SOLOR - (FR) | G | 2 | 1 | 0 | 1 | 180 | 10 |
| RIDIFANA ( FR ) | F | 2 | 1 | 0 | 1 | 185 | 10 |
| AUBE ROSE - (FR) | F | 4 | 0 | 1 | 1 | 150 | 10 |
| GENEROUS SPIRIT - (IRL) | G | 3 | 0 | 1 | 1 | 110 | 9 |
| DIOUGANER -(FR) | G | 5 | 0 | 1 | 0 | 200 | 9 |
| KOHIMA - (IRE) | F | 2 | 1 | 0 | 0 | 200 | 8 |
| NIKOS HERINIERI (FR) | G | 2 | 1 | 0 | 0 | 150 | 8 |
| SANTUZZA (FR) | F | 5 D | 0 | 0 | 2 | 70 | 8 |
| MAYSIDGE OF KUWAIT (GB) | F | 1 | 1 | 0 | 0 | 150 | 7 |
| GRANGEWOOD -(GB) | G | 3 | 0 | 1 | 0 | 100 | 7 |
| CRESCENT LADY - (GB) | F | 6 | 0 | 0 | 0 | 0 | 6 |
| MISS ROUGE -(FR) | F | 4 | 0 | 0 | 1 | 50 | 6 |
| FLAMINING BALLET - (GB) | F | 3 | 0 | 0 | 1 | 40 | 5 |
| MICK ATHOS - (FR) | G | 3 | 0 | 0 | 1 | 45 | 5 |
| MUJOBLIGED | F | 1 | 0 | 1 | 0 | 70 | 5 |
| PHEONIX MORIC (DK) | C | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 |
| TABRIZ -(DE) | F | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 |
| WALKER -(CZK) | G | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 |
| FLY'S WAY - (FR) | G | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| LOLITA JONES (FR) | F | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| WATERPAINT | G | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| OH QUI - (FR) | F | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| DEEP SWING -(GB) | F | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| SAN SICARIO (IT) | G | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| ALASSIEN (FR ) | G | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| MASA BROADWAY (FR) | F | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |



L-aħħar fażi tal-korsa tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa fl-1938

# Ir-Regatta

It-Tieni Parti

## bejn iż-żewġ gwerrer dinjija (1920-1988)

Kuntrarjament għal dak li jsir illum, f'dik l-epoka, it-taħrig tad-dgħajjes kien jibda wara l-festa ta' San Lawrenz u jkompli sa lejlet il-Vitorja. Nafu b'każi, fejn minħabba ċaqlieq fl-armar tad-dgħajsa, xi ekwipaġġi ħassew il-ħtieġa li jagħtu qadfa proprju f'jum il-Vitorja biex jaċċertaw irwieħhom li l-problema li kellhom fid-dgħajsa ġiet modifikata.

F'dak iż-żmien kienet drawwa li l-ewwel taħriġ fl-opri tat-tiġrija jsir qrib ix-xtut ta' kull lokalità u n-nies kienet tikkonkorri bi ħġara. L-ekwipaġġi Sengleani kienu jitħarrġu minn Parlatorio Wharf jew minn ħdejn il-Floating Dock sal-Ponta u ġieli taw qadfa mid-Dwana sal-Ponta. Il-Bormliżi kienu jitħarrġu minn quddiem il-knisja ta' San Lawrenz sax-Xatt ta' Santa Tereża, il-Vittoriosani mill-Pixkerija sat-Toqba, il-Kalkariżi minn taħt il-Barrakka ta' Isfel sax-xatt, il-Marsin minn Ras Ħanżir sal-Menqa waqt li l-ekwipaġġi Beltin kienu jippreferu jitħarrġu fil-Port ta' Marsamxett.

Jingħad, li peress dan it-taħriġ kien isir wara l-5.00 p.m., xi wħud mill-barklori kienu jieqfu minn xogħlhom biex joqogħdu jsegwu dawn il-provi. Għall-aħħar ta' Awissu, l-ekwipaġġi kollha ta' kull distrett kienu jintensifikaw dan it-taħriġ billi jibdew jieħdu t-triq minn Ras Ħanżir sad-Dwana l-Antika fost l-entużjażmu kbir ta' l-ispettaturi u l-partitarji tagħhom. Dan l-eċċitament kien jilħaq l-aqwa tiegħu meta l-aħjar dgħajjes kienu jiltaqgħu f'nofs triq u l-ekwipaġġi jisfidaw lil xulxin min minnhom jasal l-ewwel sad-dwana.

Kienet drawwa wkoll li matul dan it-taħriġ, il-ħabrieka ta' kull distretti kienu jirrekordjaw il-ħinijiet ta' kull opra li tieħu t-triq biex wara jipparagunawhom mal-ħinijiet miksuba mill opri tagħhom u b'hekk jikkalkulaw il-possibbiltà ta' ċansijiet għar-rebħ tal-paljijiet. Matul dawn il-provi x-xtut kollha fuq iż-żewġ naħat tal-kanal kif ukoll fuq il-baħar kienu jkunu mimlijin bin-nies. Ovvjament, l-akbar ġemgħa ta' nies kienet tinġabar fid-Dwana l-Antika, fejn il-partitarji ta' kull distrett kienu jitħalltu flimkien biex jagħtu appoġġ u jħarsu lill-ekwipaġġi tagħhom waqt dawn il-provi. Fid-dwana kien ikun hemm ukoll għadd ġmielu ta' pulizija, dejjem lesta biex ma' l-ewwel argument li kien jinqala' fost il-partitarji avversarji tidħol f'nofshom u tferrex il-folla. Sintendi, f'nofs din il-ġemgħa eċċitata kien ikun hemm il-lagħba, b'widnejhom miftuħa biex jisimgħu l-kummenti tad-dilettanti dwar liema dgħajjes jew ferilli kienu qegħdin iġġibu l-aħjar ħin.

L-istess l-atmosfera, forsi mhux daqshekk pikuża kienet tirrenja wkoll fil-Port ta' Marsamxett, fejn ta' kull filgħaxija l-Beltin kienu jagħmlu l-provi tagħhom, segwiti minn mijiet ta' partitarji akkaniti li kienu jimlew ix-xtut u s-swar li jagħtu għal fuq dik ix-xaqliba. Jingħad li l-Beltin qatt ma kienu jidħlu jitħarrġu fil-Port il-Kbir ( għalhemm jgħidu li ġie li daħlu wkoll), iżda kienu jippreferu li jiltaqgħu ma' l-avversarji tagħhom proprju fil-kanal tat-tiġrija. Id-daħla tad-dgħajjes tat-tiġrija Beltin fil-Port il-Kbir kien ikun fiha x'tara, għaliex kienu jkunu akkumpanjati minn numru ta' Laneċ kbar armati bil-bnadar u mimlijin bin-nies, kif ukoll minn għadd kbir ta' dgħajjes, ferilli, kajjikki u frejgatini.

F'jum il-Vitorja filgħodu, l-opri kollha tat-tiġrija kienu jitellgħu l-art, jinħaslu, jorbtulhom is-sinjali mar-roti ta' quddiem u wara jidilkuhom bix-xaħam biex waqt it-tiġrija jżiġġu aktar fuq l-ilma. F'dik l-epoka, id-dgħajjes tal-Pass kienu jiżbugħhom bil-Black Lead, u wara, b'żebgħa bajda kienu jiktbu fuqhom xi frażijiet partiġġjani bħal: 'lilna ħadd ma jista' għalina', jew 'aħna dejjem l-ewwel u intom dejjem l-aħħar' inkella 'magħna ma tagħmlu xejn' jew ' illum ġejna biex nirbħu'. Lill-Kajjikki b'erbat imqadef kienu jiżbugħhom b'kuluri jgħajtu, ħomor, sofor, ħodor, koħol, suwed jew bojod - kuluri li ma kinux marbutin ma' l-ilwien tradizzjonali tad-distretti parteċipanti. Normalment f'kull korsa tar-Regatta kienu jipparteċipaw bejn sitta u għaxar opri, iżda fil-Kajjikki tal-Kopp (l-aħħar korsa ta' kull edizzjoni ) ġie li ħadu sehem 16-il Kajjikk u anke aktar.

Ġimgħa qabel ir-Regatta, l-opri kollha ta' kull distrett kienu jittieħdu l-Boat House tal-gvern biex kull opra tiġi eżaminata għall-qisien kif ukoll għall-ħxuna ta' l-injam ta' l-għeluq mill-perit tad-dwana, u wara li jiġu reġistrati jingħataw is-sinjal (bandiera).

Dgħajsa tal-Pass antika b'żewġ barklori u l-passiġġieri



F'nhar il-Vitorja, għall-ħabta tal-11.00 a.m., ir-rappreżentanti ta' kull distrett parteċipant kienu jiltaqgħu d-dwana għat-tlugħ tal-poloz ta' kull korsa.

Matul in-nofs tan-nhar ta' filgħodu, il-ħaddiema tad-dwana kienu jagħlqu l-kanal, minn Ras Ħanżir sad-Dwana l-Antika bil-planki ta' l-injam fuq iż-żewġ naħat tiegħu u jħallu l-parti minnu (quddiem id-dwana) miftuħa biex minnha jidħlu u joħorġu l-opri tat-tiġrija kif ukoll il-laneċ tad-dwana li fuqhom ikun hemm il-membri tal-ġurija. It-tluq ta' kull tiġrija kien isir b'tixjira ta' bandiera minn membru tal-ġurija. L-opri kollha kienu joqogħdu skond il-polza tagħhom wara *wire* ta' l-azzar stirat minn-naħa għall-oħra, u mat-tixjira tal-bandiera l-wire kien jaqa' fil-baħar u l-opri joħorġu f'daqqa. Meta kien ikun hemm xi *false start* l-opri kienu jissejħu lura u t-tiġrija terġa' tibda mill-ġdid, iżda jingħad li kien hemm każi fejn id-dgħajjes ma ssejħux lura. Fil-fatt, fil-gazzetti lokali ta' dik l-epoka nsibu diversi korrispondenzi mimlijin lmenti dwar każi simili. Matul kull korsa tar-Regatta, il-membri tal-ġurija, minn fuq il-lanċa tad-dwana kienu jissorveljaw li kull ekwipaġġ isegwi sewwa r-regolamenti li fuqhom titmexxa kull tiġrija.

Ħafna xjuħ isostnu li fit-tiġrijiet tad-dgħajjes li saru bejn iż-żewġ gwerer inkisru wkoll records fid-dgħajjes b'żewġt imqadef kif ukoll fil-Kajjikki Fancy. Kien żmien meta d-distretti taż-żewġ portijiet, inklużi dawk tal-Marsa u l-Kalkara kienu jarmaw l-opri tagħhom bl-aħjar qaddiefa li kellhom u għalhekk kull korsa kienet tkun sabiħa u missielta sa l-aħħar qadfa.

Meta staqsejt lill-qaddief anzjan Marsi dwar l-atmosfera tal-Port il-Kbir fis-snin '30 niftakar li qalli hekk:

"... l-atmosefra tal-port kienet tkun sabiħa u brijuża ħafna għax kull distrett kien ikollu appoġġ qawwi mill-partitarji tiegħu... xi kultant anke l ispettaturi li ma kinux jgħixu fl-inħawi tal-port kienu jagħtu appoġġ lil xi ekwipaġġ partikulari... dak iż-żmien il-partitarji taż-żewġ portijiet ma kinux iħalluhom qrib xulxin ... il-pulzija kienet tieħu ħsieb tifridhom minn xulxin billi tidħol bejniethom u b'hekk mingħaliha tevita l-ġlied ... jien niftakar li l-partitarji ta' Marsamxett kienu jinġabru fuq ix-xaqliba tal-knisja tal-Liesse, ta' Bormla u tal-Birgu fix-xatt ta' Laskri, minn fejn illum hemm it-Telgħa tal-Kurċifiss sad-Dwana, tal-Marsa matul ix-xatt ta' Pinto u ta' l-Isla fuq ix-xaqliba tal-Ponta. L-akbar problema għall-pulizija kienet tkun meta kien jinqala' l-inkwiet fuq il-baħar għaliex mal-planki kien ikun xi dgħajjes mimlijin b'nies tal-ġlied, u dawn meta kienu jaraw ferilla jew dgħajsa avversarja fuq quddiem kienu jibdew iwaddbulhom il-fliexken, parati u bċejjeċ oħra ta' njam, u ġie li anke daħlu bid-dgħajjes fil-kanal biex iwaqqfuhom ... niftakar f'tiġrijiet li fihom weġġgħu ħafna nies ... il-pulizija ma kinitx armata tajjeb għal meta kien jinqala' l-inkwiet fuq il-baħar... niftakar ukoll, li darba, waħda mil-laneċ tad-dwana ħadet in-nar waqt ir-Regatta."

Kienet drawwa wkoll li ta' kull sena wara t-tqassim tal-paljijiet, midalji tal-fidda u premjijiet ta' flus lill-ekwipaġġi rebbieħa mill-gvernatur kienet issir il-Gostra minn fuq barkun kbir li kien jorbot mal-planki fuq ix-xaqliba tal-Ponta ta' l-Isla. Kienet drawwa li fiż-żmien li qed nitkellmu dwaru kienet tiġbed ħafna. Wara l-gwerra kienet issir ukoll, iżda fi żmienna rari ssir.

Aktar tagħrif relatat mat-Tiġrija tal-Vitorja ( 3)

Wara li tajna tagħrif dwar il-ferilli, il-kajjikki u l-frejgatini issa jmiss li ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwar id-dgħajjes tal-Pass li ta' kull sena narawhom fir-Regatta Nazzjonali. Kif nafu, f'kull edizzjoni, id-dgħajsa tal-Pass tipparteċipa f'żewġ korsi ta' kategoriji differenti, waħda b'erbat imqadef klassifikata bħala 'B' u l-oħra b'żewġt imqadef klassifikata bħala 'A'.

Kif aċċennajt drabi oħra, id-dgħajsa tal-Pass hi opra antika ħafna. Sfortunatament tagħrif konkret dwar din l-opra ftit li xejn għandna, u għalhekk diffiċli ħafna li nagħti tagħrif dwar oriġini tagħha jew meta dehret għall-ewwel darba fil-portijiet tagħna.

B'danakollu, issib min jgħid li l-oriġini tagħha aktarx hu Feniċu u opri simili kienu jbaħħru f'portijiet Eġizzjani, waqt li oħrajn iqisu d-dgħajsa bħala l-unika opra Maltija mill-qxur kollha li naraw fil-portijiet tagħna. Min kellu x-xorti li jżur pajjiżi oħra, l-aktar dawk Mediterranji u osserva tajjeb l-opri tal-baħar tagħhom, għandu mnejn iltaqa' ma' opri li jixbħu ħafna lill-ferilli, kajjikki u anke b'xi mod lill-frejgatini tagħna, iżda opra li tixbaħ id-dgħajsa tagħna, żgur li ma ra mkien.

Issib min jgħid li d-dgħajsa Maltija tixbaħ lill-Gondola ta' Venezja u saħansitra hawn min isejħilha l-kuġina tagħha. Xi ħadd ażżarda jgħid li l-Gondola ta' Venezja hi kkupjata u modifikata minn fuq id-dgħajsa Maltija. Min qal hekk żbalja bil-kbir għaliex waqt li l-ewwel riferenza tat-tiġrijiet bil-Gondoli f'Venenzja nsibuha fl-1274, l-għamliet taż-żewġ opri huma differenti minn xulxin, f'kemm f'dik li hi kostruzzjoni kif ukoll bini tagħhom. Fil-fatt dawn iż-żewġ opri huma mibnijin fuq galvijiet differenti. Jgħidu li d-dgħajsa tal-Pass fiha mitt biċċa njama b'isem differenti, bħall-prim, ir-rota, il-kontra-rota, iz-zokk, il-majjieri, l-istamnarji, l-inforra, iċ-ċinta, it-tappiera, il-bardnell, il-pastieri, it-tamburett, il-kraten u ħafna u ħafna bċejjeċ oħra. L-unika ħaġa komuni li fihom hi, li ż-żewġ opri jġorru l-passiġġieri fil-portijiet f'baħar kalm, u l-probabbiltà hi, li l-gondola nbniet apposta għall-kanali ta' Venezja fejn il-baħar hu dejjem kalm u aktarx inqas mielaħ ukoll.

Jekk wieħed josserva l-għamla taż-żewġ opri, għandu jinnota li waqt li l-gondola hi ċatta minn taħt u għandha quddiem u wara merfugħ mill-baħar, il-prim tad-dgħajsa Maltija huwa dritt t-tul kollu tiegħu u dejjem mgħaddas taħt wiċċ l-ilma waqt li ċ-ċan tagħha »



L-ekwipaġġ tal-Ferilla ta' Marsamxett Karmena jippoża għar-ritratt wara r-rebħa tagħhom, aktarx fl-1924



Il-Frejgatina tal-Kalkara - rebbieħa tal-palju Klassi 'B' fl-1937

» jagħti għat-tond. Anki l-mod kif jitmexxew iż-żewġ opri hu differenti minn xulxin. Waqt li d-dgħajsa Maltija titmexxa b'żewġ barklori, b'moqdief fuq kull naħa, il-gondola titmexxa b'qaddief wieħed li juża' l-moqdief tiegħu bħal speċi ta' tmun u b'hekk imexxi l-opra.

Antikament id-dgħajsa tal-Pass ma kinitx kif narawha llum, kienet iqsar, bla ornamenti u aktarx kienet ukoll baxxa. L-ewwel ħjiel ta' din l-opra nafuh lil diversi artisti kbar bħal Shranz, Gianni, Gudin u oħrajn, li fil-pitturi tagħhom tawna xeni pittoreski taż-żewġ portijiet, u li fihom, wieħed mhux biss jista' josserva bosta opri Maltin bħal xprunari, ferilli, kajjikki u frejgatini bla ċappa iżda wkoll jieħu idea ċara ta' kif kienet id-dgħajsa tal-Pass madwar 200 sena ilu. Sintendi, matul dan il-perijodu ta' snin, id-dgħajsa Maltija gradwalment għaddiet minn żvilupp tekniku u strutturali kbir sakemm finalment din l-opra ġiet irfinuta kif narawha llum.

Fortunatament fil-Port il-Kbir għadek issib dgħajjes li nbnew bejn 80 jew 90 sena ilu u fihom ukoll tosserva xi tibdil żgħir. Jingħad li l-eqdem dgħajsa li għadha teżisti f'pajjiżna, magħrufa bħala l-Balomba u li aktarx inbniet madwar 150 sena ilu tinsab miżmuma fil-maħżen tat-tiġrija ta' l-Isla. Din id-dgħajsa, iżgħar minn dgħajsa tal-Pass inbniet biex iġġorr il-merkanzija u l-faħam.

Xi barklori huma tal-fehma li l-isbaħ dgħajjes tal-Pass inbnew fis-snin '50 u li xi wħud minnhom għadna narawhom fil-portijiet tagħna. Oħrajn isostnu, li l-irfinar tad-dgħajsa Maltija huwa dovut għall-insistenza kontinwa tal-kumitati distrettwali tar-Regatta, li kull meta jordnaw dgħajsa ġdida jisħqu ma' l-imgħallmin biex jibnulhom dgħajsa li tkun teknikament perfetta u sabiħa fl-għamla tagħha.

Għalkemm l-ewwel riferenza tad-dgħajsa tal-Pass fir-Regatta nsibuha fid-dokument tad-dwana ta' l-1821, proprju fir-riżultati uffiċjali tat-Tiġrija ta' San Lawrenz, il-parteċipazzjoni tagħha f'dawn it-tiġrijiet tmur aktar lura fis-snin. Kemm eżatt ma nafux! Nafu li f'din it-tiġrija kienu saru żewġ korsi tad-dgħajjes tal-Pass, b'erbat u b'żewġt imqadef rispettivament, iżda aktarx ukoll, li meta dawn it-tiġrijiet kienu jsiru fuq skala parrokkjali kienet issir korsa oħra tad-dgħajjes b'qaddief wieħed biex jintagħżel l-aħjar barklor tal-lokal.

Meta maż-żmien it-Tiġrija tal-Vitorja ħadet xejra nazzjonali u fiha bdew jipparteċipaw opri minn lokalitajiet differenti, il-korsi tad-dgħajjes tal-Pass bdew iqajmu interess kbir fost in-nies tal-port minħabba l-pika li kienet nibtet fost il-barklori b'dawn it-tiġrijiet parrokkjali. U proprju minħabba l-popolarità li kienu jgawdu dawn iż-żewġ korsi, fl-1903 ġiet introdotta l-korsa tad-dgħajjes tal-Midalji li oriġinalment kienu dgħajjes tal-Pass.

Sa l-aħħar edizzjoni ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1938) il-maġġoranza tad-dgħajjes li kienu jieħdu sehem fir-Regatta kienu tal-privat, izda nsibu li fis-snin '30 inbnew kemm ferilli kif ukoll dgħajjes għad-distretti parteċipanti. Fil-fatt, sa ftit tas-snin ilu kont għadek issib sidien ta' dgħajjes privati li jħaddmu magħhom xi barklori.

Għalkemm f'kull edizzjoni jsiru żewġ korsi tad-dgħajjes tal-Pass, rari ħafna li l-istess dgħajsa tintuża għaż-żewġ korsi. Fi żmienna, kull distrett huwa armat b'żewġ settijiet ta' opri tat-tiġrija u xi wħud minnhom issibilhom tliet dgħajjes u forsi erbgħa wkoll. Fis-snin '70 kienet issir ukoll il-korsa ta' qaddief wieħed, korsa li sfortunatament ma kellhiex ħajja twila fir-Regatta. Peress li din il-korsa kienet tiftaħ kull edizzjoni, il-qaddief kien jipparteċipa b'waħda miż-żewġ dgħajjes li jkunu se jġerru bihom aktar tard fir-Regatta.

Kif nafu, il-problema tal-piż tad-dgħajjes għandha storja twila u semmejnieha bosta drabi. Fil-fatt, meta fl-1955, reġgħet inqalgħet mill-ġdid din il-kwistjoni, din inqalgħet proprju fuq dgħajsa li kienet inbniet apposta biex tipparteċipa fil-korsa ta' bi Tnejn. Meta l-kwistjoni tal-piż tad-dgħajjes tressqet quddiem il-Kollettur tad-Dwana, dan sejjaħ minnufih laqgħa tad-delegati tad-distretti, u matulha, wara ħafna argumenti ġie deċiż li d-dgħajjes kollha tal-Pass, irrispettivament f'liema korsa se jipparteċipaw, barra li b'regolament iridu jkunu konformi mal-qisien stipulati mid-dwana jridu jkollhom piż ta' 171.4 kilo. Għalhekk, kull dgħajsa li tipplessja fl-ewwel tliet postijiet trid tintiżen, u jekk jinstab li l-piż tagħha huwa inqas minn dak stipulat mid-dwana tiġi skwalifikata. F'każ li l-piż tad-dgħajsa jkun inqas minn 171.4 kili, dan in-nuqqas fil-piż irid jiġi kkumpensat bil-boroż tar-ramel li jridu jkunu fuq id-dgħajsa matul il-korsa.

Matul is-seklu 20, u aktarx qabel ukoll, il-flotta Ingliża perijodikament kienet iżżur xi portijiet fil-Mediterran, fosthom Messina, Venezja, Izmir, Istanbul, Kreta, Ateni, Rodi, Trieste, Korfu u magħha kienet tieħu numru ta' dgħajjes u barklori Maltin li kienu kummissjonanti bħala Ship's Company mal-bastimenti Navali fil-portijiet tagħna. Xogħol il-barklori f'dawn il-portijiet kien li jwasslu lill-uffiċjali u lill-baħrin l-art u wara lura fuq il-bastiment. Jingħad, li mill-portijiet kollha li kienu jżuru dawn il-bastimenti f'Venezja biss ġie li nqala' l-inkwiet bejn il-barklori u l-gondolieri. Ir-raġuni ewlenija ta' dan l-inkwiet kienet ikkawżata mill-baħrin Ingliżi li kienu jippreferu jużaw id-dgħajjes Maltin milli l-gondoli Venezjani.

Jingħad li f'xi wħud minn dawn portijiet il-flotta kienet torganizza t-tiġrijiet

tal-Wejliet u ġieli organizzat ukoll tiġrija għad-dgħajjes Maltin. Qaddief veteran qalli hekk dwar dawn it-tiġrijiet:

" ... dawn it-tiġrijiet ma kinux isiru f'kull port ... niftakar darba konna f'Venezja u saret tiġrija bejn erba' dgħajjes Maltin. Il-Venezjani tant ħadu pjaċir b'din it-tiġrija li talbuna biex qabel nitilqu lura lejn Malta ntellqu dgħajsa ma' gondola. Tellaqna barra l-kanal u għaddejniehom biċċa sew ..."

S'intendi kull dgħajsa li kienet tipparteċipa fir-Regatta kienet mgħammda b'isem u reġistrata mid-dwana. Ħafna minn dawn id-dgħajjes għamlu snin iġerru bihom l-istess qaddiefa, iżda maż-żmien xi wħud minnhom biddlu s-sidien u għalhekk fis-snin ta' wara nsibuhom jipparteċipaw f'isem distrett ieħor. Ovvjament fl-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja jissemmew bosta dgħajjes li rebħu l-palju ta' l-ewwel fiż-żewġ kategoriji tad-dgħajjes. L-aktar li jissemmew huma dawn: Stella, Pawla u Nażżarenu f'isem Marsamxett, Lorenza u Duminka f'isem il-Birgu, Louis f'isem il-Marsa, Vitoria, Marija Bambina u s-Sinċiera f'isem l-Isla, Aurora, Conċetta, l-Immakulata, Aida u Miss Amerika f'isem Bormla. John Portelli f'isem il-Kalkara u snin wara nsibuha tipparteċipa wkoll f'isem Bormla.

Ma' l-opri nsemmu wkoll xi wħud mill-bennejja li bnew diversi opri tal-baħar, bħal xprunari, dgħajjes tal-Pass, frejgatini u qxur oħra tal-baħar: Benedetto Ellul, Gioacchino Bonnici, Matteo Piscopo, Gioacchino Scicluna, Giovanni Glivau, Gaetano Oliver, Gioacchino Zahra, Rafel de Martino, Karmenu Pavia, Gużeppi Pavia, Ġelardu Grima, Karmenu Cachia, Manuel Cachia, William McCharty, Leli Pule, Ġużeppi Pule, Spiro Toscano u ħafna oħrajn li għad niltaqgħu magħhom aktar 'il quddiem. Oħrajn antiki nafuhom biss bil-laqam: Toni ż-Żigolon, Gużeppi ta' Bernard, Wenżu tal-Ħadida, Ġużeppi tal-Gabbana u Wiġi t-Trux.

Aktar tagħrif konness mal-Korsa tal-Ferilli:

F'kull riċerka li ssir dwar l-użanzi u t-tradizzjonijiet antiki ta' pajjiżna, il-probabbiltà hi li r-riċerkatur jiltaqa' ma' xi tagħrif ġdid li jkun irid jiġi analizzat u studjat b'reqqa kbira. Jekk dan it-tagħrif ikun konvinċenti jew jagħmel sens fil-kuntest li jkun inkiteb aktarx li kien jiġi miżjud mat-tagħrif l-ieħor relatat mas-suġġett konċernat. Mhux l-ewwel darba li wara jinstab xi dokument li jikkonferma jew jikkontradixxi t-tagħrif misjub, u għalhekk il-materjal kollu jrid jiġi rivedut mill-ġdid.

Qabel inkompli, nixtieq nagħmel riferenza dwar l-ismijiet ta' l-opri tal-baħar u tal-qaddiefa li pparteċipaw fir-Regatta bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija. Nibda biex ngħid li minħabba nuqqas ta' materjal miktub, parti sostanzjali mit-tagħrif dwar din it-tradizzjoni nġabar permezz ta' intervisti li jien kont għamilt lil xi ħabrieka u qaddiefa veterani f'nofs is-snin '70. Fortunatament, xi wħud minnhom kienu qaddiefa ma' distretti opposti fit-tiġrijiet tad-dgħajjes bejn 1920 u l-1938, waqt li oħrajn kienu jiftakru tajjeb dawk iż-żminijiet. Minn għandhom ksibt ħafna tagħrif importanti dwar din l-epoka kif ukoll l-ismijiet u l-kunjomijiet ta' għadd ġmielu ta' qaddiefa, oħrajn b'laqamhom biss hekk kienu jafuhom, ekwipaġġi u bosta ismijiet ta' opri tal-baħar. Sfortunatament, meta erġajt avviċinajt lill-istess persuni biex nivverifika magħhom xi ismijiet ta' qaddiefa jew ta' opri dubjużi, innutajt li dawn bdew iħawdu, u f'xi waqtiet jikkontradixxu lil xulxin. Hawnhekk intbaħt li kelli problema!

Waħda minn dawn il-problemi kienet proprju l-isem tal-Ferilla Sengleana li kienet involuta fit-tiġrija li fuqha kienu ntlagħbu xi flus fir-Regatta ta' l-1924. Niftakar li qaddief kien qalli li f'dik l-edizzjoni l-Isla kienet ipparteċipat b'żewġ ferilli tal-ġiri, il-Vitoria u Marija Bambina. Ftit jiem wara, żewġ qaddiefa oħra li kienu jiftakru tajjeb il-kwistjoni li wasslet lill-Kollettur tad-Dwana jwaqqaf il-korsa tal-Ferilli sostnew, li l-Ferilla Marija Bambina ma setgħet qatt tipparteċipa fir-Regatta ta' l-1924 għax din il-ferilla kienet inbniet fl-1925. Żewġ verżjonijiet differenti fuq l-istess opra! Liema verżjoni se tagħżel minnhom? L-episodju li seħħ 84 sena ilu u intervisti saru 50 sena wara. Wieħed irid jaċċetta l-fatt li dan it-tul ta' żmien jaf iqanqalek ħafna dubji !

Dawn id-dubji jfixklu ħafna lir-riċerkatur li xogħlu hu li jagħrbel sewwa kull tagħrif miktub, u f'każ ta' dubju serju jikkonsidra biss tagħrif li jkun magħruf minn kulħadd. Fir-riċerka, kull dettal hu importanti ħafna iżda f'avveniment bħalma hi r-Regatta Nazzjonali, l-ismijiet ta' l-ekwipaġġi (il-protagonisti ta' kull tiġrija) huma importanti ħafna aktar mill-isem ta' l-opra. Ovvjament, l-ismijiet ta' l-opri tat-tiġrija għandhom l-importanza tagħhom ukoll, iżda f'dan il-każ partikulari l-isem ta' l-opra għandu jitqies bħala dettal sekondarju.

Rigward l-isem tal-ferilla li kienet involuta fl-imħatra fl-1924, il-probabbiltà hi, li l-ferilli inkwistjoni kienet il-Vitorja (Fort St. Michael) li aktar tard saret magħrufa bħala l-Kaħla u mhux il-ferilla Marija Bambina li kienet inbniet sena wara. Fil-Ħarġa nru. 19, f'paġna 76, tajt l-ismijiet ta' l-ekwipaġġ li kien ġerra bil-Kaħla, fl-1924, kif ukoll l-andament ta' din it-tiġrija akkanita li kkawżat inkwiet kbir fost il-qaddiefa u l-partitarji Sengleani. Fl-istess korsa, l-Isla kienet ipparteċipat ukoll bil-ferilla San Pietru li l-ekwipaġġ tagħha kien iffurmat minn Ġużeppi Formosa (in-Niger), Alexander Chircop (l-Isnopp), Pawlu Formosa ( Palalu ) u Karmenu Cachia ( il-Kaxu).

Bi żvista, fil-Ħarġa ta' Novembru deher li, fl-1924, l-Isla ordnaw il-Ferilla l-Kaħla. Fil-fatt, f'dik is-sena l-Isla ma ordnawx ferilli ġodda, iżda kienu pparteċipaw bil-Ferilli San Pietru u l-Vitoria. Il-ferilla Vitoria (numru 94) kienet inbniet fl-1922 u peress din kienet miżbugħa kaħla u fuqha inkiteb Fort St. Michael, xi wħud kienu jsibuha b'dan l-isem waqt li fost il-barklori kienet magħrufa bħala l-Kaħla.

Fl-1925, l-Isla bnew il-ferilla Marija Bambina, magħrufa aħjar bħala s-Safra. Jingħad li din il-ferilla tant kienet ħafifa li meta rawha l-Beltin iddeċidew li ma jaqdfux aktar ma' l-Isla fil-korsa tal-Ferilli. Jingħad li r-rifjut tal-Beltin li jipparteċipaw f'din il-korsa kienet il-kawża ewlenija li d-dwana kienet introduċiet żewġ kategoriji ta' korsi tal-Ferilli fir-Regatta, waħda għall-ferilli tax-xogħol u l-oħra għall-ferilli tal-ġiri.

Għall-aktar tagħrif dwar dan il-perijodu ta' tiġrijiet fil-portijiet Maltin ara l-ewwel Volum ta' L-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja 1900 - 1938.

jserracino@onvol.net



Dgħajsa tal-Pass fuq bastiment tal-gwerra Ingliż wara l-gwerra




Lisa Spiteri, Kenneth Vella, Bernard Vassallo u Joe Cassar mill-KMS

# Siltiet minn diskors taċ-Chairman tal-KMS, Bernard Vassallo, matul attivitajiet f'Novembru u Diċembru 2008

Skond żewġ Eurobarometer surveys li saru fl-aħħar xhur, l-isport huwa t-tielet attività favorita fl-Ewropa wara t-televiżjoni u l-internet.

L-istess surveys urew li l-maġġoranza tal-Ewropej huma favur li jkun hemm aktar koperazzjoni bejn is-sistemi edukattivi u l-għaqdiet sportivi u li jkun hemm aktar ħin dedikat għall-isport u attività fiżika waqt il-ħin tal-iskola.

Hawn Malta, skond survey li sar tliet snin ilu, instab li persuna waħda biss minn erbgħa hija attiva fiżikament. Sar magħruf ukoll li aħna l-aktar pajjiż fl-Ewropa li għandna tfal 'overweight' bejn l-għaxar u s-sittax-il sena. Dan minbarra l-fatt li l-problema ta' l-obesità hija ferm għolja ġewwa Malta meta mqabbla ma' pajjiżi oħra.

Hija x-xewqa tal-Kunsill Malti għall-iSport li nżidu l-parteċipazzjoni tal-poplu waqt attivitajiet sportivi u se nkomplu naħdmu fuq il-programmi eżistenti li għandna bħalissa waqt li fix-xhur li ġejjin se nippruvaw ninfdu f'oqsma oħra tal-popolazzjoni permezz ta' programmi ġodda.

Fil-futur qrib, riżultat ukoll tar-rwol tal-Kunsill Malti għall-iSport bħala l-awtorità nazzjonali fejn jidħol l-isport, se nibdew formalment ir-reġistrazzjoni sportiva għall-entitajiet sportivi, għaqdiet sportivi, klabbs, atleti, kowċis, amministraturi u kif ukoll nies oħra relatati u mdaħħla fl-isport. Se nistudjaw ukoll xi nċentivi li nistgħu nipprovdu għal min jirreġistra u fil-fatt diġà nedejna inizjattiva fejn kull kowċ li se jirreġistra magħna se tingħatalu personal public liability insurance b'xejn.

Tajjeb li wieħed ifakkar li huwa biss jekk wieħed jirreġistra fi ħdan il-Kunsill Malti għall-iSport li wieħed ikun jista' imbagħad jagħmel użu mid-diversi skemi ta' assistenza li jiġu maħruġa mill-KMS u li minnhom diġà gawdew ħafna entitajiet sportivi.

Huwa wkoll permezz tar-reġistrazzjoni li wieħed ikun jista' jagħmel użu mill-benefiċċji li ppropona l-gvern fil-budget tas-sena li għaddiet u li kienu ġew spjegati f'konferenza tal-aħbarijiet li kienet saret fil-kumpless tal-kottonera fis-sajf li għadda. Qiegħed nirreferi għat-tnaqqis tat-taxxa fuq sponsorships u infiq kapitali sportivi u kif ukoll rebates fuq it-taxxa għall-ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom f'Nurseries reġistrati.

Permezz tal-proċess ta' reġistrazzjoni, il-KMS se jintroduċi wkoll xi kriterji minimi li jridu jiġu milħuqa minn dawk li jirreġistraw bħal per eżempju għal dak li għandu x'jaqsam saħħa u sigurtà, kwalifiċi tal-coaching u kif ukoll ħarsien tat-tfal waqt l-isport.

Rigward l-aħħar punt, bħala l-bniedem fdat bit-tmexxija tal-Kunsill

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

kunsill malti għall-isport

www.sportmalta.org.mt

Malti għall-iSport inħoss li jiena, flimkien mal-kumplament ta' sħabi d-diretturi kollha u kif ukoll iċ-chief executive officer fi ħdan il-KMS, għandi responsabbiltà li nwittu t-triq malajr kemm jista' jkun sabiex tiġi mplimentata politika ċara nazzjonali li tirrigwarda l-ħarsien tat-tfal mill-abbuż, mhux biss dak fiżiku iżda wkoll emozzjonali u psikoloġiku, waqt attivitajiet sportivi.

Huwa għalhekk li l-Kunsill Malti għall-iSport, aktar kmieni din is-sena stess, ħatar kummissjoni nterna sabiex janalizza s-sitwazzjoni preżenti u jħejji dokument dwar il-proċeduri għall-protezzjoni tat-tfal fl-isport. Dan għaliex kien ilu jinħass il-bżonn li f'Malta jkun hawn policy għall-protezzjoni tat-tfal fl-isport.

Din il-kummissjoni ma kinetx komposta biss minn persuni kompetenti fil-qasam sportiv, għalkemm hawn ukoll kienet għaqlija d-deċiżjoni li mill-istess kamp sportiv ikun hemm rappreżentazzjoni wiesa' u mifruxa kemm jista' jkun sabiex ikun hemm rapreżentanti kemm ta' atleti, kowċis, amministraturi u kif ukoll uffiċjali. Madankollu ma' dawn, taħt it-tmexxija tas-sur Andrew Decelis, wieħed mid-diretturi preżenti fi ħdan il-KMS u li ngħata l-inkarigu li jieħu ħsieb il-politika sportiva għall-protezzjoni tat-tfal, żdiedu wkoll rappreżentanti minn setturi oħra li jaħdmu viċin it tfal, bħall Kummissarju tat-Tfal, is-Sedqa, l-aġenzija Appoġġ u entitajiet simili oħra.

Id-dokument finali mfassal minn din il-kummissjoni nterna fi ħdan il-KMS, u adattat b'permess uffiċjali minn dokument simili maħruġ mill-aġenzija nazzjonali tar-Renju Unit għal prevenzjoni ta' moħqrija fuq it-tfal, tlesta ftit ġimgħat ilu biex dħalna fit-tieni stadju tal-proċess.

Hawnhekk id-dokument tqassam lill-għaqdiet kollha tal-isport biex dawn janalizzawh u jressqu s-suġġerimenti u/jew kritika tagħhom lill-KMS sa l-aħħar ta' dan ix-xahar. Fil-fatt diġà kien hemm diversi entitajiet sportivi li għamlu dan u l-KMS diġà qiegħda tiġbor u tgħarbel ħafna mill-kummenti li ntbagħtu.

Iżda ta' min ifakkar li d-dokument li ġie mqassam lill-għaqdiet sportivi mhuwiex wieħed finali iżda wieħed ta' diskussjoni. Il-KMS temmen bis-sħiħ fid-diskussjoni u li din tista' twassal għal prodott aktar effettiv. Huwa għalhekk li l-bord tal-KMS ħa d-deċiżjoni li juża dan il-proċess demokratiku fejn kulħadd jista' jwassal leħnu u jiġi mismugħ qabel ma tittieħed deċiżjoni finali.

Wara li l-għaqdiet sportivi jibagħtu l-kummenti, is-suġġerimenti u l-kritika tagħhom, il-bord tal-KMS se jorganizza seminar pubbliku fejn se tkompli d-diskussjoni fuq dan id-dokument u jiġu mressqa l-aħħar emendi li jkunu saru.

Wara dan is-seminar naslu għall-istadju tal-aħħar fejn il-bord tal-KMS jerġa' jemenda skond kemm u jekk hemm il-bżonn id-dokument biex imbagħad l-istess bord japprova d-dokument finali u jressqu għall-approvazzjoni tal-gvern sabiex tiġi mplimentata l politika nazzjonali tal-protezzjoni tat-tfal fl-isport.

Nixtieq ukoll intenni bil-qawwa kollha li mhux id-dokument finali kollu se jkun obbligatorju għall-entitajiet sportivi. Ovvjament se jkun hemm partijiet li jridu jiġu mwettqa minn dawk reġistrati mal-KMS, iżda se jkun hemm bosta partijiet oħra li jkunu biss rakkomandazzjonijiet lill-entitajiet sportivi bħala gwidi għal 'best practice'.

Huwa diffiċli li wieħed isemmi l-punti kollha fi ħdan id-dokument preżenti, iżda nistieden lil kull min hu nteressat, jikkuntattja lill-KMS ġewwa l-Cottonera Sports Complex (Tel 21660647/8 jew e-mail fuq kms@sportmalta.org.mt) għal aktar informazzjoni.

L-istess proċess miftuħ u trasparenti se jkun użat meta fil-futur qrib il-Kunsill Malti għall-iSport se jniedi formalment il-coaching policy nazzjonali.

Tajjeb li wieħed jirrealizza wkoll li permezz tal-coaching policy se nippruvaw nagħmlu l-isport b'anqas periklu għat-tfal u dan għaliex se nkunu qegħdin naħdmu sabiex indaħħlu kultura li kull kowċ irid ikun kwalifikat, mhux biss fit-teknika tal-isport partikolari, iżda ikun irid ikollu preparament u taħriġ sodisfaċenti fil-pedagoġija u, wisq importanti, għarfien fil-psikoloġija u l-iżvilupp tat-tfal.

Għal dak li għandha x'taqsam l-iskola, f'din is-sena skolastika bdiet tiffunzjona l-Sport Promotion Unit fi ħdan il-KMS u b'kollaborazzjoni mall-Ministeru tal-Edukazzjoni, fejn bħalissa qiegħed jinħadem proġett pilota ferm interessanti ma' tliet kulleġġi rispettivi. Nemmen bis sħiħ, wara li diġà qegħdin jinkisbu r-riżultati sbieħ fl-ewwel ġimgħat, li dan il-unit se jkun ta' suċċess u fil-futur ix-xogħol tiegħu li jippromwovi l-isport u jżid mal-ħin dedikat għall-isport fl-iskejjel, se jiġi estiż ma' Malta kollha.

# Id-dokument ta' Konsultazzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal

Il-protezzjoni tat-tfal huwa suġġett li fl-aħħar snin ingħata mportanza kbira f'kull sfera tal-ħajja, u l-qasam tal-isport ma kienx eċċezzjoni.

Il-Kunsill Malti għall-iSport iqis l-isport bħala għodda mportanti biex tiżviluppa lit-tfal u li għandha tkun esperjenza pożittiva u ħielsa minn kull periklu. Għalhekk inħass il-bżonn li jiġi ppreparat dokument li jigwida l-klabbs u l-assoċjazzjonijiet kollha Maltin fil-qasam ta' l-isport għat-tfal. F'Novembru tal-2007 twaqqfet kummissjoni magħmula minn persuni minn diversi entitajiet li jaħdmu mat-tfal, mill-KMS, mill-Università u oħrajn li jirrappreżentaw il-kowċis, l-amministraturi, u l-uffiċjali u li ħadmet fuq dan id-dokument. Id-dokument jikkonsisti f'diversi kapitli dwar kif għandhom jiġu mpjegati n-nies li jaħdmu mat-tfal; il-promozzjoni ta' prattiċi tajbin; id-diversi tipi ta' abbużi u prattiċi ħżiena; u x'għandu jsir f'każ ta' xi akkużi. Wieħed mill-Appendiċi tad-dokument jippreżenta wkoll kodiċi ta' etika u mġieba għal kull min hu nvolut fl-isport tat-tfal.

Fl-aħħar xahrejn, dan id-dokument ġie mibgħut lill-assoċjazzjonijiet kollha ta' kull sport għall-kummenti tagħhom. S'issa daħlu diversi kummenti u l-kummissjoni qiegħda tiddiskutihom u tagħmel it-tibdil meħtieġ.

Xi assoċjazzjonijiet għażlu wkoll li jinkludu diskussjoni dwar dan id-dokument waqt seminar għall-amministraturi u l-head-coaches tagħhom.

Huwa ppjanat li f'Jannar il-Kunsill Malti għall-iSport jorganizza seminar biex ikompli d-diskussjoni dwar dan id-dokument. Meta dan id-dokument jiġi approvat, ikun imiss kampanja sħiħa ta' edukazzjoni għal kull min hu nvolut f'dan il-qasam tal-isport tat-tfal.

kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt



Albert Pace Taliana
waqt is-Seminar

# Seminar mill-KMS għall-PROs tal-Assoċjazzjonijiet, Federazzjonijiet u Klabbs

Nhar is-Sibt, 29 ta' Novembru, il-Kunsill Malti għall-iSport organizza seminar bit-tema 'Ir-Rwol tal-PRO fi ħdan Assoċjazzjoni Sportiva'. Dan is-seminar kien immirat l-aktar għall-Uffiċjali tar-Relazzjonijiet Pubbliċi li jaħdmu fi ħdan l-assoċjazzjonijiet sportivi Maltin. L-għan kien dak li jwassal informazzjoni differenti dwar bosta aspetti relatati mal-ħidma ta' PRO.

Is-seminar kien indirizzat fost l-oħrajn minn rappreżentanti differenti tal-Media Sportiva Maltija, u l-attendenza kienet waħda tajba ħafna b'rappreżentanza ta' aktar minn 50 bejn assoċjazzjonijiet, federazzjonijiet, jew klabbs differenti. Il-preżentazzjonijiet iffukaw fuq kif għandha tiġi organizzata konferenza ta' l-aħbarijiet u kif titħejja stqarrija għall-istampa b'mod li tkun tajba għall-ġurnalisti tad-diversi oqsma tal-media.

Kienu diversi s-suġġetti li ġew ippreżentati, ġurnalisti sportivi minn organizzazzjonijiet varji tal-Media lokali tkellmu u spjegaw dak li jistennew mill-uffiċjali, kemm fir-rigward ta' ġurnali u magazines, it-televiżjoni, ir-radju u l-media elettronika. Il-parteċipazzjoni kienet waħda kostanti, l-uffiċjali staqsew u komplew id-diskussjoni wara kull preżentazzjoni. Fost il-preżentazzjonijiet, dik televiżiva kienet waħda dettaljata għall-aħħar, fejn il-ġurnalist Christian Micallef spjega l-proċess kollu minn meta jasal filmat, sakemm dan jixxandar fuq it-televiżjoni. Hawn hekk il-ġurnalista, ħeġġeġ lill-assoċjazzjonijiet jinvestu f'apparat biex ikunu jistgħu jgħaddu l-filmat direttament huma lill-istazzjonijiet televiżivi u b'hekk dawn tal-aħħar jiffrankaw ħafna xogħol loġistiku.
Minn dan is-seminar ħareġ biċ-ċar li d-dipartimenti rispettivi sportivi tal-media lokali jiffaċċjaw diversi problemi u dan l-aktar fir-rigward ta' riżorsi u għaldaqstant kien spjegat kif id-dipartimenti tar-relazzjonijiet pubbliċi fi ħdan l-assoċjazzjonijiet jistgħu jgħinu f'dan ir-rigward. Kif kien spjegat minn ġurnalist ieħor, kull assoċjazzjoni trid tinvesti fid-dipartiment tar-relazzjonijiet pubbliċi u dan biex dawn id-dipartimenti jsiru ferm aktar moderni, importanti li dawk li jmexxu dawn id-dipartimenti jkunu kwalifikati jew ikunu segwew korsijiet f'din il-linja, għaliex b'hekk biss iwasslu l-messaġġ tagħhom fejn iridu huma u kif iridu huma li dan jasal għand il-pubbliku.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# KMS Youngsters

## Weekend Programme - Skolasport



kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Il-Gvern Malti minn dejjem irrikonoxxa l-importanza ta' l-isport u kien minn ta' quddiem sabiex ipprovda opportunitajiet, faċilitajiet u strutturi għas-soċjetà Maltija. Sa mis-snin 70, bit-tnedija taċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa, tfal ta' kull età kienu jinkitbu sabiex jipprattikaw l-isport favorit tagħhom. Fl-aħħar tas-snin 80 infetħet Skolasport, li llum dan il-programm hu magħruf bħala l-Weekend Programme, fejn tfal ta' bejn is-7 u s-16 -il sena kienu jissieħbu f'xi dixxiplina sportiva partikolari. Fl-aħħar tas-snin 90 il-Weekend Programme ħa xejra oħra u beda joffri programmi ta' atletika, għawm u ġinnastika għal tfal bejn il-5 u l-10 snin, filwaqt li tfal ta' bejn il-11 u s-16 -il sena baqgħu jagħżlu d-dixxiplina favorita tagħhom.

Il-Weekend Programme illum hu amministrat mil-Kunsill Malti għall-iSport u għall-għaxar sena konsekuttiva qiegħed jiġi sponsorjat mill-Kelloggs. L-għan ewlieni hu li t-tfal ta' bejn l-4 u l-10 snin jiġu mgħallma l-bażi ta' l-isport filwaqt li jiġu mgħejjuna jidentifikaw it-talent tagħhom. Il-klassijiet huma mqassma skond l-età, u l-programm skolastiku joffri taħlita ta' tagħlim f'ħiliet bażiċi bħal ġiri, qbiż, ko-ordinazzjoni, aġilità, użu ta' apparat u ġinnastika edukattiva. Dan il-programm joffri wkoll lezzjonijiet tal-għawm li fih tfal ta' kull età u ta' kull abbiltà jitħarrġu f'din id-dixxiplina sportiva, filwaqt li joffri għażla ta' aktar minn 20 dixxiplina sportiva għal dawk it-tfal li għandhom bejn il-11 u s-16 -il sena.

L-ammont ta' applikanti, li din is-sena tela' għal aktar minn 1,600 atleta, qiegħed jiżdied kull sena. Dan hu fattur li jirrifletti s-suċċess li qiegħda tikseb din l-istituzzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Malti għall-iSport jimpjega għadd ta' għalliema u studenti li tħarrġu fl-Edukazzjoni Fiżika, filwaqt li jikkoordina bis-sħiħ mal-Assoċjazzjonijiet Sportivi Nazzjonali, li jipprovdu kowċis sabiex jgħallmu lit-tfal fid-dixxiplina li jkunu għażlu kif ukoll jintroduċu skemi ġodda ta' tagħlim u jorganizzaw attivitajiet għal dak l-isport partikolari.

Żdiedet ukoll l-attendenza tal-ġenituri fil-klassijiet organizzati apposta għalihom. Barra mill-fitness li jsir fil-Kumplessi Sportivi, hemm numru sabiħ ta' ġenituri li qegħdin jattendu għal-lezzjonijiet ta' l-għawm. Dan il-kors huwa bbażat kemm għal dawk li ma jafux jgħumu u kif ukoll għal dawk li jixtiequ jitgħallmu teknika aktar avvanzata.

**Faċilitajiet u Programmi**

Il-Weekend Programme ma naqasx ukoll li jżid in-numru ta' faċilitajiet sportivi, bil-għan li dejjem joffri servizz aħjar lill-applikanti. Il-lum dan il-programm jopera fi 13-il ċentru fl-istess

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

ħin. Dawn il-faċilitajiet jinkludu l-Kumplessi Sportivi tal-Kottonera, tal-Marsa u l-Kumpless Sportiv Tal-Qroqq, il-Kulleġġ ta' San Benedittu f'Ħal Kirkop, l-iSkola ta' Sta. Monika l-Gżira u l-iSkola Sir Adrian Dingli ġewwa Pembroke. F'dawn iċ-ċentri jsir it–taħriġ tal-ħiliet bażiċi għat-tfal ta' taħt l-għaxar snin. Il-programm huwa maqsum f'żewġ kategoriji:

- Il-Programm Foundation (5-7snin) fejn it-tfal jitħarrġu f'ħiliet bażiċi u ġinnastika edukattiva;
- Il-Programm Participation (8-10snin) fejn it-tfal jitħarrġu f'diversi dixxiplini sportivi u logħob.

Fiċ-ċentri l-oħra jsir t-taħriġ tal-Programm Performance li huwa mfassal għat-tfal ta' bejn il-11 u s-16-il sena. Iċ-ċentri huma mifruxa madwar Malta u jinkludu l-Eden Super Bowl (Paceville), il-Vikings Sailing Club (Valletta), il-Birżebbuġa Sailing Club, il-Gymstars (Tarxien) u t-Tennis Club Kordin fost oħrajn. Dan il-programm iħejji lit-tfal f'diversi dixxiplini partikolari. Fihom it-tfal jitgħallmu aktar it-teknika ta' l-isport li jkunu għażlu iżda f'ambjent mhux kompetittiv. Għalhekk kull tifel u tifla qegħdin jingħataw iċ-ċans li juru u jiżviluppaw l-abbiltajiet tagħhom.

Il-Weekend Programme jħaddan 20 dixxiplina differenti. Meta wieħed iqis li dan il-programm fil-bidu kien beda b'disa' dixxiplini biss, dan in-numru jirrifletti l-entużjażmu u l-kollaborazzjoni li jagħtu l-Assoċjazzjonijiet Sportivi Nazzjonali sabiex jiffurmaw parti minn din l-istituzzjoni u joffru t-tagħlim meħtieġ fid-dixxiplina rispettiva tagħhom.

L-objettivi tal-Weekend Programme:

- Toffri varjetà ta' attivitajiet u logħob sportiv differenti. Il-ħsieb huwa li t-tfal jingħataw l-opportunita` jduqu kull tip ta' sport u jippruvaw naqra minn kollox sabiex b'hekk iwessgħu l-orizzonti u l-esperjenzi tagħhom;
- Toffri liż-żgħażagħ opportunità jipparteċipaw u jipprattikaw l-isport favorit tagħhom u b'hekk l-isport isir parti mill-ħajja tagħhom ta' kuljum;
- Tagħti opportunità lil kull individwu jiżviluppa t-talent tiegħu u jintegra f'ambjent sportivi;
- Tagħti opportunità lil dawk li jixtiequ esperjenza pożittiva waqt li qegħdin jiżviluppaw l-abbiltajiet fiżiċi tagħhom.

**Inizjattivi**

Il-Weekend Programme jieħu l-inizjattiva jorganizza attivitajiet barra mill-programm normali ta' kull nhar ta' Sibt bl-għan li joffri żvilupp ħolistiku lill-parteċipanti. Jiġu organizzati :

- Tournaments ma' Nurseries oħra ta' klabbs lokali fuq bażi ta' logħbiet ta' ħbiberija;
- Attivitajiet għall-familja kollha bl-iskop li tiżdied il-parteċipazzjoni fl-isport;
- Attivitajiet ta' sport u kultura bħal ma' kienet ta' suċċess kbir l-attività ArtiSport;
- Laqgħat u seminars għall-ġenituri, kowċis u għalliema sabiex niżviluppaw aktar din l-organizazzjoni b'mod pożittiv;

Mistennija tiġi ntrodotta ukoll l-iskema ta' grading tat-tfal fid-dixxiplina ta' l-għawm. It-tfal se jingħataw ċertifikat li jindika l-grade li laħqu.







# Sport Promotion Unit

L-iSport Promotion Unit hija taqsima ġdida fi ħdan il-Kunsill Malti għall-iSport. Din it-taqsima għandha l-obbligu li tgħin lil diversi skejjel sabiex ikabbru l-element ta' sport fl-iskejjel tagħhom. Il-programmi ta' din it-taqsima qed jinbnew fuq strutturi li diġà huma eżistenti. Madankollu, b'mod innovattiv l-iSport Promotion Unit qiegħed jintroduċi attivitajiet sportivi permezz ta' diversi assoċjazzjonijiet sportivi li huma affiljati mal-Kunsill Malti għall-iSport. Il-Kulleġġi nvoluti f'dan il-proġett huma; l-Kulleġġ St.Injazju, l-Kulleġġ Sta.Tereża u l Kulleġġ St.Thomas Moore.

F'dawn il-Kulleġġi nsibu total ta'sbatax-il skola primarja u għaxar skejjel sekondarji.

F'dan l-ewwel simestru, uħud minn dawn l-iskejjel (u oħrajn barra dawn it-tlett Kulleġġi – skejjel sussidjarji) ittellgħu in-house coaching clinics, u li permezz tagħhom l-istudenti ibbenefikaw billi tħarrġu minn diversi kowċis kwalifikati f'dixxiplini sportivi diversi, fosthom fil-Handball, it-Tag-rugby, l-Baseball, in-Netball u l-Hockey.

Din it-taqsima ħadmet ukoll ma' għexieren ta' skejjel oħra fil-kampjonati tal-inter-school. Għalihom ġew mistiedna l-iskejjel kollha sekondarji mill-għaxar Kulleġġi preżenti. Matul dawn il-kampjonati studenti minn diversi skejjel qegħdin jipparteċipaw flimkien u b'hekk qiegħed jissaħħaħ il-kuntatt bejn diversi skejjel li huma anonimi għal xulxin u li madankollu jiġu mill-istess Kulleġġ. Qed naraw ukoll kemm l-istudenti qegħdin japprezzaw il-fatt li ġiethom opportunità fejn huma jistgħu jikkompetu ma' studenti oħra li ġejjin minn skejjel differenti. F'dawn il-kampjonati tal-inter-schools insibu total ta' ħames assoċjazzjonijiet li grazzi għalihom kien possibli biex l-iSport Promotion Unit torganizza dawn l-avvenimenti. Dawn jinkludu l-assoċjazzjonijiet tal-Basketball, tal-Volleyball, tal-Atletika u tar-Rugby.

Attivitajiet oħra li ttellgħu mill-iSport Promotion Unit jinkludu:

**European Youth Week**

Matul din il-ġimgħa (2-9 ta' Novembru 2008) l-istudenti preżenti setgħu jkunu parti minn ħames dixxiplini sportivi, fosthom il-basketball, il-baseball, il-futbol, l-arti marzjali u t-touch rugby. Matul dik il-ġimgħa attendew għaxar skejjel sekondarji. B'kollox ħadu sehem 600 student/a li l-età tagħhom tvarja bejn it-tlettax u l-ħmistax-il sena. Attrazzjoni partikolari kienet il-fatt li f'Pjazza Ħelsien, il-Belt, itella' mobile pitch misluf għall-okkażjoni grazzi għall-uffiċjali tal-Malta Football Association.

**Hockey Day**

Nhar il-Ġimgħa, 10 t'Ottubru 2008, l-assoċjazzjoni tal-Hockey organizzat Hockey Day għall-istudenti tal-iskola Rrimarja B taż-Żejtun, ġewwa l-Corradino Sports Complex. Matul din l-attività, membri mill-assoċjazzjoni tellgħu diversi stazzjonijiet relatati mal-logħba tal-hockey. Fl-aħħar siegħa, l-klassijiet ikkompetew bejniethom u l-ġenituri setgħu ukoll jaraw lil uliedhom jipparteċipaw, jagħmlu attività fiżika u finalment jieħdu pjaċir. Total ta' 190 student/a ipparteċipaw f'din l-attività.



kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

**Fun Run**

Fit-28 ta' Ottubru 2008, l-iSport Promotion Unit organizza Fun Run ġewwa l-iskola primarja ta' Ħal-Luqa. F'din l-attività, l-iskola kollha (mill-Kinder sal-Year 6) ipparteċipat u ħadet sehem f'diversi dixxiplini sportivi li ttellgħu wara l-ġirja li l-istudenti għamlu mat-toroq ta'Ħal-Luqa. Hafna mill-istudenti kienu akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom u dan wera kemm l-involviment tal-ġenituri huwa ferm importanti fil-ħajja tal-istudenti tagħna. Matul din il-ġurnata ipparteċipaw total ta' 199 student/a.

Fit-tieni simestru skolastiku, it-taqsima mistennija tkompli tipprovdi u tassisti lill-iskejjel li huma parti minn dan il-proġett pilota, billi tintroduċi programm dettaljat lil dawk l-istudenti li qed ikunu ta' spiss assenti mill-iskola u oħrajn li l-imġieba tagħhom hija waħda diffiċli. Dan se jsir skont l-esiġenza, kemm tal-iskola u kif ukoll tal-ġenituri ta' dawn l-istess studenti.



minn Paul Grech

# Tamiet ġodda ifeġġu fir-Road Running League

Argument kostanti bejn dawk li għandhom għal qalbhom il-ġiri fit-tul, speċjalment dawk li jħarsu lejn l-element kompettittiv iktar milli dak ta' parteċipazzjoni, idur madwar in-nuqqas ta' kwalità jew elementi ġodda. M'hemmx talent ġdid ħiereġ, hija l-kritika, u bl-istess tnejn jew tlitt atleti li dejjem jirbħu t-tlielaq, huwa diffiċli li toħroġ b'argument oppost.

Iżda fadal it-tama, jew tal-inqas hekk jidher wara t-tielet ġurnata tar-Road Running League li saret f'Ta' Qali.

Dan grazzi għal Allister Bezzina (is-sitta), Keith Galea (il-ħmistax) u Rodney Cassar (is-sbatax), li lkoll għandhom għoxrin sena jew ftit aktar, filwaqt li fost in-nisa kemm Doreen Vella u kif ukoll Francesca Arrigo, li spiċċaw it-tieni u t-tielet rispettivament, għandhom inqas minn ħamsa u għoxrin sena.

Mhux eżattament il-bidu ta' era ġdida tad-deheb għall-ġiri fit-tul, iżda xi sinjali pożittivi qegħdin naraw.

Minkejja dan kollu, d-dominatur tal-ġurnata għal darb'oħra kien Jonathan Balzan.

Meta tqis li ġimgħa qabel huwa kien għadu kemm ħa sehem u rebaħ il-Malta Challenge Marathon, ħadd ma kien ilumu li kieku huwa għazel li jieħu din it-tellieqa bħala sessjoni ta' taħriġ. Iżda minflok huwa ġera bil-kompetizzjoni wara prestazzjoni mpekkabbli.

Għal ħin twil matul it-tellieqa, kien l-eks-champion James Douglas li kien fuq quddiem fil-grupp ta' atleti li barra Balzan kien jinkludi wkoll lil Haithem Kisheim. Douglas, Ingliż li kien residenti Malta sa sentejn ilu, kien iddomina r-Road Running League fl-aħħar sena tiegħu f'pajjiżna u deher li huwa ma kienx tilef mill-forma minn mindu telaq.

Iżda l-ġirja sal-aħħar u Balzan kien lest biex jipprova dan. Madwar is-seba' kilometru, huwa għamel il-mossa tiegħu fejn qabeż lil Douglas u biex b'hekk jara x'se tkun ir-reazzjoni tal-Brittaniku. Meta dan naqas milli jżid il-pass, Balzan kompla jagħfas biex irnexxielu jidħol l-ewwel f'ħin eċċellenti ta' 32:07.

"Li negħleb żewġ atleti tal-kalibru ta' Douglas u Kisheim hija xi ħaġa sabiħa u b'hekk wara ċ-Challenge Cup għalaqt ġimgħa ta' suċċess għalija," huwa rrimarka. "F'din ir-rotta l-aħjar ħin ta' Douglas kien dak ta' 32.26 jiġifieri rnexxieli ntejjeb fuq dak ir-riżultat ukoll."

Fost il-ħafna riżultati pożittivi li kien hemm, l-uniku nota negattiva kienet il-viċinanza bejn żewġ tlielaq daqshekk importanti.

"Qatt ma kelli żewġ tlielaq daqshekk importanti li ħabtu daqshekk viċin xulxin," stqarr Balzan. "Lanqas kelli ħin nifraħ bis-suċċess fiċ-Challenge għaliex immedjatament kelli nibda nipprepara għal tellieqa kbira oħra." Diffiċli jingħata tort, speċjalment minħabba li l-atleti ġeneralment jieqfu għal xi ġranet ta' mistrieħ biex jirkupraw minn maratona. Forsi wasal iż-żmien li l-kalendarju tat-tlielaq tat-toroq ikun rivedut biex ikunu protetti l-atleti.

Carmen Hili, li wkoll marret tajjeb ħafna fiċ-Challenge, ukoll spiċċat l-ewwel f'din it-tellieqa. U fejn fiċ-Challenge hija spiċċat fit-tieni post, hawn ġiet l-ewwel b'kważi minuta fuq l-eqreb rivali tagħha.




James Douglas




Jonathan Balzan

# Injury of the Anterior Cruciate Ligament

The recent injury to Gennaro Gattuso has brought Anterior Cruciate Ligament (ACL) injuries of the knee back into focus. Most people are enquiring how he managed to finish the game after suffering such a serious injury. So exactly what is the ACL and why all this fuss?

A ligament is a fibrous band that provides stability to a joint by linking two or more bones together. The ACL is found in the knee and is one of the four major ligamentous stabilisers of this joint. The others are the Posterior Cruciate Ligament (PCL), the Medial Collateral Ligament (MCL) and the Lateral Collateral Ligament (LCL). The ACL stretches diagonally between the thigh bone (femur) and the shin bone (tibia) and in so doing crosses over the PCL (hence the name). The role of the cruciate ligaments is to provide stability for twisting actions and movements in the anterior (forward)-posterior (backward) direction. Thus the usual mechanism of injury occurs when the knee is subject to a sudden twisting force such as can occur with a tackle or when the foot gets stuck to the ground whilst turning.

Damage to the ACL is a rather common sport injury and is significantly more common in females. This has been attributed to a number of factors including hormonal, anatomical and muscular imbalances. Injury to the ACL is often accompanied by other injuries in the knee due to the twisting mechanism of injury. So besides a torn ACL you often have a torn meniscus (cartilage) and MCL. For those that saw Gattuso's injury on television you realise that the mechanism was not the more common twisting injury, but rather a sudden hyper flexion movement of the knee. In all probability this resulted in an isolated ACL injury without other structures being damage. This is why he could continue playing, although in obvious discomfort. Had there been other structures damaged it is much harder to continue playing as the instability, pain and swelling would be significant.




ACL injuries occur when bones of the leg twist in opposite directions under full body weight



When an ACL is torn the athlete often hears a 'pop' and the knee starts to swell, although this can occur after a number of hours. The knee feels unstable especially when trying to turn on it. The knee itself can be tender especially if there are accompanying injuries and clinically the doctor can cause the femur to slide excessively over the tibia when certain physical tests are undertaken. An Magnetic Resonance Imaging (MRI) may be required to determine exactly the extent of damage to the ACL and other knee structures.

When an injury occurs the first thing a sportsperson must do is follow the RICE protocol. So first you must stop playing (Rest) as you risk causing further damage. You then Ice the injured part whilst applying a bandage (Compress). Finally you need to Elevate to decrease the swelling. Ideally the injured athlete then seeks medical advice as the longer treatment is delayed the longer the rehabilitation process.

Most people assume that once you have an ACL injury then you have to undergo surgery. This is not always the case. Many factors come into play, including the age of the patient, the sporting level, lifestyle and type of work they do, the amount of instability and whether there are other structures damaged. Once surgery has been decided then a prehab programme should be initiated to reduce swelling and restore full mobility and strength before the operation itself. This will help in the post-operative period. There are a number of operations available with various variations of the same principles. The most common utilise either the patellar or hamstring tendons as a replacement for the torn Cruciate ligament. Uncommonly the ACL would have been pulled off directly from the bone and this would only require suturing of the ligament back onto the bone.

What most people do not realise is that the surgery is the least inconvenient aspect of the whole recovery process. It requires a high degree of technical skill by the surgeon but for the patient what is really hard are the months of rehabilitation that follow. This involves a lot of hard work and dedication and sometimes the result of the surgery is not as good as expected as the rehabilitation process would not have been done as diligently as required. It is not just a matter of a few hours a week, but a few hours every day for a number of months, usually five to nine. There is no time for a long break in the rehabilitation process and the operated athlete must be committed if he/she is to return to the same level of sporting performance. We must also not forget that not everybody is the same. This applies for rehabilitation too. Some people recover faster than others and that is why the protocols are flexible. When we see professional athletes return to sport after an ACL operation we must not forget that to get there they would have undertaken hundreds of hours of physiotherapy and physical therapy. How can we expect to return to sport without going through the same process?

kmicallefstafrace@gmail.com









WasteServ Malta Ltd

## L-ewwel parti tal-impjant f'Sant'Antnin

# QEGĦDHA TAĦDEM



**Issa li l-faċilità ta' Sant' Antnin għall-Irkupru ta' Materjal Riċiklabbli (*Material Recovery Facility*) qegħdha topera, beda jiġi pproċessat fih l-iskart riċiklabbli bħal Karta, Plastik, u Metall. L-impjant immodernizzat qiegħed jgħin biex inħarsu l-ambjent u nnaqsu l-iskart li jidħol fil-landfill.**

**ISSA JMISS LILEK LI TAGĦMEL IL-BIĊĊA TIEGĦEK U TIBDA TISSEPARA L-ISKART!**

*Dan il-proġett qed jgħin biex jitnaqqsu d-differenzi ekonomiċi u soċjali bejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea*

FOND TA' KOEŻJONI GĦAL MALTA 2004-2006
PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA
RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 70%

Gvern ta' Malta
Diviżjoni Regolazzjoni Saħħa Pubblika
Ministeru għall-Politika Soċjali

Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard
5A, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104, www.sahha.gov.mt

# Physical activity in Women

Charles Micallef, B. Pharm (Hons), Cert (Exer&Fit), Fitness promoter, Health Promotion & Disease Prevention Department



### Introduction

Any form of voluntary muscular movements constitutes Physical Activity (PA). So, even if you clap your hands, or during housework, you are doing PA and burning calories. However, in order to obtain most benefits, the PA has to be planned and structured in a repetitive way. This therefore, constitutes the basis of 'exercise' such as brisk walking, treadmill running, bicycle, squatting and so on. If an element of competition is involved, then the PA becomes a 'sport'.

### Recommended amount of PA for women

It makes no difference whether you are male or female. The WHO recommends at least 30 minutes of moderate PA on most days of the week for general health and wellbeing (physically and mentally), but if there are underling problems of obesity, it is recommended to do more than just 30 minutes. One hour is ideal. This can be split into intervals of about 10 minutes throughout the whole day; in other words there is no need to do an hour straight of PA!

### What is the best exercise for loosing weight?

If your BMI (weight/height squared) is between 18.5 to 25, you are in the normal range but you still need to exercise moderately to maintain your correct weight. However, if your BMI is more than 25, then the exercise should be more intense. Joining a class of an exercise to music program (High or Hi-Low Impact Aerobics) will work perfectly well. Other recommended aerobic-type of activities include: brisk walking, jogging, rope skipping and active swimming (not just floating!).

### Exercise for women's general fitness

You may not have a specific fitness goal in your mind. This doesn't mean that you don't want to stay fit and healthy. The wonderful thing about fitness is that once you have reached a certain level, maintaining it is relatively easy. I suggest that you ask a personal trainer to give you a program that works out all the major muscle groups including your heart and lungs. The selected exercises should target and tone typical problem areas for women, namely the stomach, hips, bottom, thighs and the upper arms. It goes without saying that a good program should start with a warm up and conclude with a cool down and some good stretching as well. The drawback with a maintenance program is that you settle into a routine and stop pushing yourself to work harder and gain more health benefits.

### Exercise and osteoporosis

Many women experience poor bone health (osteoporosis). As a rule of the thumb, whenever there is a medical condition, one should always seek medical advice prior to embarking in any exercise plan. However, in general, weight bearing exercises coupled with a diet rich in dairy products, improve bone strength significantly. 'Weight bearing' does not necessarily mean going to a gym and lifting weights! Carrying or lifting your own body weight during jogging or whilst doing sit-ups, have tremendous benefits to the bone structure. On the other hand, due to the zero-gravity experience, swimming does little to improve bone strength.

### Exercise during period

There is no reason why you shouldn't continue doing your usual exercise while having your period. Some athletes however, prefer to regulate the time of their periods by going on the 'pill'. When training is intense, menstruation may stop completely because of a fall in the level of oestrogens (female hormones). Overtraining can also lead to a decrease in libido (sex drive). Very heavy periods can however interfere with exercise and, in severe cases, can cause anaemia which makes you feel very tired and results in poor performance during the competition. In such instances, it is best to seek medical advice.

### Exercise during pregnancy

Although your weight may increase by about 25% during pregnancy, you don't need to stop exercising. Indeed there is good evidence that regular exercise may improve the quality of the pregnancy and make your contractions more effective during labour. However, like any other medical condition, it is advised to speak with your doctor first. The exercises that are not recommended during pregnancy include: impact aerobics, skiing, contact sports, and scuba diving.

### Sportswear during exercising

If you're taking part in activities that involve rhythmic repetitive movements, such as long-distance running and aerobics, always wear a well-fitted sports bra or apply a lubricating jelly to your nipples to prevent irritation. It is also wise to invest in a good pair of shoes depending on the PA you are involved in since this can protect your feet and minimise injury.




# Spot the ball u irbaħ Nike Watch



Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mit-23 ta' Jannar 2009

Kompetizzjoni Spot the Ball,
'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata Nike Watch ġentilment mogħti lilna minn Urban Jungle.

## Soluzzjoni Ħarġa nru.20

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru.20 hija:
Jane Saliba - Qormi



# SPORTIV Kriss-Kross



## IRBAĦ WESTIN WEEKEND BREAK

THE WESTIN DRAGONARA RESORT Malta

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mit-23 ta' Jannar 2009:
**Kompetizzjoni Sportiv, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi**

Flimkien mat-tweġibiet trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 20



Ir-rebbieħ tal-Westin Weekend Break tal-Ħarġa Nru. 20 ta' Novembru 2008 huwa: Raymond Falzon - Gudja

**MIMDUDIN**

5) Il-....... Cup tal-Pool intlagħbet f'Malta (7)
7) Isem Puskas, il-footballer leġġendarju Ungeriż (6)
9) Kull atleta jieħu pjacir b'dan il-ħlas extra (5)
10) Brian beda l-karriera ma' Man Utd fl-1963 (4)
11) Il-laqam ta' Rabat Ajax FC u Newcastle FC (7)
13) Żarenu, footballer leġġendarju Malti tas-snin 60 (8)
16) Mhux Galopp (5)
17) Ciantar, champion mondjali tal-Powerboats P1 (5)
18) Speċi ta' 'vavalor' li jużaw l-atleti waqt it-taħriġ (3)
20) Il-kulur prinċipali ta' Floriana FC (5)
22) Dan hu l-qofol tal-istikka tal-billiard (3)
25) Carlo ilu jmexxi lil Milan mill-2001 (9)
26) L-għodda ewlenija tat-tennisti (6)
28) Kostruttur tal-Formula 1 - ... Honda (3)
30) Sukur, skorer prolifiku tat-Turkija (5)
31) Li sport Olimpiku tat-'tfigħ tal-lanza' (7)
33) Il-laqam jew kunjom fil-qasir ta' Giovanni Trapattoni (4)
35) 'Referee' tal-Baseball, Cricket u Hockey (6)
37) Il-kowċ Ġorġjan ta' Anarthosis FC ta' Ċipru (8)
38) Farrugia, ex-winger ta' Kirkop FC u Valletta FC (5)
39) Essien ta' Vittoriosa, ex-Hibernians u Tarxien R. (5)
40) Tim tal-Futbol ta' League One Ingliż, mhux LOVELY (6)
41) David, il-mibki goalkeeper internazzjonali Malti (6)

**WEQFIN**

1) Ronnie kien plejer fenominali ta' Sliema Wanderers (5)
2) Daniel, footballer Malti ta' Lokomotiv Sofia (10)
3) "Iż-.....", l-ewwel footballer professjonali Malti (5)
4) L-"....-Doping Convention" fl-isport twaqqfet fl-1989 (4)
6) Il-veru 'tajjeb' l-attakkant ta' Tarxein Rainbows FC (5)
8) L-aqwa waħda f'Malta issir fit-8 ta' Settembru (7)
11) Luciano kien implikat fl-iskandlu tal-football Taljan (5)
12) Ħin miżjud jew ".....-Time" (5)
14) Vince "...." Magro, ex-winger veloċi ta' Valletta FC (4)
15) Garry, l-aqwa player taċ-ċess ta' kull żmien (8)
18) Tal-ġilda, kamoxxa, lastiku u anke tad-deheb! (6)
19) Terry ma ħafirlux lil Maradona tal-'Mano di Dio' (7)
21) The ..... - tellieqa tal-karozzi, muturi u trakkijiet (5)
23) Fil-Boċċi min ikun l-eqreb tiegħu jirbaħ (4)
24) Cassar, ġerrej famuż fil-korsa tal-Marsa (6)
27) Noel lagħab aktar minn 300 logħba ma' Sliema W. (6)
29) "Hill ....." - tip ta' kompetizzjoni tal-karozzi (5)
31) Is-'sewwieq' taż-żwiemel (6)
32) L-i...... sportiv għandu jiġi l-ewwel fl-isport (6)
33) It-'.... Work' huwa importanti f'kull sport tat-timijiet (4)
34) Kull kowċ ikollu wieħed qabel l-avveniment sportiv (4)
36) Rehhagel, kowċ rebbieħ tal-UEFA Euro 2004 (4)


3 Great ideas for this Sunday
Montekristo's
BOTTLE SHOP
Open all day, with a large selection of wines to choose from.
Montekristo's
SUNDAY LUNCH
Lunch served from 12pm onwards in The Alcoves Restaurant
Montekristo's
WINE BAR
Open on Friday & Saturday Night & Sunday Afternoons
MONTEKRISTO ESTATES
Montekristo Estates, Hal Farrug Rd, L/O Siggiewi, Malta Tel 9992 1151 email info@mkleisure.com / www.mkleisure.com


NATIONAL GEOGRAPHIC ENTERTAINMENT
INVITES YOU TO EXPERIENCE
U23D
U23D ONLY IN IMAX 3D AND DIGITAL 3D THEATERS
G GENERAL AUDIENCES
3ALITY
www.U23Dmovie.com
NATIONAL GEOGRAPHIC
SPECIAL PREVIEW: 27 DECEMBER | STARTING FROM: 31 DECEMBER
ONLY AT EMPIRE
cinema complex bugibba

*Rigal Maġiku għal dan il-Milied...*
*...l-ewwel Disney Show f'Malta!*

# OFFERTA SPEĊJALI!!

## GĦAL MIN GĦANDU FAMILJA

## IXTRI 3 BILJETTI U TINGĦATA 1 B'XEJN!

POSTIJIET LIMITATI!!




## SPETTAKLU UNIKU GĦALL-FAMILJA KOLLHA

**22-25 JAN '09** MFCC, TA' QALI, MALTA

## IXTRU L-BILJETTI MINN:

# www.disneylivemalta.com

The Embassy - il-Belt Valletta
112 Firehouse - il-Fortizza, Sliema
Main Street Shopping Complex - Raħal il-Gdid
Baystreet - San Giljan
The Model Shop - l-Iklin
The Duke Shopping Mall - Rabat, Għawdex

GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI IBGĦATU EMAIL LIL:
customercare@disneylivemalta.com

TICKET HOTLINE: 7922 5250

MTELLA MINN: MICRA EVENTS & SERVICES LTD.

B'KOLLABORAZZJONI TA': switch www.switch.com.mt

BL-GĦAJNUNA TA':

CITROËN · mothercare · EXCELSIOR · BOV Bank of Valletta · circle · X 100.2 · KONICA MINOLTA · MINDING INTERNATIONAL · The Duke Shopping Mall Victoria, Gozo · GO · 112 one twelve Firehouse · Xarabank · Logografix · GEOX · KRISTAL frutaqua · MFCC · The Model Shop · Nestlé · EC Travel Services Ltd.